Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

2024/0319(COD)

14.5.2025

EMENDI
25 - 685

Abbozz ta' rapport
Céline Imart
(PE772.032v01-00)

It-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-provvista tal-ikel

Proposta għal regolament
(COM(2024)0577 – 2024/0319(COD))

Emenda 25
Christine Singer

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Is-settur agrikolu, b'mod partikolari l-bdiewa, qegħdin jiffaċċjaw firxa ta' sfidi. Il-pandemija tal-COVID-19 u l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja li għaddejja bħalissa kontra l-Ukrajna wasslu għal żieda bla preċedent fl-ispejjeż tal-inputs agrikoli relatati mal-enerġija u għal perjodu twil ta' inflazzjoni għolja, li affettwaw l-ispejjeż tal-bdiewa u l-prezzijiet tal-ikel. B'mod parallel, il-bdiewa jkomplu jwettqu sforzi biex jagħmlu l-produzzjoni tagħhom aktar sostenibbli mill-aspett ambjentali. Ħafna konsumaturi, li jħabbtu wiċċhom ma' żieda fl-għoli tal-ħajja, qalbu wkoll ix-xejriet tal-konsum tagħhom għal prodotti tal-ikel li huma inqas għaljin. ***Dan kompla jiddistabbilizza d-distribuzzjoni tal-valur miżjud tul il-katina tal-provvista tal-ikel u żied il-livell ta' inċertezza li joperaw fih il-bdiewa, biex b'hekk qajjem protesti u sfidużja.*** Għalhekk huwa xieraq li jiġu adottati miżuri biex jiġu indirizzati dawk l-isfidi u tiġi restawrata l-fiduċja tal-atturi fil-katina tal-provvista tal-ikel.	(1) Is-settur agrikolu, b'mod partikolari l-bdiewa, qegħdin jiffaċċjaw firxa ta' sfidi. Il-pandemija tal-COVID-19 u l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja li għaddejja bħalissa kontra l-Ukrajna wasslu għal żieda bla preċedent fl-ispejjeż tal-inputs agrikoli relatati mal-enerġija u għal perjodu twil ta' inflazzjoni għolja, li affettwaw l-ispejjeż tal-bdiewa u l-prezzijiet tal-ikel. B'mod parallel, il-bdiewa jkomplu jwettqu sforzi biex jagħmlu l-produzzjoni tagħhom aktar sostenibbli mill-aspett ambjentali. Ħafna konsumaturi, li jħabbtu wiċċhom ma' żieda fl-għoli tal-ħajja, qalbu wkoll ix-xejriet tal-konsum tagħhom għal prodotti tal-ikel li huma inqas għaljin. Għalhekk huwa xieraq li jiġu adottati miżuri biex jiġu indirizzati dawk l-isfidi u tiġi restawrata l-fiduċja tal-atturi fil-katina tal-provvista tal-ikel.

Or. en

Emenda 26
Luke Ming Flanagan, Arash Saeidi
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Is-settur agrikolu, b'mod partikolari l-bdiewa, qegħdin jiffaċċjaw firxa ta' sfidi.	(1) Is-settur agrikolu, b'mod partikolari l-bdiewa, qegħdin jiffaċċjaw firxa ta' sfidi.

Il-pandemija tal-COVID-19 ***u l-gwerra*** ta' aggressjoni tar-Russja li għaddejja bħalissa kontra l-Ukrajna wasslu għal żieda bla preċedent fl-ispejjeż tal-inputs agrikoli relatati mal-enerġija u għal perjodu twil ta' inflazzjoni għolja, li ***affettwaw l-ispejjeż tal-bdiewa u*** l-prezzijiet tal-ikel***.*** B'mod parallel, il-bdiewa jkomplu jwettqu sforzi biex jagħmlu l-produzzjoni tagħhom aktar sostenibbli mill-aspett ambjentali. Ħafna konsumaturi, li jħabbtu wiċċhom ma' żieda fl-għoli tal-ħajja, qalbu wkoll ix-xejriet tal-konsum tagħhom għal prodotti tal-ikel li huma inqas għaljin. Dan kompla jiddistabbilizza d-distribuzzjoni tal-valur miżjud tul il-katina tal-provvista tal-ikel u żied il-livell ta' inċertezza li joperaw fih il-bdiewa, biex b'hekk qajjem protesti u sfiduċja. Għalhekk huwa xieraq li jiġu adottati miżuri biex jiġu indirizzati dawk l-isfidi u tiġi restawrata l-fiduċja tal-atturi fil-katina tal-provvista tal-ikel.	Il-pandemija tal-COVID-19***, il-globalizzazzjoni tal-katina tal-provvista tal-ikel u l-politika kummerċjali internazzjonali tal-UE li tesponi lill-bdiewa tal-UE għal kompetizzjoni inġusta, din flimkien mal-gwerra*** ta' aggressjoni tar-Russja li għaddejja bħalissa kontra l-Ukrajna wasslu għal żieda bla preċedent fl-ispejjeż tal-inputs agrikoli relatati mal-enerġija u għal perjodu twil ta' inflazzjoni għolja, li ***dgħajfu l-vijabbiltà ta' ħafna intrapriżi agrikoli u żiedu*** l-prezzijiet tal-ikel ***għall-konsumaturi;*** B'mod parallel, il-bdiewa jkomplu jwettqu sforzi biex jagħmlu l-produzzjoni tagħhom aktar sostenibbli mill-aspett ambjentali. Ħafna konsumaturi, li jħabbtu wiċċhom ma' żieda fl-għoli tal-ħajja, qalbu wkoll ix-xejriet tal-konsum tagħhom għal prodotti tal-ikel li huma inqas għaljin. Dan kompla jiddistabbilizza d-distribuzzjoni tal-valur miżjud tul il-katina tal-provvista tal-ikel u żied il-livell ta' inċertezza li joperaw fih il-bdiewa, biex b'hekk qajjem protesti u sfiduċja. Għalhekk huwa xieraq li jiġu adottati miżuri biex jiġu indirizzati dawk l-isfidi u tiġi restawrata l-fiduċja tal-atturi fil-katina tal-provvista tal-ikel.
	Or. en

Emenda 27
Mireia Borrás Pabón

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Is-settur agrikolu, b'mod partikolari l-bdiewa, qegħdin jiffaċċjaw firxa ta' sfidi. Il-pandemija tal-COVID-19 u l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja li għaddejja bħalissa kontra l-Ukrajna ***wasslu għal*** żieda bla preċedent fl-ispejjeż tal-inputs agrikoli relatati mal-enerġija u għal perjodu twil ta' inflazzjoni għolja, li affettwaw l-ispejjeż	(1) Is-settur agrikolu, b'mod partikolari l-bdiewa, qegħdin jiffaċċjaw firxa ta' sfidi. ***Il-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt u l-Istrateġija għall-Bijodiversità 2030 tiegħu,*** il-pandemija tal-COVID-19 u l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja li għaddejja bħalissa kontra l-Ukrajna wasslu għal żieda bla preċedent fl-

tal-bdiewa u l-prezzijiet tal-ikel. B’mod parallel, il-bdiewa jkomplu jwettqu sforzi biex jagħmlu l-produzzjoni tagħhom aktar sostenibbli mill-aspett ambjentali. Ħafna konsumaturi, li jħabbtu wiċċhom ma’ żieda fl-għoli tal-ħajja, qalbu wkoll ix-xejriet tal-konsum tagħhom għal prodotti tal-ikel li huma inqas għaljin. Dan kompla jiddistabbilizza d-distribuzzjoni tal-valur miżjud tul il-katina tal-provvista tal-ikel u żied il-livell ta’ inċertezza li joperaw fih il-bdiewa, biex b’hekk qajjem protesti u sfiduċja. Għalhekk huwa xieraq li jiġu adottati miżuri biex jiġu indirizzati dawk l-isfidi u tiġi restawrata l-fiduċja tal-atturi fil-katina tal-provvista tal-ikel.

ispejjeż ***tal-produzzjoni u*** tal-inputs agrikoli relatati mal-enerġija ***li kkontribwew*** għal perjodu twil ta’ inflazzjoni għolja, li affettwaw l-ispejjeż tal-bdiewa u l-prezzijiet tal-ikel. B’mod parallel, il-bdiewa jkomplu jwettqu sforzi biex jagħmlu l-produzzjoni tagħhom aktar sostenibbli mill-aspett ambjentali. Ħafna konsumaturi, li jħabbtu wiċċhom ma’ żieda fl-għoli tal-ħajja, qalbu wkoll ix-xejriet tal-konsum tagħhom għal prodotti tal-ikel li huma inqas għaljin. Dan kompla jiddistabbilizza d-distribuzzjoni tal-valur miżjud tul il-katina tal-provvista tal-ikel u żied il-livell ta’ inċertezza li joperaw fih il-bdiewa, biex b’hekk qajjem protesti u sfiduċja. Għalhekk huwa xieraq ***li jiġi rieżaminat fil-fond il-Patt Ekoloġiku Ewropew,*** li jiġu adottati miżuri biex jiġu indirizzati dawk l-isfidi u tiġi restawrata l-fiduċja tal-atturi fil-katina tal-provvista tal-ikel.

Or. es

Emenda 28
Paulo Do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Is-settur agrikolu, b’mod partikolari l-bdiewa, qegħdin jiffaċċjaw firxa ta’ sfidi. Il-pandemija tal-COVID-19 u l-gwerra ta’ aggressjoni tar-Russja li għaddejja bħalissa kontra l-Ukrajna wasslu għal żieda bla preċedent fl-ispejjeż tal-inputs agrikoli relatati mal-enerġija u għal perjodu twil ta’ inflazzjoni għolja, li affettwaw l-ispejjeż tal-bdiewa u l-prezzijiet tal-ikel. B’mod parallel, il-bdiewa jkomplu jwettqu sforzi biex jagħmlu l-produzzjoni tagħhom aktar sostenibbli mill-aspett ambjentali. Ħafna konsumaturi, li jħabbtu wiċċhom ma’ żieda fl-għoli tal-ħajja, qalbu wkoll ix-xejriet tal-	(1) Is-settur agrikolu, b’mod partikolari l-bdiewa, qegħdin jiffaċċjaw firxa ta’ sfidi. Il-pandemija tal-COVID-19***, l-impożizzjoni ta’ tariffi addizzjonali b’riżultat tal-kunflitti kummerċjali,*** u l-gwerra ta’ aggressjoni tar-Russja li għaddejja bħalissa kontra l-Ukrajna wasslu għal żieda bla preċedent fl-ispejjeż tal-inputs agrikoli relatati mal-enerġija u għal perjodu twil ta’ inflazzjoni għolja, li affettwaw l-ispejjeż tal-bdiewa u l-prezzijiet tal-ikel. B’mod parallel, il-bdiewa jkomplu jwettqu sforzi biex jagħmlu l-produzzjoni tagħhom aktar sostenibbli mill-aspett ambjentali. Ħafna

konsum tagħhom għal prodotti tal-ikel li huma inqas għaljin. Dan kompla jiddistabbilizza d-distribuzzjoni tal-valur miżjud tul il-katina tal-provvista tal-ikel u żied il-livell ta' inċertezza li joperaw fih il-bdiewa, biex b'hekk qajjem protesti u sfiduċja. Għalhekk huwa xieraq li jiġu adottati miżuri biex jiġu indirizzati dawk l-isfidi u tiġi restawrata l-fiduċja tal-atturi fil-katina tal-provvista tal-ikel.

konsumaturi, li jħabbtu wiċċhom ma' żieda fl-għoli tal-ħajja, qalbu wkoll ix-xejriet tal-konsum tagħhom għal prodotti tal-ikel li huma inqas għaljin. Dan kompla jiddistabbilizza d-distribuzzjoni tal-valur miżjud tul il-katina tal-provvista tal-ikel u żied il-livell ta' inċertezza li joperaw fih il-bdiewa, biex b'hekk qajjem protesti u sfiduċja. Għalhekk huwa xieraq li jiġu adottati miżuri biex jiġu indirizzati dawk l-isfidi u tiġi restawrata l-fiduċja tal-atturi fil-katina tal-provvista tal-ikel.

Or. pt

Emenda 29
Sebastian Everding

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Is-settur agrikolu, b'mod partikolari l-bdiewa, qegħdin jiffaċċjaw firxa ta' sfidi. Il-pandemija tal-COVID-19 u l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja li għaddejja bħalissa kontra l-Ukrajna wasslu għal żieda bla preċedent fl-ispejjeż tal-inputs agrikoli relatati mal-enerġija u għal perjodu twil ta' inflazzjoni għolja, li affettwaw l-ispejjeż tal-bdiewa u l-prezzijiet tal-ikel. B'mod parallel, il-bdiewa jkomplu jwettqu sforzi biex jagħmlu l-produzzjoni tagħhom aktar sostenibbli mill-aspett ambjentali. Ħafna konsumaturi, li jħabbtu wiċċhom ma' żieda fl-għoli tal-ħajja, qalbu wkoll ix-xejriet tal-konsum tagħhom għal prodotti tal-ikel li huma inqas għaljin. Dan kompla jiddistabbilizza d-distribuzzjoni tal-valur miżjud tul il-katina tal-provvista tal-ikel u żied il-livell ta' inċertezza li joperaw fih il-bdiewa, biex b'hekk qajjem protesti u sfiduċja. Għalhekk huwa xieraq li jiġu adottati miżuri biex jiġu indirizzati dawk l-isfidi u tiġi restawrata l-fiduċja tal-atturi	(1) Is-settur agrikolu, b'mod partikolari l-bdiewa, qegħdin jiffaċċjaw firxa ta' sfidi. Il-pandemija tal-COVID-19***, żieda fl-eventi tat-temp estrem minħabba t-tibdil fil-klima*** u l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja li għaddejja bħalissa kontra l-Ukrajna wasslu għal żieda bla preċedent fl-ispejjeż tal-inputs agrikoli relatati mal-enerġija u għal perjodu twil ta' inflazzjoni għolja, li affettwaw l-ispejjeż tal-bdiewa u l-prezzijiet tal-ikel. B'mod parallel, il-bdiewa jkomplu jwettqu sforzi biex jagħmlu l-produzzjoni tagħhom aktar sostenibbli mill-aspett ambjentali. Ħafna konsumaturi, li jħabbtu wiċċhom ma' żieda fl-għoli tal-ħajja, qalbu wkoll ix-xejriet tal-konsum tagħhom għal prodotti tal-ikel li huma inqas għaljin. Dan kompla jiddistabbilizza d-distribuzzjoni tal-valur miżjud tul il-katina tal-provvista tal-ikel u żied il-livell ta' inċertezza li joperaw fih il-bdiewa, biex b'hekk qajjem protesti u sfiduċja. Għalhekk huwa xieraq li jiġu adottati miżuri biex jiġu indirizzati dawk l-

fil-katina tal-provvista tal-ikel.

isfidi u tiġi restawrata l-fiduċja tal-atturi fil-katina tal-provvista tal-ikel.

Or. en

Emenda 30
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Is-settur agrikolu, b'mod partikolari l-bdiewa, qegħdin jiffaċċjaw firxa ta' sfidi. Il-pandemija tal-COVID-19 u l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja li għaddejja bħalissa kontra l-Ukrajna wasslu għal żieda bla preċedent fl-ispejjeż tal-inputs agrikoli relatati mal-enerġija u għal perjodu twil ta' inflazzjoni għolja, li affettwaw l-ispejjeż tal-bdiewa u l-prezzijiet tal-ikel. B'mod parallel, il-bdiewa jkomplu jwettqu sforzi biex jagħmlu l-produzzjoni tagħhom aktar sostenibbli mill-aspett ambjentali. Ħafna konsumaturi, li jħabbtu wiċċhom ma' żieda fl-għoli tal-ħajja, qalbu wkoll ix-xejriet tal-konsum tagħhom għal prodotti tal-ikel li huma inqas għaljin. Dan kompla jiddistabbilizza d-distribuzzjoni tal-valur miżjud tul il-katina tal-provvista tal-ikel u żied il-livell ta' inċertezza li joperaw fih il-bdiewa, biex b'hekk qajjem protesti u sfiduċja. Għalhekk huwa xieraq li jiġu adottati miżuri biex jiġu indirizzati dawk l-isfidi u ***tiġi restawrata*** l-fiduċja tal-atturi fil-katina tal-provvista tal-ikel.	(1) Is-settur agrikolu, b'mod partikolari l-bdiewa, ***li jiżguraw is-sigurtà tal-ikel,*** qegħdin jiffaċċjaw firxa ta' sfidi. Il-pandemija tal-COVID-19 u l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja li għaddejja bħalissa kontra l-Ukrajna wasslu għal żieda bla preċedent fl-ispejjeż tal-inputs agrikoli relatati mal-enerġija u għal perjodu twil ta' inflazzjoni għolja, li affettwaw l-ispejjeż tal-bdiewa u l-prezzijiet tal-ikel. B'mod parallel, il-bdiewa jkomplu jwettqu sforzi biex jagħmlu l-produzzjoni tagħhom aktar sostenibbli mill-aspett ambjentali. Ħafna konsumaturi, li jħabbtu wiċċhom ma' żieda fl-għoli tal-ħajja, qalbu wkoll ix-xejriet tal-konsum tagħhom għal prodotti tal-ikel li huma inqas għaljin. Dan kompla jiddistabbilizza d-distribuzzjoni tal-valur miżjud tul il-katina tal-provvista tal-ikel u żied il-livell ta' inċertezza li joperaw fih il-bdiewa, biex b'hekk qajjem protesti u sfiduċja. Għalhekk huwa xieraq li jiġu adottati miżuri biex jiġu indirizzati dawk l-isfidi u ***jiġu restawrati l-ġustizzja u*** l-fiduċja tal-atturi fil-katina tal-provvista tal-ikel.

Or. ro

Emenda 31
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Is-settur agrikolu, b'mod partikolari l-bdiewa, qegħdin jiffaċċjaw firxa ta' sfidi. Il-pandemija tal-COVID-19 u l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja li għaddejja bħalissa kontra l-Ukrajna wasslu għal żieda bla preċedent fl-ispejjeż tal-inputs agrikoli relatati mal-enerġija u għal perjodu twil ta' inflazzjoni għolja, li affettwaw l-ispejjeż tal-bdiewa u l-prezzijiet tal-ikel. B'mod parallel, il-bdiewa jkomplu jwettqu sforzi biex jagħmlu l-produzzjoni tagħhom aktar sostenibbli mill-aspett ambjentali. Ħafna konsumaturi, li jħabbtu wiċċhom ma' żieda fl-għoli tal-ħajja, qalbu wkoll ix-xejriet tal-konsum tagħhom għal prodotti tal-ikel li huma inqas għaljin. Dan kompla jiddistabbilizza d-distribuzzjoni tal-valur miżjud tul il-katina tal-provvista tal-ikel u żied il-livell ta' inċertezza li joperaw fih il-bdiewa, biex b'hekk qajjem protesti u sfiduċja. Għalhekk huwa xieraq li jiġu adottati miżuri biex jiġu indirizzati dawk l-isfidi u tiġi restawrata l-fiduċja tal-atturi fil-katina tal-provvista tal-ikel.	(1) Is-settur agrikolu, b'mod partikolari l-bdiewa, qegħdin jiffaċċjaw firxa ta' sfidi. Il-pandemija tal-COVID-19 u l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja li għaddejja bħalissa kontra l-Ukrajna wasslu għal żieda bla preċedent fl-ispejjeż tal-inputs agrikoli relatati mal-enerġija u għal perjodu twil ta' inflazzjoni għolja, li affettwaw l-ispejjeż tal-bdiewa u l-prezzijiet tal-ikel. B'mod parallel, il-bdiewa jkomplu jwettqu sforzi biex jagħmlu l-produzzjoni tagħhom aktar sostenibbli mill-aspett ambjentali. Ħafna konsumaturi, li jħabbtu wiċċhom ma' żieda fl-għoli tal-ħajja, qalbu wkoll ix-xejriet tal-konsum tagħhom għal prodotti tal-ikel li huma inqas għaljin. Dan kompla jiddistabbilizza d-distribuzzjoni tal-valur miżjud tul il-katina tal-provvista tal-ikel u żied il-livell ta' inċertezza li joperaw fih il-bdiewa, ***u b'mod speċjali l-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira,*** biex b'hekk qajjem protesti u sfiduċja. Għalhekk huwa xieraq li jiġu adottati miżuri biex jiġu indirizzati dawk l-isfidi u tiġi restawrata l-fiduċja tal-atturi fil-katina tal-provvista tal-ikel***, u fl-istess ħin ikunu jistgħu jiġu protetti l-introjti tal-bdiewa u jissaħħu r-reżiljenza u s-sostenibbiltà tas-settur agroalimentari u tiżdied il-fiduċja taż-żgħażagħ f'dik il-professjoni***.

Or. ro

Emenda 32
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Proposta għal regolament
Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) Huwa vitali li jiġi żgurat bilanċ

bejn ir-remunerazzjoni ġusta tal-bdiewa u l-garanzija ta' ikel bi prezz raġonevoli għall-konsumaturi. Fl-istess ħin, in-nuqqas ta' kooperazzjoni fost il-bdiewa u l-frammentazzjoni tal-istruttura tal-produzzjoni agrikola jikkontribwixxu biex dawn isiru aktar vulnerabbli mill-atturi l-oħra fil-katina tal-provvista tal-ikel. Li jiġu mħeġġa forom moderni ta' assoċjazzjoni, bħal kooperattivi, gruppi ta' produtturi u raggruppamenti agroalimentari, huwa essenzjali biex tissaħħaħ il-pożizzjoni tagħhom, għall-aċċess għal finanzjament, għad-diġitalizzazzjoni u għal kompetittività akbar.

Or. ro

Emenda 33
Mireia Borrás Pabón

Proposta għal regolament
Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) Iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka jemmen li l-istrateġiji imposti fil-qafas tal-Patt Ekoloġiku Ewropew (mill-Għalqa sal-Platt u għall-Bijodiversità 2030) iwasslu għal żieda netta fl-ispejjeż tal-produzzjoni ta' madwar 10 %, u b'hekk iwessgħu d-distakk kompetittiv mal-kompetituri internazzjonali. Għalhekk jenħtieġ li l-Patt Ekoloġiku Ewropew jiġi mmodifikat b'mod fundamentali.

Or. es

Emenda 34
Carmen Crespo Díaz

Proposta għal regolament
Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) It-tishiħ tar-rwol tal-Organizzazzjonijiet ta' Produtturi bħala ġeneraturi ta' valur miżjud permezz ta' politiki pubbliċi li jikkontribwixxu għat-titjib tal-profittabbiltà, il-viżibbiltà u l-kompetittività tal-prodotti tal-membri tagħhom, kif ukoll għat-titjib tal-kapaċità ta' negozjar tagħhom.

Or. es

Emenda 35
Carmen Crespo Díaz

Proposta għal regolament
Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) Mingħajr preġudizzju għall-promozzjoni ta' ktajjen tal-provvista qosra bħala għodda għat-trasparenza, il-ġustizzja ekonomika, u r-rivitalizzazzjoni rurali, għandu jiġi żgurat li d-definizzjoni ta' "katina tal-provvista qasira" ma toħloqx ostakoli għall-funzjonament tas-Suq Uniku jew għall-moviment ħieles tal-merkanzija fi ħdan l-Unjoni; f'dan ir-rigward, il-kunċett ta' prossimità ġeografika għandu jiġi interpretat b'mod flessibbli, b'viżjoni Ewropea u sens strateġiku, bħala spazju solidu u koeżiv b'normi u standards ta' produzzjoni kondiviżi.

Or. es

Emenda 36
Anna Strolenberg
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament

Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Fl-interess ta' fiduċja u ekwità akbar tul il-katina tal-provvista tal-ikel, it-termini "ġust", "ekwu" jew termini ekwivalenti, jenħtieġ li jintużaw biss biex jiġu indikati modalitajiet kummerċjali li jiżguraw l-istabbiltà u t-trasparenza fir-relazzjonijiet kummerċjali bejn il-bdiewa u x-xerrejja u l-ipprezzar ikkunsidrat ekwu mill-bdiewa parteċipanti, u li jappoġġaw u jikkontribwixxu għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, inkluż b'mod li jkun konsistenti mal-Anness I tad-Direttiva (UE) 2024/1760 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5].	***imħassar***

[5] Id-Direttiva (UE) 2024/1760 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 dwar id-diliġenza dovuta tas-sostenibbiltà korporattiva u li temenda d-Direttiva (UE) 2019/1937 u r-Regolament (UE) 2023/2859, (ĠU L, 2024/1760, 5.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1760/oj)
.

Or. en

Emenda 37
Christine Singer

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Fl-interess ta' fiduċja u ekwità akbar tul il-katina tal-provvista tal-ikel, it-termini "ġust", "ekwu" jew termini ekwivalenti, jenħtieġ li jintużaw biss biex jiġu indikati modalitajiet kummerċjali li jiżguraw l-istabbiltà u t-trasparenza fir-	***imħassar***

relazzjonijiet kummerċjali bejn il-bdiewa u x-xerrejja u l-ipprezzar ikkunsidrat ekwu mill-bdiewa parteċipanti, u li jappoġġaw u jikkontribwixxu għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, inkluż b'mod li jkun konsistenti mal-Anness I tad-Direttiva (UE) 2024/1760 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5].

---

[5] Id-Direttiva (UE) 2024/1760 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 dwar id-diliġenza dovuta tas-sostenibbiltà korporattiva u li temenda d-Direttiva (UE) 2019/1937 u r-Regolament (UE) 2023/2859, (ĠU L, 2024/1760, 5.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1760/oj)
.

Or. en

Emenda 38
Mireia Borrás Pabón

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Fl-interess ta' fiduċja u ekwità akbar tul il-katina tal-provvista tal-ikel, it-termini "ġust", "ekwu" jew termini ekwivalenti, jenħtieġ li jintużaw biss biex jiġu indikati modalitajiet kummerċjali li jiżguraw l-istabbiltà u t-trasparenza fir-relazzjonijiet kummerċjali bejn il-bdiewa u x-xerrejja u l-ipprezzar ikkunsidrat ekwu mill-bdiewa parteċipanti, u li jappoġġaw u jikkontribwixxu ***għall-Għanijiet ta'*** Żvilupp ***Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, inkluż b'mod li jkun konsistenti mal-Anness I tad-Direttiva (UE) 2024/1760 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5].***	(3) Fl-interess ta' fiduċja u ekwità akbar tul il-katina tal-provvista tal-ikel, it-termini "ġust", "ekwu" jew termini ekwivalenti, jenħtieġ li jintużaw biss biex jiġu indikati modalitajiet kummerċjali li jiżguraw l-istabbiltà u t-trasparenza fir-relazzjonijiet kummerċjali bejn il-bdiewa u x-xerrejja u l-ipprezzar ikkunsidrat ekwu mill-bdiewa parteċipanti, u li jappoġġaw u jikkontribwixxu ***għall-iżvilupp tal-komunitajiet rurali.***

---

[5] Id-Direttiva (UE) 2024/1760 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 dwar id-diliġenza dovuta tas-sostenibbiltà korporattiva u li temenda d-Direttiva (UE) 2019/1937 u r-Regolament (UE) 2023/2859, (ĠU L, 2024/1760, 5.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1760/oj)
.

Or. es

Emenda 39
Gilles Pennelle, Valérie Deloge

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Fl-interess ta' fiduċja u ekwità akbar tul il-katina tal-provvista tal-ikel, it-termini "ġust", "ekwu" jew termini ekwivalenti, jenħtieġ li jintużaw biss biex jiġu indikati modalitajiet kummerċjali li jiżguraw l-istabbiltà u t-trasparenza fir-relazzjonijiet kummerċjali bejn il-bdiewa u x-xerrejja u l-ipprezzar ikkunsidrat ekwu mill-bdiewa parteċipanti, ***u li jappoġġaw u jikkontribwixxu għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti,*** inkluż b'mod li jkun konsistenti mal-Anness I tad-Direttiva (UE) 2024/1760 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5] .	(3) Fl-interess ta' fiduċja u ekwità akbar tul il-katina tal-provvista tal-ikel, it-termini "ġust", "ekwu" jew termini ekwivalenti, jenħtieġ li jintużaw biss biex jiġu indikati modalitajiet kummerċjali li jiżguraw l-istabbiltà u t-trasparenza fir-relazzjonijiet kummerċjali bejn il-bdiewa u x-xerrejja u l-ipprezzar ikkunsidrat ekwu mill-bdiewa parteċipanti, inkluż b'mod li jkun konsistenti mal-Anness I tad-Direttiva (UE) 2024/1760 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5] .
[5] Id-Direttiva (UE) 2024/1760 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 dwar id-diliġenza dovuta tas-sostenibbiltà korporattiva u li temenda d-Direttiva (UE) 2019/1937 u r-Regolament (UE) 2023/2859, (ĠU L, 2024/1760, 5.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1760/oj).	[5] Id-Direttiva (UE) 2024/1760 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 dwar id-diliġenza dovuta tas-sostenibbiltà korporattiva u li temenda d-Direttiva (UE) 2019/1937 u r-Regolament (UE) 2023/2859, (ĠU L, 2024/1760, 5.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1760/oj).

Or. fr

Emenda 40
Paulo Do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Fl-interess ta' fiduċja u ekwità akbar tul il-katina tal-provvista tal-ikel, it-termini "ġust", "ekwu" jew termini ekwivalenti, jenħtieġ li jintużaw biss biex jiġu indikati modalitajiet kummerċjali li jiżguraw l-istabbiltà u t-trasparenza fir-relazzjonijiet kummerċjali bejn il-bdiewa u x-xerrejja u l-ipprezzar ikkunsidrat ekwu mill-bdiewa parteċipanti, u li jappoġġaw u jikkontribwixxu għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, inkluż b'mod li jkun konsistenti mal-Anness I tad-Direttiva (UE) 2024/1760 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5].	(3) Fl-interess ta' fiduċja u ekwità akbar tul il-katina tal-provvista tal-ikel, it-termini "ġust", "ekwu" jew termini ekwivalenti, jenħtieġ li jintużaw biss biex jiġu indikati modalitajiet kummerċjali li jiżguraw l-istabbiltà u t-trasparenza fir-relazzjonijiet kummerċjali bejn il-bdiewa u x-xerrejja u l-ipprezzar ikkunsidrat ekwu mill-bdiewa parteċipanti, u li jappoġġaw u jikkontribwixxu għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, inkluż b'mod li jkun konsistenti mal-Anness I tad-Direttiva (UE) 2024/1760 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5]. ***Għalhekk huwa essenzjali li jiġi ggarantit ipprezzar trasparenti u li l-valur jiġi ddistribwit b'mod proporzjonali tul il-katina u jirrifletti l-isforzi li saru u r-riskji li tassumi kull parti, b'mod partikolari l-bdiewa, li jirrappreżentaw l-aktar rabta vulnerabbli fil-katina.***
[5] Id-Direttiva (UE) 2024/1760 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 dwar id-diliġenza dovuta tas-sostenibbiltà korporattiva u li temenda d-Direttiva (UE) 2019/1937 u r-Regolament (UE) 2023/2859, (ĠU L, 2024/1760, 5.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1760/oj).	[5] Id-Direttiva (UE) 2024/1760 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 dwar id-diliġenza dovuta tas-sostenibbiltà korporattiva u li temenda d-Direttiva (UE) 2019/1937 u r-Regolament (UE) 2023/2859, (ĠU L, 2024/1760, 5.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1760/oj).

Or. pt

Emenda 41
Carola Rackete

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Fl-interess ta' fiduċja u ekwità akbar tul il-katina tal-provvista tal-ikel, it-termini "ġust", "ekwu" jew termini ekwivalenti, jenħtieġ li jintużaw biss biex jiġu indikati modalitajiet kummerċjali li jiżguraw l-istabbiltà u t-trasparenza fir-relazzjonijiet kummerċjali bejn il-bdiewa u x-xerrejja u l-ipprezzar ikkunsidrat ekwu mill-bdiewa parteċipanti, u li jappoġġaw u jikkontribwixxu għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, inkluż b'mod li jkun konsistenti mal-Anness I tad-Direttiva (UE) 2024/1760 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5].	(3) Fl-interess ta' fiduċja u ekwità akbar tul il-katina tal-provvista tal-ikel, it-termini "ġust", "ekwu" jew termini ekwivalenti, jenħtieġ li jintużaw biss biex jiġu indikati modalitajiet kummerċjali li jiżguraw l-istabbiltà***, b'mod partikolari permezz ta' kuntratti pluriennali,*** u t-trasparenza fir-relazzjonijiet kummerċjali bejn il-bdiewa u x-xerrejja u l-ipprezzar ikkunsidrat ekwu mill-bdiewa parteċipanti, u li jappoġġaw u jikkontribwixxu għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, inkluż b'mod li jkun konsistenti mal-Anness I tad-Direttiva (UE) 2024/1760 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5].

[5] Id-Direttiva (UE) 2024/1760 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 dwar id-diliġenza dovuta tas-sostenibbiltà korporattiva u li temenda d-Direttiva (UE) 2019/1937 u r-Regolament (UE) 2023/2859, (ĠU L, 2024/1760, 5.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1760/oj)
.

Or. en

Emenda 42
Barry Cowen, Asger Christensen, Benoit Cassart, Charles Goerens

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Fl-interess ta' fiduċja u ekwità akbar tul il-katina tal-provvista tal-ikel, it-termini "ġust", "ekwu" jew termini ekwivalenti, jenħtieġ li jintużaw biss biex	(3) Fl-interess ta' fiduċja u ekwità akbar tul il-katina tal-provvista tal-ikel, it-termini "ġust", "ekwu" jew termini ekwivalenti, jenħtieġ li jintużaw ***biss bil-***

jiġu indikati modalitajiet kummerċjali li jiżguraw l-istabbiltà u t-trasparenza fir-relazzjonijiet kummerċjali bejn il-bdiewa u x-xerrejja u l-ipprezzar ikkunsidrat ekwu mill-bdiewa parteċipanti, u li jappoġġaw u jikkontribwixxu għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, inkluż b'mod li jkun konsistenti mal-Anness I tad-Direttiva (UE) 2024/1760 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5].

[5] Id-Direttiva (UE) 2024/1760 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 dwar id-diliġenza dovuta tas-sostenibbiltà korporattiva u li temenda d-Direttiva (UE) 2019/1937 u r-Regolament (UE) 2023/2859, (ĠU L, 2024/1760, 5.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1760/oj).

kunsens minn qabel u infurmat tal-bidwi, biex jiġu indikati modalitajiet kummerċjali li jiżguraw l-istabbiltà u t-trasparenza fir-relazzjonijiet kummerċjali bejn il-bdiewa u x-xerrejja u l-ipprezzar ikkunsidrat ekwu mill-bdiewa parteċipanti, u li jappoġġaw u jikkontribwixxu għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, inkluż b'mod li jkun konsistenti mal-Anness I tad-Direttiva (UE) 2024/1760 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5].

[5] Id-Direttiva (UE) 2024/1760 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 dwar id-diliġenza dovuta tas-sostenibbiltà korporattiva u li temenda d-Direttiva (UE) 2019/1937 u r-Regolament (UE) 2023/2859, (ĠU L, 2024/1760, 5.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1760/oj).

Or. en

Emenda 43
Csaba Dömötör

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Fl-interess ta' fiduċja u ekwità akbar tul il-katina tal-provvista tal-ikel, it-termini "ġust", "ekwu" jew termini ekwivalenti, jenħtieġ li jintużaw biss biex jiġu indikati modalitajiet kummerċjali li jiżguraw l-istabbiltà u t-trasparenza fir-relazzjonijiet kummerċjali bejn il-bdiewa u x-xerrejja u l-ipprezzar ikkunsidrat ekwu mill-bdiewa parteċipanti, u li jappoġġaw u jikkontribwixxu għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, inkluż b'mod li jkun konsistenti mal-Anness I tad-Direttiva (UE) 2024/1760 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5].	(3) Fl-interess ta' fiduċja u ekwità akbar tul il-katina tal-provvista tal-ikel, it-termini "ġust", "ekwu" jew termini ekwivalenti, jenħtieġ li jintużaw biss ***bil-kunsens minn qabel tal-bidwi*** biex jiġu indikati modalitajiet kummerċjali li jiżguraw l-istabbiltà u t-trasparenza fir-relazzjonijiet kummerċjali bejn il-bdiewa u x-xerrejja u l-ipprezzar ikkunsidrat ekwu mill-bdiewa parteċipanti, u li jappoġġaw u jikkontribwixxu għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, inkluż b'mod li jkun konsistenti mal-Anness I tad-Direttiva (UE) 2024/1760 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5].

[5] Id-Direttiva (UE) 2024/1760 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 dwar id-diliġenza dovuta tas-sostenibbiltà korporattiva u li temenda d-Direttiva (UE) 2019/1937 u r-Regolament (UE) 2023/2859, (ĠU L, 2024/1760, 5.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1760/oj).

[5] Id-Direttiva (UE) 2024/1760 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 dwar id-diliġenza dovuta tas-sostenibbiltà korporattiva u li temenda d-Direttiva (UE) 2019/1937 u r-Regolament (UE) 2023/2859, (ĠU L, 2024/1760, 5.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1760/oj).

Or. en

Emenda 44
Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Fl-interess ta' fiduċja u ekwità akbar tul il-katina tal-provvista tal-ikel, it-termini "ġust", "ekwu" jew termini ekwivalenti, jenħtieġ li jintużaw biss biex jiġu indikati modalitajiet kummerċjali li jiżguraw l-istabbiltà u t-trasparenza fir-relazzjonijiet kummerċjali bejn il-bdiewa u x-xerrejja u l-ipprezzar ikkunsidrat ekwu mill-bdiewa parteċipanti, u li jappoġġaw u jikkontribwixxu għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, inkluż b'mod li jkun konsistenti mal-Anness I tad-Direttiva (UE) 2024/1760 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5].	(3) Fl-interess ta' fiduċja u ekwità akbar tul il-katina tal-provvista tal-ikel, it-termini "ġust", "ekwu" jew termini ekwivalenti, jenħtieġ li jintużaw biss ***bil-kunsens minn qabel tal-bidwi*** biex jiġu indikati modalitajiet kummerċjali li jiżguraw l-istabbiltà u t-trasparenza fir-relazzjonijiet kummerċjali bejn il-bdiewa u x-xerrejja u l-ipprezzar ikkunsidrat ekwu mill-bdiewa parteċipanti, u li jappoġġaw u jikkontribwixxu għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, inkluż b'mod li jkun konsistenti mal-Anness I tad-Direttiva (UE) 2024/1760 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5].

[5] Id-Direttiva (UE) 2024/1760 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 dwar id-diliġenza dovuta tas-sostenibbiltà korporattiva u li temenda d-Direttiva (UE) 2019/1937 u r-Regolament (UE) 2023/2859, (ĠU L, 2024/1760, 5.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1760/oj).

[5] Id-Direttiva (UE) 2024/1760 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 dwar id-diliġenza dovuta tas-sostenibbiltà korporattiva u li temenda d-Direttiva (UE) 2019/1937 u r-Regolament (UE) 2023/2859, (ĠU L, 2024/1760, 5.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1760/oj).

Or. en

Emenda 45
Luke Ming Flanagan, Arash Saeidi, Giuseppe Antoci
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Fl-interess ta' fiduċja u ekwità akbar tul il-katina tal-provvista tal-ikel, it-termini "ġust", "ekwu" jew termini ekwivalenti, jenħtieġ li jintużaw biss biex jiġu indikati modalitajiet kummerċjali li jiżguraw l-istabbiltà u t-trasparenza fir-relazzjonijiet kummerċjali bejn il-bdiewa u x-xerrejja u l-ipprezzar ikkunsidrat ekwu mill-bdiewa parteċipanti, u li jappoġġaw u jikkontribwixxu għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, inkluż b'mod li jkun konsistenti mal-Anness I tad-Direttiva (UE) 2024/1760 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5].	(3) Fl-interess ta' fiduċja u ekwità akbar tul il-katina tal-provvista tal-ikel, it-termini "ġust", "ekwu"***, "remunerattiv"*** jew termini ekwivalenti, jenħtieġ li jintużaw biss biex jiġu indikati modalitajiet kummerċjali li jiżguraw l-istabbiltà u t-trasparenza fir-relazzjonijiet kummerċjali bejn il-bdiewa u x-xerrejja u l-ipprezzar ikkunsidrat ekwu mill-bdiewa parteċipanti, u li jappoġġaw u jikkontribwixxu għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, inkluż b'mod li jkun konsistenti mal-Anness I tad-Direttiva (UE) 2024/1760 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5].
[5] Id-Direttiva (UE) 2024/1760 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 dwar id-diliġenza dovuta tas-sostenibbiltà korporattiva u li temenda d-Direttiva (UE) 2019/1937 u r-Regolament (UE) 2023/2859, (ĠU L, 2024/1760, 5.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1760/oj).	[5] Id-Direttiva (UE) 2024/1760 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 dwar id-diliġenza dovuta tas-sostenibbiltà korporattiva u li temenda d-Direttiva (UE) 2019/1937 u r-Regolament (UE) 2023/2859, (ĠU L, 2024/1760, 5.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1760/oj).

Or. en

Emenda 46
Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) Minn din il-perspettiva, iċ-ċentri agroalimentari bl-ingrossa għandhom rwol strateġiku għat-trasparenza tas-suq, peress li huma postijiet fejn jiltaqgħu direttament kuljum diversi bejjiegħa u xerrejja. Dan jippermetti li jiġu stabbiliti prezzijiet ibbażati fuq id-dinamika reali tad-domanda u l-provvista, u jikkostitwixxi referenza importanti għad-determinazzjoni tal-prezzijiet ekwi. Għalhekk, id-disponibbiltà ta' data oġġettiva dwar il-volumi nnegozjati u l-livelli tal-prezzijiet ipprattikati f'dawn il-kuntesti tista' tikkontribwixxi b'mod sinifikattiv għat-tisħiħ tal-fiduċja fil-katina tal-provvista, it-titjib tal-pożizzjoni kuntrattwali tal-bdiewa u l-appoġġ tal-mudelli ta' kummerċ ekwu u sostenibbli.
	Or. it

Emenda 47
Arash Saeidi

Proposta għal regolament
Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) Il-miżuri li għandhom l-għan li jsaħħu l-pożizzjoni tal-produtturi fil-katina tal-ikel iridu jkunu koerenti mal-politika kummerċjali tal-Unjoni. Huwa meħtieġ li jiġi stabbilit b'mod urġenti moratorju fuq in-negozju u r-ratifika tal-ftehimiet ta' kummerċ ħieles jekk joħolqu diffikultà għall-bdiewa Ewropej jew jesponuhom għal kompetizzjoni inġusta, b'mod partikolari permezz ta' prattiki li ma jħarsux l-istandards soċjali u ambjentali ekwivalenti għal dawk imposti mill-produtturi Ewropej.
	Or. fr

Emenda 48
Arash Saeidi

Proposta għal regolament
Premessa 3b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3b) Sabiex tissaħħaħ is-sovranità tal-ikel tal-Unjoni, jiġi appoġġat l-introjtu agrikolu u jiġu ggarantiti sistemi sostenibbli, huwa meħtieġ li tiġi promossa preferenza Ewropea għall-prodotti agrikoli tal-UE, b'mod partikolari fl-akkwist pubbliku u fis-sistemi għall-ħżin. Din il-preferenza trid tikkontribwixxi għat-tnaqqis tad-dipendenza fuq l-importazzjonijiet u għar-rilokazzjoni tal-valur miżjud.

Or. fr

Emenda 49
Bert-Jan Ruissen

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) It-terminu "katina tal-provvista qasira" jenħtieġ li jintuża biss biex jiġu indikati modalitajiet kummerċjali fejn tkun teżisti rabta ***diretta*** bejn il-bdiewa u l-konsumaturi li tippermetti skambju ***dirett*** dwar il-proċess tal-produzzjoni u l-prodott, inkluż permezz ta' komunikazzjoni mill-bogħod u/jew permezz ta' intermedjarju li jiżgura tali skambju fil-mument tal-bejgħ. Inkella, dan it-terminu jista' jintuża wkoll fejn tkun teżisti rabta mill-qrib bejn il-bdiewa u l-konsumaturi ***fil-prossimità*** ġeografika ***tagħhom***, inkluż f'kuntesti transfruntieri. Dan se jinċentiva lill-konsumaturi biex iħallsu prezzijiet li	(4) It-terminu "katina tal-provvista qasira" jenħtieġ li jintuża biss biex jiġu indikati modalitajiet kummerċjali fejn tkun teżisti rabta ***b'għadd limitat ta' intermedjarji*** bejn il-bdiewa ***jew kooperattivi jew OP*** u l-konsumaturi li tippermetti skambju dwar il-proċess tal-produzzjoni u l-prodott, inkluż permezz ta' komunikazzjoni mill-bogħod u/jew permezz ta' intermedjarju li jiżgura tali skambju fil-mument tal-bejgħ. Inkella, dan it-terminu jista' jintuża wkoll fejn tkun teżisti rabta mill-qrib bejn il-bdiewa u l-konsumaturi***, li tista' tieħu wkoll format diġitali, jew prossimità*** ġeografika, inkluż

jirremuneraw b'mod ġust lill-bdiewa għal dak li jipproduċu, isaħħaħ u jikkontribwixxi għall-iżvilupp taż-żoni rurali, itejjeb it-trasparenza fir-rigward tal-oriġini u l-metodi ta' produzzjoni tal-prodotti.

f'kuntesti transfruntieri. Dan se jinċentiva lill-konsumaturi biex iħallsu prezzijiet li jirremuneraw b'mod ġust lill-bdiewa għal dak li jipproduċu, isaħħaħ u jikkontribwixxi għall-iżvilupp taż-żoni rurali, itejjeb it-trasparenza fir-rigward tal-oriġini u l-metodi ta' produzzjoni tal-prodotti. ***Sabiex jiġu definiti l-intermedjarji bejn il-bidwi/il-kooperattiva/l-organizzazzjoni tal-produtturi u l-konsumatur, intermedjarju jenħtieġ li jinftiehem li jinvolvi l-element ta' trasferiment tas-sjieda tal-prodotti.***

Or. en

Emenda 50
Luke Ming Flanagan
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) It-terminu "katina tal-provvista qasira" jenħtieġ li jintuża biss biex jiġu indikati modalitajiet kummerċjali fejn tkun teżisti rabta diretta bejn il-bdiewa u l-konsumaturi li tippermetti skambju dirett dwar il-proċess tal-produzzjoni u l-prodott, inkluż permezz ta' komunikazzjoni mill-bogħod u/jew permezz ta' intermedjarju li jiżgura tali skambju fil-mument tal-bejgħ. Inkella, dan it-terminu jista' jintuża wkoll fejn tkun teżisti rabta mill-qrib bejn il-bdiewa u l-konsumaturi fil-prossimità ġeografika tagħhom, inkluż f'kuntesti transfruntieri. Dan se jinċentiva lill-konsumaturi biex iħallsu prezzijiet li jirremuneraw ***b'mod ġust*** lill-bdiewa għal dak li jipproduċu, isaħħaħ u jikkontribwixxi għall-iżvilupp taż-żoni rurali, itejjeb it-trasparenza fir-rigward tal-oriġini u l-metodi ta' produzzjoni tal-prodotti.	(4) It-terminu "katina tal-provvista qasira" jenħtieġ li jintuża biss biex jiġu indikati modalitajiet kummerċjali fejn tkun teżisti rabta diretta bejn il-bdiewa u l-konsumaturi li tippermetti skambju dirett dwar il-proċess tal-produzzjoni u l-prodott, ***jew rabta diretta bejn il-bdiewa involuti fi pproċessar ulterjuri fl-azjenda agrikola u l-bejjiegħa bl-imnut li huma l-aħħar ħolqa fil-katina tal-provvista*** inkluż permezz ta' komunikazzjoni mill-bogħod u/jew permezz ta' intermedjarju ***jew għadd limitat ta' intermedjarji*** li jiżgura tali skambju fil-mument tal-bejgħ. Inkella, dan it-terminu jista' jintuża wkoll fejn tkun teżisti rabta mill-qrib bejn il-bdiewa u l-konsumaturi fil-prossimità ġeografika tagħhom, inkluż f'kuntesti transfruntieri. Dan se jinċentiva lill-konsumaturi biex iħallsu prezzijiet li jirremuneraw ***bis-sħiħ*** lill-bdiewa għal dak li jipproduċu ***sabiex il-bdiewa jkunu jistgħu jiġġeneraw paga li***

	tiggarantixxi l-għajxien mill-intrapriżi tagħhom, isaħħaħ u jikkontribwixxi għall-iżvilupp taż-żoni rurali, itejjeb it-trasparenza fir-rigward tal-oriġini u l-metodi ta' produzzjoni tal-prodotti.

Or. en

Emenda 51
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) It-terminu "katina tal-provvista qasira" jenħtieġ li jintuża biss biex jiġu indikati modalitajiet kummerċjali fejn tkun teżisti rabta diretta bejn il-bdiewa u l-konsumaturi li tippermetti skambju dirett dwar il-proċess tal-produzzjoni u l-prodott, inkluż permezz ta' komunikazzjoni mill-bogħod u/jew permezz ta' intermedjarju li jiżgura tali skambju fil-mument tal-bejgħ. Inkella, dan it-terminu jista' jintuża wkoll fejn tkun teżisti rabta mill-qrib bejn il-bdiewa u l-konsumaturi fil-prossimità ġeografika tagħhom, inkluż f'kuntesti transfruntieri. Dan se jinċentiva lill-konsumaturi biex iħallsu prezzijiet li jirremuneraw b'mod ġust lill-bdiewa għal dak li jipproduċu, isaħħaħ u jikkontribwixxi għall-iżvilupp taż-żoni rurali, itejjeb it-trasparenza fir-rigward tal-oriġini u l-metodi ta' produzzjoni tal-prodotti.	(4) It-terminu "katina tal-provvista qasira" jenħtieġ li jintuża biss biex jiġu indikati modalitajiet kummerċjali fejn tkun teżisti rabta diretta bejn il-bdiewa u l-konsumaturi li tippermetti skambju dirett dwar il-proċess tal-produzzjoni u l-prodott, inkluż permezz ta' komunikazzjoni mill-bogħod u/jew permezz ta' intermedjarju li jiżgura tali skambju fil-mument tal-bejgħ. Inkella, dan it-terminu jista' jintuża wkoll fejn tkun teżisti rabta mill-qrib bejn il-bdiewa u l-konsumaturi fil-prossimità ġeografika tagħhom, inkluż f'kuntesti transfruntieri. Dan se jinċentiva lill-konsumaturi biex iħallsu prezzijiet li jirremuneraw b'mod ġust lill-bdiewa għal dak li jipproduċu, isaħħaħ u jikkontribwixxi għall-iżvilupp taż-żoni rurali, itejjeb it-trasparenza fir-rigward tal-oriġini u l-metodi ta' produzzjoni tal-prodotti. ***Il-mudell kummerċjali "katina tal-provvista qasira" se jgħin biex jagħti l-ħajja mill-ġdid lill-komunitajiet rurali fl-UE, inaqqas l-emigrazzjoni rurali u jiżgura li l-popolazzjoni lokali jkollha aċċess għal oġġetti tal-ikel ta' kwalità għolja, traċċabbli u sostenibbli.***

Or. ro

Emenda 52
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) It-terminu "katina tal-provvista qasira" jenħtieġ li jintuża biss biex jiġu indikati modalitajiet kummerċjali fejn tkun teżisti rabta diretta bejn il-bdiewa u l-konsumaturi li tippermetti skambju dirett dwar il-proċess tal-produzzjoni u l-prodott, inkluż permezz ta' komunikazzjoni mill-bogħod u/jew permezz ta' intermedjarju li jiżgura tali skambju fil-mument tal-bejgħ. Inkella, dan it-terminu jista' jintuża wkoll fejn tkun teżisti rabta mill-qrib bejn il-bdiewa u l-konsumaturi fil-prossimità ġeografika tagħhom, inkluż f'kuntesti transfruntieri. Dan se jinċentiva lill-konsumaturi biex iħallsu prezzijiet li jirremuneraw b'mod ġust lill-bdiewa għal dak li jipproduċu, isaħħaħ u jikkontribwixxi għall-iżvilupp taż-żoni rurali, itejjeb it-trasparenza fir-rigward tal-oriġini u l-metodi ta' produzzjoni tal-prodotti.	(4) It-terminu "katina tal-provvista qasira" jenħtieġ li jintuża biss biex jiġu indikati modalitajiet kummerċjali fejn tkun teżisti rabta diretta bejn il-bdiewa u l-konsumaturi li tippermetti skambju dirett dwar il-proċess tal-produzzjoni u l-prodott, inkluż permezz ta' komunikazzjoni mill-bogħod u/jew permezz ta' intermedjarju li jiżgura tali skambju fil-mument tal-bejgħ. Inkella, dan it-terminu jista' jintuża wkoll fejn tkun teżisti rabta mill-qrib bejn il-bdiewa u l-konsumaturi fil-prossimità ġeografika tagħhom, inkluż f'kuntesti transfruntieri. Dan se jinċentiva lill-konsumaturi biex iħallsu prezzijiet li jirremuneraw b'mod ġust lill-bdiewa għal dak li jipproduċu, isaħħaħ u jikkontribwixxi għall-iżvilupp taż-żoni rurali, itejjeb it-trasparenza fir-rigward tal-oriġini u l-metodi ta' produzzjoni tal-prodotti. ***Ir-referenzi għal "katina qasira" jistgħu jsiru wkoll għodda fl-istabbiliment ta' networks agroalimentari lokali u reġjonali, filwaqt li jappoġġaw produtturi żgħar u jiffaċilitaw l-aċċess tal-konsumaturi għal prodotti tajbin għas-saħħa, traċċabbli u sostenibbli.***

Or. ro

Emenda 53
Gilles Pennelle, Valérie Deloge

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) It-terminu "katina tal-provvista	(4) It-terminu "katina tal-provvista

qasira” jenħtieġ li jintuża biss biex jiġu indikati modalitajiet kummerċjali fejn tkun teżisti rabta diretta bejn il-bdiewa u l-konsumaturi li tippermetti skambju dirett dwar il-proċess tal-produzzjoni u l-prodott, inkluż permezz ta’ komunikazzjoni mill-bogħod u/jew permezz ta’ intermedjarju li jiżgura tali skambju fil-mument tal-bejgħ. Inkella, dan it-terminu jista’ jintuża wkoll fejn tkun teżisti rabta mill-qrib bejn il-bdiewa u l-konsumaturi fil-prossimità ġeografika tagħhom, inkluż f’kuntesti transfruntieri. Dan se jinċentiva lill-konsumaturi biex iħallsu prezzijiet li jirremuneraw b’mod ġust lill-bdiewa għal dak li jipproduċu, isaħħaħ u jikkontribwixxi għall-iżvilupp taż-żoni rurali, itejjeb it-trasparenza fir-rigward tal-oriġini u l-metodi ta’ produzzjoni tal-prodotti.

qasira” jenħtieġ li jintuża biss biex jiġu indikati modalitajiet kummerċjali fejn tkun teżisti rabta diretta bejn il-bdiewa u l-konsumaturi li tippermetti skambju dirett dwar il-proċess tal-produzzjoni u l-prodott, ***dment li dan tal-aħħar jiġi prodott fl-Unjoni,*** dment li dan tal-aħħar ikun prodott fl-Unjoni, inkluż permezz ta’ komunikazzjoni mill-bogħod u/jew permezz ta’ għadd imnaqqas ta’ intermedjarji li jiżguraw tali skambju fil-mument tal-bejgħ. Inkella, dan it-terminu jista’ jintuża wkoll fejn tkun teżisti rabta mill-qrib bejn il-bdiewa u l-konsumaturi fil-prossimità ġeografika tagħhom, inkluż f’kuntesti transfruntieri. ***Din il-prossimità ġeografika tista’ tiġi apprezzata permezz ta’ distanza jew ħin tat-trasport imqassra.*** Dan se jinċentiva lill-konsumaturi biex iħallsu prezzijiet li jirremuneraw b’mod ġust lill-bdiewa għal dak li jipproduċu, isaħħaħ u jikkontribwixxi għall-iżvilupp taż-żoni rurali, itejjeb it-trasparenza fir-rigward tal-oriġini u l-metodi ta’ produzzjoni tal-prodotti.

Or. fr

Emenda 54
Barry Cowen, Asger Christensen, Benoit Cassart, Charles Goerens

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) It-terminu “katina tal-provvista qasira” jenħtieġ li jintuża biss biex jiġu indikati modalitajiet kummerċjali fejn tkun teżisti rabta diretta bejn il-bdiewa u l-konsumaturi li tippermetti skambju dirett dwar il-proċess tal-produzzjoni u l-prodott, inkluż permezz ta’ komunikazzjoni mill-bogħod u/jew permezz ta’ intermedjarju li jiżgura tali skambju fil-mument tal-bejgħ. Inkella, dan it-terminu jista’ jintuża wkoll fejn tkun teżisti rabta mill-qrib bejn il-	(4) It-terminu “katina tal-provvista qasira” jenħtieġ li jintuża biss ***bil-kunsens minn qabel u infurmat tal-bidwi,*** biex jiġu indikati modalitajiet kummerċjali fejn tkun teżisti rabta diretta bejn il-bdiewa***, il-kooperattivi jew l-organizzazzjonijiet ta’ produtturi,*** u l-konsumaturi li tippermetti skambju dirett dwar il-proċess tal-produzzjoni u l-prodott, inkluż permezz ta’ komunikazzjoni mill-bogħod u/jew permezz ta’ intermedjarju li jiżgura tali

bdiewa u l-konsumaturi fil-prossimità ġeografika tagħhom, inkluż f'kuntesti transfruntieri. Dan se jinċentiva lill-konsumaturi biex iħallsu prezzijiet li jirremuneraw b'mod ġust lill-bdiewa għal dak li jipproduċu, isaħħaħ u jikkontribwixxi għall-iżvilupp taż-żoni rurali, itejjeb it-trasparenza fir-rigward tal-oriġini u l-metodi ta' produzzjoni tal-prodotti.	skambju fil-mument tal-bejgħ. Inkella, dan it-terminu jista' jintuża wkoll fejn tkun teżisti rabta mill-qrib bejn il-bdiewa u l-konsumaturi fil-prossimità ġeografika tagħhom, inkluż f'kuntesti transfruntieri. Dan se jinċentiva lill-konsumaturi biex iħallsu prezzijiet li jirremuneraw b'mod ġust lill-bdiewa għal dak li jipproduċu, isaħħaħ u jikkontribwixxi għall-iżvilupp taż-żoni rurali, itejjeb it-trasparenza fir-rigward tal-oriġini u l-metodi ta' produzzjoni tal-prodotti.
	Or. en

Emenda 55
Csaba Dömötör

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Ċerti Stati Membri ddeċidew li l-konsenji kollha ta' prodotti agrikoli fit-territorju tagħhom għandhom ikunu koperti minn kuntratti bil-miktub bejn il-partijiet. Meta l-Istati Membri ma jużawx din il-possibbiltà, il-bdiewa, l-organizzazzjonijiet ta' produtturi jew l-assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi jistgħu jitolbu l-użu ta' kuntratti bil-miktub. Madankollu, minħabba l-pożizzjoni ta' negozjar aktar dgħajfa tal-bdiewa u l-biża' ta' ritaljazzjoni kummerċjali mix-xerrejja, jista' jkun diffiċli għall-bdiewa u għall-assoċjazzjonijiet tagħhom li jagħmlu talba bħal din. Sabiex jiżdiedu l-fiduċja, it-trasparenza u l-effiċjenza fil-katina tal-provvista u biex il-bdiewa, l-organizzazzjonijiet ta' produtturi u l-assoċjazzjonijiet kollha ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-użu ta' kuntratti bil-miktub, il-konsenji ta' prodotti agrikoli fl-Unjoni minn bidwi, organizzazzjoni ta' produtturi jew assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi lil proċessur, distributur jew bejjiegħ bl-imnut jenħtieġ li jkunu koperti minn kuntratt bil-miktub.	(15) Ċerti Stati Membri ddeċidew li l-konsenji kollha ta' prodotti agrikoli fit-territorju tagħhom għandhom ikunu koperti minn kuntratti bil-miktub bejn il-partijiet. Meta l-Istati Membri ma jużawx din il-possibbiltà, il-bdiewa, l-organizzazzjonijiet ta' produtturi jew l-assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi jistgħu jitolbu l-użu ta' kuntratti bil-miktub. Madankollu, minħabba l-pożizzjoni ta' negozjar aktar dgħajfa tal-bdiewa u l-biża' ta' ritaljazzjoni kummerċjali mix-xerrejja, jista' jkun diffiċli għall-bdiewa u għall-assoċjazzjonijiet tagħhom li jagħmlu talba bħal din. Sabiex jiżdiedu l-fiduċja, it-trasparenza u l-effiċjenza fil-katina tal-provvista u biex il-bdiewa, l-organizzazzjonijiet ta' produtturi u l-assoċjazzjonijiet kollha ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-użu ta' kuntratti bil-miktub, il-konsenji ta' prodotti agrikoli fl-Unjoni minn bidwi, organizzazzjoni ta' produtturi jew assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi lil proċessur, distributur jew bejjiegħ bl-imnut jenħtieġ ***li jkollhom il-prerogattiva jekk jiddeċiedu hekk li jkunu*** koperti minn kuntratt bil-miktub.

Or. en

Emenda 130
Carlo Fidanza, Sergio Berlato

Proposta għal regolament

Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Ċerti Stati Membri ddeċidew li l-konsenji kollha ta' prodotti agrikoli fit-territorju tagħhom għandhom ikunu koperti minn kuntratti bil-miktub bejn il-partijiet. Meta l-Istati Membri ma jużawx din il-possibbiltà, il-bdiewa, l-organizzazzjonijiet ta' produtturi jew l-assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi jistgħu jitolbu l-użu ta' kuntratti bil-miktub. Madankollu, minħabba l-pożizzjoni ta' negozjar aktar dgħajfa tal-bdiewa u l-biża' ta' ritaljazzjoni kummerċjali mix-xerrejja, jista' jkun diffiċli għall-bdiewa u għall-assoċjazzjonijiet tagħhom li jagħmlu talba bħal din. Sabiex jiżdiedu l-fiduċja, it-trasparenza u l-effiċjenza fil-katina tal-provvista u biex il-bdiewa, l-organizzazzjonijiet ta' produtturi u l-assoċjazzjonijiet kollha ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-użu ta' kuntratti bil-miktub, il-konsenji ta' prodotti agrikoli fl-Unjoni minn bidwi, organizzazzjoni ta' produtturi jew assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi lil proċessur, distributur jew bejjiegħ bl-imnut ***jenħtieġ li jkunu*** koperti minn kuntratt bil-miktub.	(15) Ċerti Stati Membri ddeċidew li l-konsenji kollha ta' prodotti agrikoli fit-territorju tagħhom għandhom ikunu koperti minn kuntratti bil-miktub bejn il-partijiet. Meta l-Istati Membri ma jużawx din il-possibbiltà, il-bdiewa, l-organizzazzjonijiet ta' produtturi jew l-assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi jistgħu jitolbu l-użu ta' kuntratti bil-miktub. Madankollu, minħabba l-pożizzjoni ta' negozjar aktar dgħajfa tal-bdiewa u l-biża' ta' ritaljazzjoni kummerċjali mix-xerrejja, jista' jkun diffiċli għall-bdiewa u għall-assoċjazzjonijiet tagħhom li jagħmlu talba bħal din. Sabiex jiżdiedu l-fiduċja, it-trasparenza u l-effiċjenza fil-katina tal-provvista u biex il-bdiewa, l-organizzazzjonijiet ta' produtturi u l-assoċjazzjonijiet kollha ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-użu ta' kuntratti bil-miktub, il-konsenji ta' prodotti agrikoli fl-Unjoni minn bidwi, organizzazzjoni ta' produtturi jew assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi lil ***bdiewa oħra,*** proċessur, distributur jew bejjiegħ bl-imnut ***għandhom ikunu*** koperti minn kuntratt bil-miktub.

Or. en

Emenda 131
Christine Singer

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Sabiex jitqiesu aħjar is-sinjali tas-suq u biex tittejjeb it-trażmissjoni tal-prezzijiet, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jirrikjedu l-użu ta' kuntratti	***imħassar***

bil-miktub għall-konsenja ta' prodotti agrikoli minn produtturi għajr il-bdiewa, minn organizzazzjonijiet ta' produtturi jew assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi, u jenħtieġ li jirrikjedu li x-xerrejja jużaw offerti bil-miktub għal kuntratti għall-konsenja ta' prodotti agrikoli. Fl-interess tas-sempliċità u t-tnaqqis tal-ispejjeż tat-tranżazzjonijiet, dan ir-Regolament jenħtieġ li jistabbilixxi ċerti eċċezzjonijiet għall-użu meħtieġ ta' kuntratti bil-miktub jew offerti bil-miktub għal kuntratti u jippermetti lill-Istati Membri jeżentaw ċerti konsenji mill-użu meħtieġ ta' kuntratti bil-miktub jew offerti bil-miktub, filwaqt li jħalli lill-bdiewa u lill-assoċjazzjonijiet tagħhom il-possibbiltà li jitolbu l-użu ta' kuntratti bil-miktub jew offerti bil-miktub meta ma jkunx hemm tali obbligu.

Or. en

Emenda 132
Carmen Crespo Díaz

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Sabiex jitqiesu aħjar is-sinjali tas-suq u biex tittejjeb it-trażmissjoni tal-prezzijiet, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jirrikjedu l-użu ta' kuntratti bil-miktub għall-konsenja ta' prodotti agrikoli minn produtturi għajr il-bdiewa, minn organizzazzjonijiet ta' produtturi jew assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi, u jenħtieġ li jirrikjedu li x-xerrejja jużaw offerti bil-miktub għal kuntratti għall-konsenja ta' prodotti agrikoli. ***Fl-interess tas-sempliċità u t-tnaqqis tal-ispejjeż tat-tranżazzjonijiet, dan ir-Regolament jenħtieġ li jistabbilixxi ċerti eċċezzjonijiet għall-użu meħtieġ ta'***	(16) Sabiex jitqiesu aħjar is-sinjali tas-suq u biex tittejjeb it-trażmissjoni tal-prezzijiet, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jirrikjedu l-użu ta' kuntratti bil-miktub għall-konsenja ta' prodotti agrikoli minn produtturi għajr il-bdiewa, minn organizzazzjonijiet ta' produtturi jew assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi, u jenħtieġ li jirrikjedu li x-xerrejja jużaw offerti bil-miktub għal kuntratti għall-konsenja ta' prodotti agrikoli.

kuntratti bil-miktub jew offerti bil-miktub għal kuntratti u jippermetti lill-Istati Membri jeżentaw ċerti konsenji mill-użu meħtieġ ta' kuntratti bil-miktub jew offerti bil-miktub, filwaqt li jħalli lill-bdiewa u lill-assoċjazzjonijiet tagħhom il-possibbiltà li jitolbu l-użu ta' kuntratti bil-miktub jew offerti bil-miktub meta ma jkunx hemm tali obbligu.

Or. es

Emenda 133
Anna Strolenberg
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Sabiex jitqiesu aħjar is-sinjali tas-suq u biex tittejjeb it-trażmissjoni tal-prezzijiet, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jirrikjedu l-użu ta' kuntratti bil-miktub għall-konsenja ta' prodotti agrikoli minn produtturi għajr il-bdiewa, minn organizzazzjonijiet ta' produtturi jew assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi, u jenħtieġ li jirrikjedu li x-xerrejja jużaw offerti bil-miktub għal kuntratti għall-konsenja ta' prodotti agrikoli. ***Fl-interess tas-sempliċità u t-tnaqqis tal-ispejjeż tat-tranżazzjonijiet, dan ir-Regolament jenħtieġ li jistabbilixxi ċerti eċċezzjonijiet għall-użu meħtieġ ta' kuntratti bil-miktub jew offerti bil-miktub għal kuntratti u jippermetti lill-Istati Membri jeżentaw ċerti konsenji mill-użu meħtieġ ta' kuntratti bil-miktub jew offerti bil-miktub, filwaqt li jħalli lill-bdiewa u lill-assoċjazzjonijiet tagħhom il-possibbiltà li jitolbu l-użu ta' kuntratti bil-miktub jew offerti bil-miktub meta ma jkunx hemm tali obbligu.***	(16) Sabiex jitqiesu aħjar is-sinjali tas-suq u biex tittejjeb it-trażmissjoni tal-prezzijiet, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jirrikjedu l-użu ta' kuntratti bil-miktub għall-konsenja ta' prodotti agrikoli minn produtturi għajr il-bdiewa, minn organizzazzjonijiet ta' produtturi jew assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi, u jenħtieġ li jirrikjedu li x-xerrejja jużaw offerti bil-miktub għal kuntratti għall-konsenja ta' prodotti agrikoli.

Or. en

Emenda 134
Cristina Maestre, Dario Nardella, Stefano Bonaccini, Elena Sancho Murillo, Eric Sargiacomo, Camilla Laureti

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Sabiex jitqiesu aħjar is-sinjali tas-suq u biex tittejjeb it-trażmissjoni tal-prezzijiet, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jirrikjedu l-użu ta' kuntratti bil-miktub għall-konsenja ta' prodotti agrikoli ***minn produtturi għajr il-bdiewa, minn organizzazzjonijiet ta' produtturi jew assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi,*** u jenħtieġ li jirrikjedu li x-xerrejja jużaw offerti bil-miktub għal kuntratti għall-konsenja ta' prodotti agrikoli. Fl-interess tas-sempliċità u t-tnaqqis tal-ispejjeż tat-tranżazzjonijiet, dan ir-Regolament jenħtieġ li jistabbilixxi ċerti eċċezzjonijiet għall-użu meħtieġ ta' kuntratti bil-miktub jew offerti bil-miktub għal kuntratti u jippermetti lill-Istati Membri jeżentaw ċerti konsenji mill-użu meħtieġ ta' kuntratti bil-miktub jew offerti bil-miktub, filwaqt li jħalli lill-bdiewa u lill-assoċjazzjonijiet tagħhom il-possibbiltà li jitolbu l-użu ta' kuntratti bil-miktub jew offerti bil-miktub meta ma jkunx hemm tali obbligu.	(16) Sabiex jitqiesu aħjar is-sinjali tas-suq u biex tittejjeb it-trażmissjoni tal-prezzijiet, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jirrikjedu l-użu ta' kuntratti bil-miktub għall-konsenja ta' prodotti agrikoli ***minn kwalunkwe operatur tal-katina tal-ikel u*** jenħtieġ li jirrikjedu li x-xerrejja jużaw offerti bil-miktub għal kuntratti għall-konsenja ta' prodotti agrikoli. Fl-interess tas-sempliċità u t-tnaqqis tal-ispejjeż tat-tranżazzjonijiet, dan ir-Regolament jenħtieġ li jistabbilixxi ċerti eċċezzjonijiet għall-użu meħtieġ ta' kuntratti bil-miktub jew offerti bil-miktub għal kuntratti u jippermetti lill-Istati Membri jeżentaw ċerti konsenji mill-użu meħtieġ ta' kuntratti bil-miktub jew offerti bil-miktub, filwaqt li jħalli lill-bdiewa u lill-assoċjazzjonijiet tagħhom il-possibbiltà li jitolbu l-użu ta' kuntratti bil-miktub jew offerti bil-miktub meta ma jkunx hemm tali obbligu.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-għan huwa li tiġi inkluża l-possibbiltà għall-Istati Membri li jirrikjedu li l-kuntratti obbligatorji bil-miktub jiġu estiżi għal stadji lil hinn mill-produzzjoni ta' prodotti agrikoli (l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni, minbarra l-bejgħ lill-konsumatur finali).

Emenda 135
Luke Ming Flanagan
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Sabiex jitqiesu aħjar is-sinjali tas-suq u biex tittejjeb it-trażmissjoni tal-prezzijiet, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jirrikjedu l-użu ta' kuntratti bil-miktub għall-konsenja ta' prodotti agrikoli minn produtturi għajr il-bdiewa, minn organizzazzjonijiet ta' produtturi jew assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi, u jenħtieġ li jirrikjedu li x-xerrejja jużaw offerti bil-miktub għal kuntratti għall-konsenja ta' prodotti agrikoli. Fl-interess tas-sempliċità u t-tnaqqis tal-ispejjeż tat-tranżazzjonijiet, dan ir-Regolament jenħtieġ li jistabbilixxi ċerti eċċezzjonijiet għall-użu meħtieġ ta' kuntratti bil-miktub jew offerti bil-miktub għal kuntratti u jippermetti lill-Istati Membri jeżentaw ċerti konsenji mill-użu meħtieġ ta' kuntratti bil-miktub jew offerti bil-miktub, filwaqt li ***jħalli lill-bdiewa*** u ***lill-assoċjazzjonijiet*** tagħhom ***il-possibbiltà li jitolbu*** l-użu ta' kuntratti bil-miktub jew offerti bil-miktub meta ma jkunx hemm tali obbligu.	(16) Sabiex jitqiesu aħjar is-sinjali tas-suq u biex tittejjeb it-trażmissjoni tal-prezzijiet, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jirrikjedu l-użu ta' kuntratti bil-miktub għall-konsenja ta' prodotti agrikoli minn produtturi għajr il-bdiewa, minn organizzazzjonijiet ta' produtturi jew assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi, u jenħtieġ li jirrikjedu li x-xerrejja jużaw offerti bil-miktub għal kuntratti għall-konsenja ta' prodotti agrikoli. Fl-interess tas-sempliċità u t-tnaqqis tal-ispejjeż tat-tranżazzjonijiet, dan ir-Regolament jenħtieġ li jistabbilixxi ċerti eċċezzjonijiet għall-użu meħtieġ ta' kuntratti bil-miktub jew offerti bil-miktub għal kuntratti u jippermetti lill-Istati Membri jeżentaw ċerti konsenji mill-użu meħtieġ ta' kuntratti bil-miktub jew offerti bil-miktub, ***jekk il-bdiewa jew il-gruppi ta' produtturi jiddeċiedu hekk*** filwaqt li ***jżommu d-dritt tal-bdiewa*** u ***tal-assoċjazzjonijiet*** tagħhom ***li jitolbu*** l-użu ta' kuntratti bil-miktub jew offerti bil-miktub meta ma jkunx hemm tali obbligu.

Or. en

Emenda 136
Maria Noichl

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Sabiex jitqiesu aħjar is-sinjali tas-suq u biex tittejjeb it-trażmissjoni tal-prezzijiet, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jirrikjedu l-użu ta' kuntratti bil-miktub għall-konsenja ta' prodotti agrikoli	(16) Sabiex jitqiesu aħjar is-sinjali tas-suq u biex tittejjeb it-trażmissjoni tal-prezzijiet, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jirrikjedu l-użu ta' kuntratti bil-miktub għall-konsenja ta' prodotti agrikoli

minn produtturi għajr il-bdiewa, minn organizzazzjonijiet ta' produtturi jew assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi, u jenħtieġ li jirrikjedu li x-xerrejja jużaw offerti bil-miktub għal kuntratti għall-konsenja ta' prodotti agrikoli. Fl-interess tas-sempliċità u t-tnaqqis tal-ispejjeż tat-tranżazzjonijiet, dan ir-Regolament jenħtieġ li jistabbilixxi ċerti eċċezzjonijiet għall-użu meħtieġ ta' kuntratti bil-miktub jew offerti bil-miktub għal kuntratti u jippermetti lill-Istati Membri jeżentaw ċerti konsenji mill-użu meħtieġ ta' kuntratti bil-miktub jew offerti bil-miktub, filwaqt li ***jħalli*** lill-bdiewa u lill-assoċjazzjonijiet tagħhom il-possibbiltà li jitolbu l-użu ta' kuntratti bil-miktub jew offerti bil-miktub meta ma jkunx hemm tali obbligu.	minn produtturi għajr il-bdiewa, minn organizzazzjonijiet ta' produtturi jew assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi, u jenħtieġ li jirrikjedu li x-xerrejja jużaw offerti bil-miktub għal kuntratti għall-konsenja ta' prodotti agrikoli. Fl-interess tas-sempliċità u t-tnaqqis tal-ispejjeż tat-tranżazzjonijiet, dan ir-Regolament jenħtieġ li jistabbilixxi ċerti eċċezzjonijiet għall-użu meħtieġ ta' kuntratti bil-miktub jew offerti bil-miktub għal kuntratti u jippermetti lill-Istati Membri jeżentaw ċerti konsenji mill-użu meħtieġ ta' kuntratti bil-miktub jew offerti bil-miktub, filwaqt li ***jagħti dejjem*** lill-bdiewa u lill-assoċjazzjonijiet tagħhom il-possibbiltà li jitolbu l-użu ta' kuntratti bil-miktub jew offerti bil-miktub meta ma jkunx hemm tali obbligu.
	Or. en

Emenda 137
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Sabiex jitqiesu aħjar is-sinjali tas-suq u biex tittejjeb it-trażmissjoni tal-prezzijiet, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jirrikjedu l-użu ta' kuntratti bil-miktub għall-konsenja ta' prodotti agrikoli minn produtturi għajr il-bdiewa, minn organizzazzjonijiet ta' produtturi jew assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi, u jenħtieġ li jirrikjedu li x-xerrejja jużaw offerti bil-miktub għal kuntratti għall-konsenja ta' prodotti agrikoli. Fl-interess tas-sempliċità u t-tnaqqis tal-ispejjeż tat-tranżazzjonijiet, dan ir-Regolament jenħtieġ li jistabbilixxi ċerti eċċezzjonijiet għall-użu meħtieġ ta' kuntratti bil-miktub jew offerti bil-miktub għal kuntratti u jippermetti lill-Istati	(16) Sabiex jitqiesu aħjar is-sinjali tas-suq u biex tittejjeb it-trażmissjoni tal-prezzijiet, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jirrikjedu l-użu ta' kuntratti bil-miktub għall-konsenja ta' prodotti agrikoli minn produtturi għajr il-bdiewa, minn organizzazzjonijiet ta' produtturi jew assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi, u jenħtieġ li jirrikjedu li x-xerrejja jużaw offerti bil-miktub għal kuntratti għall-konsenja ta' prodotti agrikoli. Fl-interess tas-sempliċità u t-tnaqqis tal-ispejjeż tat-tranżazzjonijiet, dan ir-Regolament jenħtieġ li jistabbilixxi ċerti eċċezzjonijiet għall-użu meħtieġ ta' kuntratti bil-miktub jew offerti bil-miktub għal kuntratti u jippermetti lill-Istati

Membri jeżentaw ċerti konsenji mill-użu meħtieġ ta' kuntratti bil-miktub jew offerti bil-miktub, filwaqt li jħalli lill-bdiewa u lill-assoċjazzjonijiet tagħhom il-possibbiltà li jitolbu l-użu ta' kuntratti bil-miktub jew offerti bil-miktub meta ma jkunx hemm tali obbligu.	Membri jeżentaw ċerti konsenji mill-użu meħtieġ ta' kuntratti bil-miktub jew offerti bil-miktub, filwaqt li jħalli lill-bdiewa u lill-assoċjazzjonijiet tagħhom il-possibbiltà li jitolbu l-użu ta' kuntratti bil-miktub jew offerti bil-miktub meta ma jkunx hemm tali obbligu. ***Din il-flessibbiltà jenħtieġ li tiġi applikata mingħajr ma tiġi kompromessa l-protezzjoni tal-bdiewa, filwaqt li l-eċċezzjonijiet iridu jkunu definiti b'mod ċar sabiex jiġu pprevenuti interpretazzjonijiet abbużivi u l-evitar tal-obbligi kuntrattwali.***

Or. ro

Emenda 138
Christine Singer

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) L-użu meħtieġ ta' kuntratti bil-miktub għall-konsenja ta' prodotti agrikoli u l-kundizzjonijiet bażiċi għall-użu tagħhom jenħtieġ li jiġu stabbiliti fil-livell tal-Unjoni, filwaqt li jiġi żgurat li d-dritt tal-partijiet li jinnegozjaw l-elementi kollha tal-kuntratti tagħhom ma jkunx ristrett lil hinn minn dak li huwa strettament meħtieġ.	***imħassar***

Or. en

Emenda 139
Barry Cowen, Asger Christensen, Christine Singer, Charles Goerens

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) L-użu meħtieġ ta' kuntratti bil-	(17) L-użu meħtieġ ta' kuntratti bil-

miktub għall-konsenja ta' prodotti agrikoli ***u l-kundizzjonijiet bażiċi għall-użu*** tagħhom jenħtieġ li ***jiġu stabbiliti*** fil-livell ***tal-Unjoni***, filwaqt li jiġi żgurat li d-dritt tal-partijiet li jinnegozjaw l-elementi kollha tal-kuntratti tagħhom ma jkunx ristrett lil hinn minn dak li huwa strettament meħtieġ.	miktub għall-konsenja ta' prodotti agrikoli jenħtieġ li ***jiġi stabbilit*** fil-livell ***tal-Istati Membri***, filwaqt li jiġi żgurat li d-dritt tal-partijiet li jinnegozjaw l-elementi kollha tal-kuntratti tagħhom ma jkunx ristrett lil hinn minn dak li huwa strettament meħtieġ.
	Or. en

Emenda 140
Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) L-użu meħtieġ ta' kuntratti bil-miktub għall-konsenja ta' prodotti agrikoli u l-kundizzjonijiet bażiċi għall-użu tagħhom jenħtieġ li jiġu stabbiliti fil-livell tal-Unjoni, filwaqt li jiġi żgurat li d-dritt tal-partijiet li jinnegozjaw l-elementi kollha tal-kuntratti tagħhom ma jkunx ristrett lil hinn minn dak li huwa strettament meħtieġ.	(17) L-użu meħtieġ ta' kuntratti bil-miktub għall-konsenja ta' prodotti agrikoli u l-kundizzjonijiet bażiċi għall-użu tagħhom jenħtieġ li jiġu stabbiliti fil-livell tal-Unjoni, filwaqt li jiġi żgurat li d-dritt tal-partijiet li jinnegozjaw l-elementi kollha tal-kuntratti tagħhom ma jkunx ristrett lil hinn minn dak li huwa strettament meħtieġ. ***Madankollu, l-Istati Membri jenħtieġ li ma jiġux eskużi milli jadottaw miżuri biex jiġġieldu l-prattiki kummerċjali żleali fil-katina tal-provvista agrikola u tal-ikel, dment li dawn il-miżuri jkunu xierqa u proporzjonati biex jiżguraw l-ilħuq tal-objettiv segwit u jkunu kompatibbli mad-Direttiva UE 2019/633, inkluż l-Artikolu 9 tagħha.***
	Or. it

Ġustifikazzjoni

Huwa importanti li jiġi żgurat li d-dispożizzjonijiet tad-direttiva dwar il-prattiki kummerċjali żleali jitqiesu fir-relazzjonijiet bejn l-operaturi fil-katina tal-provvista.

Emenda 141
Carlo Fidanza, Sergio Berlato

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) L-użu meħtieġ ta' kuntratti bil-miktub għall-konsenja ta' prodotti agrikoli u l-kundizzjonijiet bażiċi għall-użu tagħhom jenħtieġ li jiġu stabbiliti fil-livell tal-Unjoni, filwaqt li jiġi żgurat li d-dritt tal-partijiet li jinnegozjaw l-elementi kollha tal-kuntratti tagħhom ma jkunx ristrett lil hinn minn dak li huwa strettament meħtieġ.	(17) L-użu meħtieġ ta' kuntratti bil-miktub għall-konsenja ta' prodotti agrikoli u l-kundizzjonijiet bażiċi għall-użu tagħhom jenħtieġ li jiġu stabbiliti fil-livell tal-Unjoni, filwaqt li jiġi żgurat li d-dritt tal-partijiet li jinnegozjaw l-elementi kollha tal-kuntratti tagħhom ma jkunx ristrett lil hinn minn dak li huwa strettament meħtieġ. ***Madankollu, l-Istati Membri jenħtieġ li ma jinżammux milli jadottaw miżuri biex jiġġieldu prattiki kummerċjali inġusti fil-katina tal-provvista agrikola u tal-ikel sakemm tali miżuri jkunu xierqa u proporzjonati biex jiżguraw l-ilħuq tal-objettiv segwit u jkunu kompatibbli mad-Direttiva (UE) 2019/633, inkluż l-Artikolu 9 tagħha.***

Or. en

Emenda 142
Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) L-użu meħtieġ ta' kuntratti bil-miktub għall-konsenja ta' prodotti agrikoli u l-kundizzjonijiet bażiċi għall-użu tagħhom jenħtieġ li jiġu stabbiliti fil-livell tal-Unjoni, filwaqt li jiġi żgurat li d-dritt tal-partijiet li jinnegozjaw l-elementi kollha tal-kuntratti tagħhom ma jkunx ristrett lil hinn minn dak li huwa strettament meħtieġ.	(17) L-użu meħtieġ ta' kuntratti bil-miktub għall-konsenja ta' prodotti agrikoli u l-kundizzjonijiet bażiċi għall-użu tagħhom jenħtieġ li jiġu stabbiliti fil-livell tal-Unjoni, filwaqt li jiġi żgurat li d-dritt tal-partijiet li jinnegozjaw l-elementi kollha tal-kuntratti tagħhom ma jkunx ristrett lil hinn minn dak li huwa strettament meħtieġ. ***Madankollu, l-Istati Membri jenħtieġ li ma jinżammux milli jadottaw miżuri biex jiġġieldu prattiki kummerċjali inġusti fil-katina tal-provvista agrikola u tal-ikel sakemm tali miżuri jkunu xierqa u***

proporzjonati biex jiżguraw l-ilħuq tal-objettiv segwit u jkunu kompatibbli mad-Direttiva (UE) 2019/633, inkluż l-Artikolu 9 tagħha.

Or. en

Emenda 143
Cristina Maestre, Dario Nardella, Stefano Bonaccini, Elena Sancho Murillo, Eric Sargiacomo, Camilla Laureti

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) L-użu meħtieġ ta' kuntratti bil-miktub għall-konsenja ta' prodotti agrikoli u l-kundizzjonijiet bażiċi għall-użu tagħhom jenħtieġ li jiġu stabbiliti fil-livell tal-Unjoni, filwaqt li jiġi żgurat li d-dritt tal-partijiet li jinnegozjaw l-elementi kollha tal-kuntratti tagħhom ma jkunx ristrett lil hinn minn dak li huwa strettament meħtieġ.	(17) L-użu meħtieġ ta' kuntratti bil-miktub għall-konsenja ta' prodotti agrikoli u l-kundizzjonijiet bażiċi għall-użu tagħhom jenħtieġ li jiġu stabbiliti fil-livell tal-Unjoni, filwaqt li jiġi żgurat li d-dritt tal-partijiet li jinnegozjaw l-elementi kollha tal-kuntratti tagħhom ma jkunx ristrett lil hinn minn dak li huwa strettament meħtieġ. ***Madankollu, jenħtieġ li jiġu rispettati r-regoli aktar stretti introdotti mill-Istati Membri skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva (UE) 2019/633 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar prattiki kummerċjali inġusti fir-relazzjonijiet bejn in-negozji fil-katina tal-provvista agrikola u alimentari.***

Or. en

Emenda 144
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) L-użu meħtieġ ta' kuntratti bil-miktub għall-konsenja ta' prodotti agrikoli	(17) L-użu meħtieġ ta' kuntratti bil-miktub għall-konsenja ta' prodotti agrikoli

u l-kundizzjonijiet bażiċi għall-użu tagħhom jenħtieġ li jiġu stabbiliti fil-livell tal-Unjoni, filwaqt li jiġi żgurat li d-dritt tal-partijiet li jinnegozjaw l-elementi kollha tal-kuntratti tagħhom ma jkunx ristrett lil hinn minn dak li huwa strettament meħtieġ.	u l-kundizzjonijiet bażiċi għall-użu tagħhom jenħtieġ li jiġu stabbiliti fil-livell tal-Unjoni, filwaqt li jiġi żgurat li d-dritt tal-partijiet li jinnegozjaw l-elementi kollha tal-kuntratti tagħhom ma jkunx ristrett lil hinn minn dak li huwa strettament meħtieġ. ***Is-simplifikazzjoni tal-proċess ta' kuntrattar, permezz ta' mudelli u formati standardizzati u diġitalizzati li jistgħu jintbagħtu permezz tal-posta elettronika, huwa vitali sabiex tiġi żgurata applikazzjoni effettiva u ġusta ta' dawn ir-regoli, b'mod speċjali fil-każ ta' produtturi żgħar.***
	Or. ro

Emenda 145
Christine Singer

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Sabiex il-partijiet jiġu mħeġġa jilħqu ftehim bonarju f'każ ta' tilwim dwar il-konklużjoni jew ir-rieżami ta' kuntratt bil-miktub, l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu mekkaniżmi ta' medjazzjoni. L-Istati Membri jenħtieġ li jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar il-mekkaniżmi ta' medjazzjoni fis-seħħ fit-territorju tagħhom jew l-istabbiliment ta' dawk il-mekkaniżmi, u l-Kummissjoni tista' tiffaċilita l-iskambji tal-aħjar prattiki dwar dawk il-mekkaniżmi.	***imħassar***
	Or. en

Emenda 146
Ciaran Mullooly

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Sabiex il-partijiet jiġu mħeġġa jilħqu ftehim bonarju f'każ ta' tilwim dwar il-konklużjoni jew ir-rieżami ta' kuntratt bil-miktub, l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu mekkaniżmi ta' medjazzjoni. ***L-Istati Membri jenħtieġ li jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar il-mekkaniżmi ta' medjazzjoni fis-seħħ fit-territorju tagħhom jew l-istabbiliment ta' dawk il-mekkaniżmi, u l-Kummissjoni tista' tiffaċilita l-iskambji tal-aħjar prattiki dwar dawk il-mekkaniżmi.***	(18) Sabiex il-partijiet jiġu mħeġġa jilħqu ftehim bonarju f'każ ta' tilwim dwar il-konklużjoni jew ir-rieżami ta' kuntratt bil-miktub, l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu mekkaniżmi ta' medjazzjoni.

Or. en

Emenda 147
Cristina Maestre, Elena Sancho Murillo, Eric Sargiacomo

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Sabiex il-partijiet jiġu mħeġġa jilħqu ftehim bonarju f'każ ta' tilwim dwar il-konklużjoni jew ir-rieżami ta' kuntratt bil-miktub, l-Istati Membri jenħtieġ li ***jistabbilixxu mekkaniżmi ta'*** medjazzjoni. L-Istati Membri jenħtieġ li jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar il-mekkaniżmi ta' medjazzjoni fis-seħħ fit-territorju tagħhom ***jew l-istabbiliment ta' dawk il-mekkaniżmi***, u l-Kummissjoni tista' tiffaċilita l-iskambji tal-aħjar prattiki dwar dawk il-mekkaniżmi.	(18) Sabiex il-partijiet jiġu mħeġġa jilħqu ftehim bonarju f'każ ta' tilwim dwar il-konklużjoni jew ir-rieżami ta' kuntratt bil-miktub, l-Istati Membri jenħtieġ li ***jiżguraw li meta jkun hemm ftehim dwar il-formalizzazzjoni, l-interpretazzjoni jew l-eżekuzzjoni ta' kuntratt, il-partijiet jistgħu jitolbu*** medjazzjoni. L-Istati Membri jenħtieġ li jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar ***il-qafas legali jew*** il-mekkaniżmi ta' medjazzjoni fis-seħħ fit-territorju tagħhom jew l-istabbiliment ta' dawk il-mekkaniżmi, u l-Kummissjoni tista' tiffaċilita l-iskambji tal-aħjar prattiki dwar dawk ***l-oqfsa legali jew*** il-mekkaniżmi.

Or. en

Emenda 148
Mireia Borrás Pabón

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Sabiex il-partijiet jiġu mħeġġa jilħqu ftehim bonarju f'każ ta' tilwim dwar il-konklużjoni jew ir-rieżami ta' kuntratt bil-miktub, l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu mekkaniżmi ta' medjazzjoni. L-Istati Membri jenħtieġ li jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar il-mekkaniżmi ta' medjazzjoni fis-seħħ fit-territorju tagħhom jew l-istabbiliment ta' dawk il-mekkaniżmi, u l-Kummissjoni tista' tiffaċilita l-iskambji tal-aħjar prattiki dwar dawk il-mekkaniżmi.	(18) Sabiex il-partijiet jiġu mħeġġa jilħqu ftehim bonarju f'każ ta' tilwim dwar il-konklużjoni jew ir-rieżami ta' kuntratt bil-miktub, l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu mekkaniżmi ta' medjazzjoni ***li jenħtieġ li jkomplu jkunu fuq bażi kompletament volontarja għall-partijiet kollha***. L-Istati Membri jenħtieġ li jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar il-mekkaniżmi ta' medjazzjoni fis-seħħ fit-territorju tagħhom jew l-istabbiliment ta' dawk il-mekkaniżmi, u l-Kummissjoni tista' tiffaċilita l-iskambji tal-aħjar prattiki dwar dawk il-mekkaniżmi.

Or. es

Emenda 149
Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Sabiex il-partijiet jiġu mħeġġa jilħqu ftehim bonarju f'każ ta' tilwim dwar il-konklużjoni jew ir-rieżami ta' kuntratt bil-miktub, l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu mekkaniżmi ta' medjazzjoni. L-Istati Membri jenħtieġ li jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar il-mekkaniżmi ta' medjazzjoni fis-seħħ fit-territorju tagħhom jew l-istabbiliment ta' dawk il-mekkaniżmi, u l-Kummissjoni tista' tiffaċilita l-iskambji tal-aħjar prattiki dwar dawk il-mekkaniżmi.	(18) Sabiex il-partijiet jiġu mħeġġa jilħqu ftehim bonarju f'każ ta' tilwim dwar il-konklużjoni jew ir-rieżami ta' kuntratt bil-miktub, l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu mekkaniżmi ta' medjazzjoni**,** ***li jenħtieġ li jibqgħu kompletament volontarji għall-partijiet kollha***. L-Istati Membri jenħtieġ li jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar il-mekkaniżmi ta' medjazzjoni fis-seħħ fit-territorju tagħhom jew l-istabbiliment ta' dawk il-mekkaniżmi, u l-Kummissjoni tista' tiffaċilita l-iskambji tal-aħjar prattiki dwar dawk il-mekkaniżmi.

Or. en

Emenda 150
Barry Cowen, Asger Christensen, Christine Singer, Charles Goerens

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Sabiex il-partijiet jiġu mħeġġa jilħqu ftehim bonarju f'każ ta' tilwim dwar il-konklużjoni jew ir-rieżami ta' kuntratt bil-miktub, l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu mekkaniżmi ta' medjazzjoni. L-Istati Membri jenħtieġ li jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar il-mekkaniżmi ta' medjazzjoni fis-seħħ fit-territorju tagħhom jew l-istabbiliment ta' dawk il-mekkaniżmi, u l-Kummissjoni tista' tiffaċilita l-iskambji tal-aħjar prattiki dwar dawk il-mekkaniżmi.	(18) Sabiex il-partijiet jiġu mħeġġa jilħqu ftehim bonarju f'każ ta' tilwim dwar il-konklużjoni jew ir-rieżami ta' kuntratt bil-miktub, l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu ***u jiffinanzjaw*** mekkaniżmi ta' medjazzjoni ***volontarji***. L-Istati Membri jenħtieġ li jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar il-mekkaniżmi ta' medjazzjoni fis-seħħ fit-territorju tagħhom jew l-istabbiliment ta' dawk il-mekkaniżmi, u l-Kummissjoni tista' tiffaċilita l-iskambji tal-aħjar prattiki dwar dawk il-mekkaniżmi.

Or. en

Emenda 151
Gilles Pennelle, Valérie Deloge

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Sabiex il-partijiet jiġu mħeġġa jilħqu ftehim bonarju f'każ ta' tilwim dwar il-konklużjoni jew ir-rieżami ta' kuntratt bil-miktub, l-Istati Membri ***jenħtieġ li*** jistabbilixxu mekkaniżmi ta' medjazzjoni. L-Istati Membri jenħtieġ li jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar il-mekkaniżmi ta' medjazzjoni fis-seħħ fit-territorju tagħhom jew l-istabbiliment ta' dawk il-mekkaniżmi, u l-Kummissjoni tista' tiffaċilita l-iskambji tal-aħjar prattiki dwar dawk il-mekkaniżmi.	(18) Sabiex il-partijiet jiġu mħeġġa jilħqu ftehim bonarju f'każ ta' tilwim dwar il-konklużjoni jew ir-rieżami ta' kuntratt bil-miktub, l-Istati Membri ***jistgħu*** jistabbilixxu mekkaniżmi ta' medjazzjoni. L-Istati Membri jenħtieġ li jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar il-mekkaniżmi ta' medjazzjoni fis-seħħ fit-territorju tagħhom jew l-istabbiliment ta' dawk il-mekkaniżmi, u l-Kummissjoni tista' tiffaċilita l-iskambji tal-aħjar prattiki dwar dawk il-mekkaniżmi.

Or. fr

Emenda 152
Asger Christensen

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Sabiex jiġi ffaċilitat il-funzjonament tal-mekkaniżmi tat-trażmissjoni tal-prezzijiet, fejn il-prezz finali pagabbli għall-konsenja ta' prodotti agrikoli jiġi kkalkolat billi jiġu kkombinati diversi fatturi stabbiliti fil-kuntratt, dawk il-fatturi ***jenħtieġ li*** jinkludu indikaturi, indiċijiet jew metodi ta' kalkolu oġġettivi li huma faċilment komprensibbli mill-partijiet. ***Sabiex jiġi evitat li l-bdiewa jkunu mġiegħla jbigħu b'mod sistematiku taħt l-ispejjeż tal-produzzjoni tagħhom, l-indikaturi, l-indiċijiet u l-metodi tal-kalkolu tal-prezz finali jenħtieġ li jirriflettu l-bidliet fil-kundizzjonijiet tas-suq u fl-ispejjeż tal-produzzjoni tal-prodotti agrikoli kkonsenjati.***	(19) Sabiex jiġi ffaċilitat il-funzjonament tal-mekkaniżmi tat-trażmissjoni tal-prezzijiet, fejn il-prezz finali pagabbli għall-konsenja ta' prodotti agrikoli jiġi kkalkolat billi jiġu kkombinati diversi fatturi stabbiliti fil-kuntratt, dawk il-fatturi ***jistgħu*** jinkludu indikaturi, indiċijiet jew metodi ta' kalkolu oġġettivi li huma faċilment komprensibbli mill-partijiet.

Or. en

Emenda 153
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Sabiex jiġi ffaċilitat il-funzjonament tal-mekkaniżmi tat-trażmissjoni tal-prezzijiet, fejn il-prezz finali pagabbli għall-konsenja ta' prodotti agrikoli jiġi kkalkolat billi jiġu kkombinati diversi fatturi stabbiliti fil-kuntratt, dawk il-fatturi jenħtieġ li jinkludu indikaturi,	(19) Sabiex jiġi ffaċilitat il-funzjonament tal-mekkaniżmi tat-trażmissjoni tal-prezzijiet, fejn il-prezz finali pagabbli għall-konsenja ta' prodotti agrikoli jiġi kkalkolat billi jiġu kkombinati diversi fatturi stabbiliti fil-kuntratt, dawk il-fatturi jenħtieġ li jinkludu indikaturi,

indiċijiet jew metodi ta’ kalkolu oġġettivi li huma faċilment komprensibbli mill-partijiet. Sabiex jiġi evitat li l-bdiewa jkunu mġiegħla jbigħu b’mod sistematiku taħt l-ispejjeż tal-produzzjoni tagħhom, l-indikaturi, l-indiċijiet u l-metodi tal-kalkolu tal-prezz finali jenħtieġ li jirriflettu l-bidliet fil-kundizzjonijiet tas-suq u fl-ispejjeż tal-produzzjoni tal-prodotti agrikoli kkonsenjati.	indiċijiet jew metodi ta’ kalkolu oġġettivi li huma faċilment komprensibbli mill-partijiet. Sabiex jiġi evitat li l-bdiewa jkunu mġiegħla jbigħu b’mod sistematiku taħt l-ispejjeż tal-produzzjoni tagħhom, l-indikaturi, l-indiċijiet u l-metodi tal-kalkolu tal-prezz finali jenħtieġ li jirriflettu l-bidliet fil-kundizzjonijiet tas-suq u fl-ispejjeż tal-produzzjoni tal-prodotti agrikoli kkonsenjati. ***Il-prezz finali jrid ikopri tal-inqas l-ispiża totali tal-produzzjoni, inkluża remunerazzjoni ġusta tal-produtturi u l-ħaddiema u l-ispiża totali tas-servizzi addizzjonali. L-Istati Membri jenħtieġ li jiġu mħeġġa jimplimentaw qafas ta’ monitoraġġ biex jiġi vvalutat kif jiġu applikati dawn il-mekkaniżmi tal-kalkolu tal-prezzijiet sabiex jiġi pprevenut l-abbuż u biex jiġi żgurat li l-bdiewa ma jkunux obbligati jbigħu bi prezzijiet inqas mill-kostijiet tal-produzzjoni. Dan il-qafas jenħtieġ li jinkludi mekkaniżmi għas-soluzzjoni tat-tilwim fil-każ li l-partijiet jonqsu milli jiftiehmu dwar il-prezz finali, filwaqt li jitqiesu r-reġjuni transfruntiera.***
	Or. ro

Emenda 154
Maria Noichl

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Sabiex jiġi ffaċilitat il-funzjonament tal-mekkaniżmi tat-trażmissjoni tal-prezzijiet, fejn il-prezz finali pagabbli għall-konsenja ta’ prodotti agrikoli jiġi kkalkolat billi jiġu kkombinati diversi fatturi stabbiliti fil-kuntratt, dawk il-fatturi jenħtieġ li jinkludu indikaturi, indiċijiet jew metodi ta’ kalkolu oġġettivi li huma faċilment komprensibbli mill-partijiet. Sabiex jiġi evitat li l-bdiewa jkunu	(19) Sabiex jiġi ffaċilitat il-funzjonament tal-mekkaniżmi tat-trażmissjoni tal-prezzijiet, fejn il-prezz finali pagabbli għall-konsenja ta’ prodotti agrikoli jiġi kkalkolat billi jiġu kkombinati diversi fatturi stabbiliti fil-kuntratt, dawk il-fatturi jenħtieġ li jinkludu indikaturi, indiċijiet jew metodi ta’ kalkolu oġġettivi li huma faċilment komprensibbli mill-partijiet. Sabiex jiġi evitat li l-bdiewa jkunu

mġiegħla jbigħu b'mod sistematiku taħt l-ispejjeż tal-produzzjoni tagħhom, l-indikaturi, l-indiċijiet u l-metodi tal-kalkolu tal-prezz finali jenħtieġ li jirriflettu l-bidliet fil-kundizzjonijiet tas-suq u fl-ispejjeż tal-produzzjoni tal-prodotti agrikoli kkonsenjati.	mġiegħla jbigħu b'mod sistematiku taħt l-ispejjeż tal-produzzjoni tagħhom, l-indikaturi, l-indiċijiet u l-metodi tal-kalkolu tal-prezz finali jenħtieġ li jirriflettu l-bidliet fil-kundizzjonijiet tas-suq u fl-ispejjeż tal-produzzjoni tal-prodotti agrikoli kkonsenjati. ***Fi kwalunkwe każ, il-prezz finali jrid ikopri mill-inqas l-ispejjeż totali tal-produzzjoni inkluża r-remunerazzjoni ġusta tal-produtturi u l-ispejjeż totali għal servizzi addizzjonali.***
	Or. en

Emenda 155
Jessika Van Leeuwen

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Sabiex jiġi ffaċilitat il-funzjonament tal-mekkaniżmi tat-trażmissjoni tal-prezzijiet, fejn il-prezz finali pagabbli għall-konsenja ta' prodotti agrikoli jiġi kkalkolat billi jiġu kkombinati diversi fatturi stabbiliti fil-kuntratt, dawk il-fatturi jenħtieġ li jinkludu indikaturi, indiċijiet jew metodi ta' kalkolu oġġettivi li huma faċilment komprensibbli mill-partijiet. Sabiex jiġi evitat li l-bdiewa jkunu mġiegħla jbigħu b'mod sistematiku taħt l-ispejjeż tal-produzzjoni tagħhom, l-indikaturi, l-indiċijiet u l-metodi tal-kalkolu tal-prezz finali jenħtieġ li jirriflettu l-bidliet fil-kundizzjonijiet tas-suq u fl-ispejjeż tal-produzzjoni tal-prodotti agrikoli kkonsenjati.	(19) Sabiex jiġi ffaċilitat il-funzjonament tal-mekkaniżmi tat-trażmissjoni tal-prezzijiet, fejn il-prezz finali pagabbli għall-konsenja ta' prodotti agrikoli jiġi kkalkolat billi jiġu kkombinati diversi fatturi stabbiliti fil-kuntratt, dawk il-fatturi jenħtieġ li jinkludu indikaturi, indiċijiet jew metodi ta' kalkolu oġġettivi li huma faċilment komprensibbli mill-partijiet. Sabiex jiġi evitat li l-bdiewa jkunu mġiegħla jbigħu b'mod sistematiku taħt l-ispejjeż tal-produzzjoni tagħhom, l-indikaturi, l-indiċijiet u l-metodi tal-kalkolu tal-prezz finali jenħtieġ li jirriflettu l-bidliet fil-kundizzjonijiet tas-suq u fl-ispejjeż tal-produzzjoni tal-prodotti agrikoli kkonsenjati. ***Il-prezz finali għandu jkopri mill-inqas l-ispejjeż totali tal-produzzjoni inkluża r-remunerazzjoni ġusta tal-produtturi u l-ispejjeż totali għal servizzi addizzjonali.***
	Or. en

Emenda 156
Luke Ming Flanagan, Arash Saeidi, Sebastian Everding, Giuseppe Antoci
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Sabiex jiġi ffaċilitat il-funzjonament tal-mekkaniżmi tat-trażmissjoni tal-prezzijiet, fejn il-prezz finali pagabbli għall-konsenja ta' prodotti agrikoli jiġi kkalkolat billi jiġu kkombinati diversi fatturi stabbiliti fil-kuntratt, dawk il-fatturi jenħtieġ li jinkludu indikaturi, indiċijiet jew metodi ta' kalkolu oġġettivi li huma faċilment komprensibbli mill-partijiet. Sabiex jiġi evitat li l-bdiewa jkunu mġiegħla jbigħu b'mod sistematiku taħt l-ispejjeż tal-produzzjoni tagħhom, l-indikaturi, l-indiċijiet u l-metodi tal-kalkolu tal-prezz finali jenħtieġ li jirriflettu l-bidliet fil-kundizzjonijiet tas-suq u fl-ispejjeż tal-produzzjoni tal-prodotti agrikoli kkonsenjati.	(19) Sabiex jiġi ffaċilitat il-funzjonament tal-mekkaniżmi tat-trażmissjoni tal-prezzijiet, fejn il-prezz finali pagabbli għall-konsenja ta' prodotti agrikoli jiġi kkalkolat billi jiġu kkombinati diversi fatturi stabbiliti fil-kuntratt, dawk il-fatturi jenħtieġ li jinkludu indikaturi, indiċijiet jew metodi ta' kalkolu oġġettivi li huma faċilment komprensibbli mill-partijiet. Sabiex jiġi evitat li l-bdiewa jkunu mġiegħla jbigħu b'mod sistematiku taħt l-ispejjeż tal-produzzjoni tagħhom, l-indikaturi, l-indiċijiet u l-metodi tal-kalkolu tal-prezz finali jenħtieġ li jirriflettu l-bidliet fil-kundizzjonijiet tas-suq u fl-ispejjeż tal-produzzjoni tal-prodotti agrikoli kkonsenjati***; fi kwalunkwe każ il-prezz finali jrid ikopri mill-inqas l-ispejjeż totali tal-produzzjoni inkluża r-remunerazzjoni ġusta tal-produtturi u l-ispejjeż totali għal servizzi addizzjonali***.

Or. en

Emenda 157
Ciaran Mullooly

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Sabiex jiġi ffaċilitat il-funzjonament tal-mekkaniżmi tat-trażmissjoni tal-prezzijiet, fejn il-prezz finali pagabbli għall-konsenja ta' prodotti agrikoli jiġi kkalkolat billi jiġu kkombinati diversi fatturi stabbiliti fil-kuntratt, dawk	(19) Sabiex jiġi ffaċilitat il-funzjonament tal-mekkaniżmi tat-trażmissjoni tal-prezzijiet, fejn il-prezz finali pagabbli għall-konsenja ta' prodotti agrikoli jiġi kkalkolat billi jiġu kkombinati diversi fatturi stabbiliti fil-kuntratt, dawk

il-fatturi jenħtieġ li jinkludu indikaturi, indiċijiet jew metodi ta' kalkolu oġġettivi li huma faċilment komprensibbli mill-partijiet. Sabiex jiġi evitat li l-bdiewa jkunu mġiegħla jbigħu b'mod sistematiku taħt l-ispejjeż tal-produzzjoni tagħhom, l-indikaturi, l-indiċijiet u l-metodi tal-kalkolu tal-prezz finali jenħtieġ li jirriflettu l-bidliet fil-kundizzjonijiet tas-suq u fl-ispejjeż tal-produzzjoni tal-prodotti agrikoli kkonsenjati.	il-fatturi jenħtieġ li jinkludu indikaturi, indiċijiet jew metodi ta' kalkolu oġġettivi li huma faċilment komprensibbli mill-partijiet. Sabiex jiġi evitat li l-bdiewa jkunu mġiegħla jbigħu b'mod sistematiku taħt l-ispejjeż tal-produzzjoni tagħhom, l-indikaturi, l-indiċijiet u l-metodi tal-kalkolu tal-prezz finali jenħtieġ li jirriflettu l-bidliet fil-kundizzjonijiet tas-suq u fl-ispejjeż tal-produzzjoni tal-prodotti agrikoli kkonsenjati. ***L-UE għandha tiżgura li l-ebda bidwi ma jkun jista' jiġi mġiegħel, fi kwalunkwe ċirkostanza, ibigħ prodotti taħt l-ispejjeż tal-produzzjoni tiegħu.***
	Or. en

Emenda 158
Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Sabiex jiġi ffaċilitat il-funzjonament tal-mekkaniżmi tat-trażmissjoni tal-prezzijiet, fejn il-prezz finali pagabbli għall-konsenja ta' prodotti agrikoli jiġi kkalkolat billi jiġu kkombinati diversi fatturi stabbiliti fil-kuntratt, dawk il-fatturi jenħtieġ li jinkludu indikaturi, indiċijiet jew metodi ta' kalkolu oġġettivi li huma faċilment komprensibbli mill-partijiet. Sabiex jiġi evitat li l-bdiewa jkunu mġiegħla jbigħu b'mod sistematiku taħt l-ispejjeż tal-produzzjoni tagħhom, l-indikaturi, l-indiċijiet u l-metodi tal-kalkolu tal-prezz finali jenħtieġ li jirriflettu l-bidliet fil-kundizzjonijiet tas-suq u fl-ispejjeż tal-produzzjoni tal-prodotti agrikoli kkonsenjati.	(19) Sabiex jiġi ffaċilitat il-funzjonament tal-mekkaniżmi tat-trażmissjoni tal-prezzijiet, fejn il-prezz finali pagabbli għall-konsenja ta' prodotti agrikoli jiġi kkalkolat billi jiġu kkombinati diversi fatturi stabbiliti fil-kuntratt, dawk il-fatturi jenħtieġ li jinkludu indikaturi, indiċijiet jew metodi ta' kalkolu oġġettivi li huma faċilment komprensibbli mill-partijiet. Sabiex jiġi evitat li l-bdiewa jkunu mġiegħla jbigħu b'mod sistematiku taħt l-ispejjeż tal-produzzjoni tagħhom, l-indikaturi, l-indiċijiet u l-metodi tal-kalkolu tal-prezz finali jenħtieġ li jirriflettu l-bidliet fil-kundizzjonijiet tas-suq u fl-ispejjeż tal-produzzjoni tal-prodotti agrikoli kkonsenjati***, bl-eċċezzjoni tas-setturi taċ-ċereali, taż-żrieragħ żejtnija, tal-għelejjel li fihom il-proteini u tal-laħam tal-majjal***.

Or. en

Emenda 159
Barry Cowen, Asger Christensen, Christine Singer, Charles Goerens, Elsi Katainen

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Sabiex jiġi ffaċilitat il-funzjonament tal-mekkaniżmi tat-trażmissjoni tal-prezzijiet, fejn il-prezz finali pagabbli għall-konsenja ta' prodotti agrikoli jiġi kkalkolat billi jiġu kkombinati diversi fatturi stabbiliti fil-kuntratt, dawk il-fatturi jenħtieġ li jinkludu indikaturi, indiċijiet jew metodi ta' kalkolu oġġettivi li huma faċilment komprensibbli mill-partijiet. Sabiex jiġi evitat li l-bdiewa jkunu mġiegħla jbigħu b'mod sistematiku taħt l-ispejjeż tal-produzzjoni tagħhom, l-indikaturi, l-indiċijiet u l-metodi tal-kalkolu tal-prezz finali jenħtieġ li jirriflettu l-bidliet fil-kundizzjonijiet tas-suq u fl-ispejjeż tal-produzzjoni tal-prodotti agrikoli kkonsenjati.	(19) Sabiex jiġi ffaċilitat il-funzjonament tal-mekkaniżmi tat-trażmissjoni tal-prezzijiet, ***f'setturi meqjusa meħtieġa mill-Istati Membri,*** fejn il-prezz finali pagabbli għall-konsenja ta' prodotti agrikoli jiġi kkalkolat billi jiġu kkombinati diversi fatturi stabbiliti fil-kuntratt, dawk il-fatturi jenħtieġ li jinkludu indikaturi, indiċijiet jew metodi ta' kalkolu oġġettivi li huma faċilment komprensibbli mill-partijiet. Sabiex jiġi evitat li l-bdiewa jkunu mġiegħla jbigħu b'mod sistematiku taħt l-ispejjeż tal-produzzjoni tagħhom, l-indikaturi, l-indiċijiet u l-metodi tal-kalkolu tal-prezz finali jenħtieġ li jirriflettu l-bidliet fil-kundizzjonijiet tas-suq u fl-ispejjeż tal-produzzjoni tal-prodotti agrikoli kkonsenjati.

Or. en

Emenda 160
Anna Strolenberg
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Sabiex jiġi ffaċilitat il-funzjonament tal-mekkaniżmi tat-trażmissjoni tal-prezzijiet, fejn il-prezz finali pagabbli għall-konsenja ta' prodotti agrikoli jiġi kkalkolat billi jiġu kkombinati	(19) Sabiex jiġi ffaċilitat il-funzjonament tal-mekkaniżmi tat-trażmissjoni tal-prezzijiet, fejn il-prezz finali pagabbli għall-konsenja ta' prodotti agrikoli jiġi kkalkolat billi jiġu kkombinati

diversi fatturi stabbiliti fil-kuntratt, dawk il-fatturi jenħtieġ li jinkludu indikaturi, indiċijiet jew metodi ta' kalkolu oġġettivi li huma faċilment komprensibbli mill-partijiet. Sabiex jiġi evitat li l-bdiewa jkunu mġiegħla jbigħu b'mod sistematiku taħt l-ispejjeż tal-produzzjoni tagħhom, l-indikaturi, l-indiċijiet u l-metodi tal-kalkolu tal-prezz finali jenħtieġ li jirriflettu l-bidliet fil-kundizzjonijiet tas-suq u fl-ispejjeż tal-produzzjoni tal-prodotti agrikoli kkonsenjati.	diversi fatturi stabbiliti fil-kuntratt, dawk il-fatturi jenħtieġ li jinkludu indikaturi, indiċijiet jew metodi ta' kalkolu oġġettivi li huma faċilment komprensibbli mill-partijiet. Sabiex jiġi evitat li l-bdiewa jkunu mġiegħla jbigħu b'mod sistematiku taħt l-ispejjeż tal-produzzjoni tagħhom, ***inkluża remunerazzjoni ġusta,*** l-indikaturi, l-indiċijiet u l-metodi tal-kalkolu tal-prezz finali jenħtieġ li jirriflettu l-bidliet fil-kundizzjonijiet tas-suq u fl-ispejjeż tal-produzzjoni tal-prodotti agrikoli kkonsenjati.
	Or. en

Emenda 161
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Sabiex jiġi ffaċilitat il-funzjonament tal-mekkaniżmi tat-trażmissjoni tal-prezzijiet, fejn il-prezz finali pagabbli għall-konsenja ta' prodotti agrikoli jiġi kkalkolat billi jiġu kkombinati diversi fatturi stabbiliti fil-kuntratt, dawk il-fatturi jenħtieġ li jinkludu indikaturi, indiċijiet jew metodi ta' kalkolu oġġettivi li huma faċilment komprensibbli mill-partijiet. Sabiex jiġi evitat li l-bdiewa jkunu mġiegħla jbigħu b'mod sistematiku taħt l-ispejjeż tal-produzzjoni tagħhom, l-indikaturi, l-indiċijiet u l-metodi tal-kalkolu tal-prezz finali jenħtieġ li jirriflettu l-bidliet fil-kundizzjonijiet tas-suq u fl-ispejjeż tal-produzzjoni tal-prodotti agrikoli kkonsenjati.	(19) Sabiex jiġi ffaċilitat il-funzjonament tal-mekkaniżmi tat-trażmissjoni tal-prezzijiet, fejn il-prezz finali pagabbli għall-konsenja ta' prodotti agrikoli jiġi kkalkolat billi jiġu kkombinati diversi fatturi stabbiliti fil-kuntratt, dawk il-fatturi jenħtieġ li jinkludu indikaturi, indiċijiet jew metodi ta' kalkolu oġġettivi li huma faċilment komprensibbli mill-partijiet. Sabiex jiġi evitat li l-bdiewa jkunu mġiegħla jbigħu b'mod sistematiku taħt l-ispejjeż tal-produzzjoni ***u l-marġni ta' profitt minimu*** tagħhom, l-indikaturi, l-indiċijiet u l-metodi tal-kalkolu tal-prezz finali jenħtieġ li jirriflettu l-bidliet fil-kundizzjonijiet tas-suq u fl-ispejjeż tal-produzzjoni tal-prodotti agrikoli kkonsenjati.
	Or. ro

Emenda 162
Gilles Pennelle, Valérie Deloge

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jitfasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013, (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/2115/oj).

Or. en

Emenda 200
Ciaran Mullooly

Proposta għal regolament
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) Sabiex tissaħħaħ il-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-provvista tal-ikel, jenħtieġ li jiġu emendati diversi dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[8] fir-rigward tat-tipi ta' intervent f'ċerti setturi. Dawn l-emendi għandhom l-għan li jappoġġaw lill-bdiewa biex isiru jew jibqgħu membri ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi jew assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi rikonoxxuti skont ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013, fid-dawl tar-rwol pożittiv li dawn l-organizzazzjonijiet u l-assoċjazzjonijiet għandhom fit-tisħiħ tas-setgħa ta' negozjar tal-produtturi. Barra minn hekk, biex jiġi żgurat appoġġ aktar effiċjenti u mmirat tal-organizzazzjonijiet ta' produtturi permezz tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, jenħtieġ li tiġi prevista l-possibbiltà ta' żieda fl-assistenza finanzjarja tal-Unjoni għall-programmi operazzjonali f'ċerti setturi.	(26) Sabiex tissaħħaħ il-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-provvista tal-ikel, jenħtieġ li jiġu emendati diversi dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[8] fir-rigward tat-tipi ta' intervent f'ċerti setturi. Dawn l-emendi għandhom l-għan li jappoġġaw lill-bdiewa biex isiru jew jibqgħu membri ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi jew assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi rikonoxxuti skont ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013, fid-dawl tar-rwol pożittiv li dawn l-organizzazzjonijiet u l-assoċjazzjonijiet għandhom fit-tisħiħ tas-setgħa ta' negozjar tal-produtturi. Barra minn hekk, biex jiġi żgurat appoġġ aktar effiċjenti u mmirat tal-organizzazzjonijiet ta' produtturi permezz tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, jenħtieġ li tiġi prevista l-possibbiltà ta' żieda fl-assistenza finanzjarja tal-Unjoni għall-programmi operazzjonali f'ċerti setturi ***għal perjodu ta' 6 snin wara l-formazzjoni u r-***

reġistrazzjoni tal-organizzazzjoni ta' produtturi.

[8] Ir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jitfasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013, (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/2115/oj).

[8] Ir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jitfasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013, (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/2115/oj).

Or. en

Emenda 201
Carmen Crespo Díaz

Proposta għal regolament
Premessa 26a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(26a) Jitnaqqas il-piż burokratiku u amministrattiv fuq l-Organizzazzjonijiet ta' Produtturi fil-preżentazzjoni, it-twettiq u l-ġustifikazzjoni tal-programmi operattivi, biex b'hekk titnaqqas l-inċertezza u l-benefiċjarji jiġu inċentivati jieħdu azzjoni.

Or. es

Emenda 202
Sebastian Everding

Proposta għal regolament
Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) Il-valur tal-produzzjoni tal-frott u l-ħxejjex ikkummerċjalizzati minn organizzazzjonijiet ta' produtturi meta mqabbel mal-valur totali tal-produzzjoni tal-frott u l-ħxejjex f'ċerti Stati Membri għadu ferm taħt il-medja tal-Unjoni. Fost l-inċentivi finanzjarji disponibbli, l-Istati Membri diġà jistgħu jipprovdu assistenza finanzjarja nazzjonali kif previst fl-Artikolu 53 tar-Regolament (UE) 2021/2115 lil organizzazzjonijiet ta' produtturi li jinsabu f'ċerti reġjuni fejn il-livell ta' organizzazzjoni huwa ferm taħt il-medja tal-Unjoni. Bil-għan li tittejjeb il-kompetittività, jissaħħu l-pożizzjonijiet tal-bdiewa fil-katina tal-valur u jiġu stabbiliti organizzazzjonijiet ta' produtturi ġodda, jenħtieġ li jingħata inċentiv finanzjarju li jikkonsisti f'żieda ta' ***10 %*** tal-assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-organizzazzjonijiet ta' produtturi fl-Istati Membri, li fihom il-livell ta' organizzazzjoni tal-produtturi jkun inqas minn 10 % għal 3 snin konsekuttivi qabel l-implimentazzjoni tal-programm operazzjonali rilevanti.	(27) Il-valur tal-produzzjoni tal-frott u l-ħxejjex ikkummerċjalizzati minn organizzazzjonijiet ta' produtturi meta mqabbel mal-valur totali tal-produzzjoni tal-frott u l-ħxejjex f'ċerti Stati Membri għadu ferm taħt il-medja tal-Unjoni. Fost l-inċentivi finanzjarji disponibbli, l-Istati Membri diġà jistgħu jipprovdu assistenza finanzjarja nazzjonali kif previst fl-Artikolu 53 tar-Regolament (UE) 2021/2115 lil organizzazzjonijiet ta' produtturi li jinsabu f'ċerti reġjuni fejn il-livell ta' organizzazzjoni huwa ferm taħt il-medja tal-Unjoni. Bil-għan li tittejjeb il-kompetittività, jissaħħu l-pożizzjonijiet tal-bdiewa fil-katina tal-valur u jiġu stabbiliti organizzazzjonijiet ta' produtturi ġodda, jenħtieġ li jingħata inċentiv finanzjarju li jikkonsisti f'żieda ta' ***30 %*** tal-assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-organizzazzjonijiet ta' produtturi fl-Istati Membri, li fihom il-livell ta' organizzazzjoni tal-produtturi jkun inqas minn 10 % għal 3 snin konsekuttivi qabel l-implimentazzjoni tal-programm operazzjonali rilevanti.

Or. en

Emenda 203
Carmen Crespo Díaz

Proposta għal regolament
Premessa 27a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(27a) L-orjentazzjoni tal-kofinanzjament tal-fondi operattivi lejn appoġġ akbar għall-investimenti direttament marbuta mal-produzzjoni agrikola, filwaqt li jiġu promossi wkoll azzjonijiet konġunti mill-organizzazzjonijiet ta' produtturi għall-benefiċċju tas-sħab kollha, biex b'hekk jissaħħaħ l-impatt pożittiv fuq il-

kompetittività u s-sostenibbiltà tal-produtturi.

Or. es

Emenda 204
Sebastian Everding

Proposta għal regolament
Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(28) Bil-għan li jiġi ffaċilitat it-tiġdid ġenerazzjonali fis-settur tal-biedja u jiġi mħeġġeġ id-dħul ta' produtturi ġodda membri f'organizzazzjonijiet ta' produtturi fis-settur tal-frott u l-ħxejjex u f'setturi oħrajn kif imsemmi fl-Artikolu 42, il-punt (f) tar-Regolament (UE) 2021/2115, jenħtieġ li jingħata inċentiv partikolari lill-bdiewa żgħażagħ u lill-bdiewa ġodda li jissieħbu f'organizzazzjoni ta' produtturi rikonoxxuta skont ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013. Konsegwentement, jenħtieġ li ssir disponibbli żieda possibbli ta' ***10 %*** fl-assistenza finanzjarja tal-Unjoni għan-nefqa relatata mal-investimenti li jsiru fl-azjenda ta' bidwi żagħżugħ jew produttur ġdid li jissieħeb għall-ewwel darba f'organizzazzjoni ta' produtturi rikonoxxuta.	(28) Bil-għan li jiġi ffaċilitat it-tiġdid ġenerazzjonali fis-settur tal-biedja u jiġi mħeġġeġ id-dħul ta' produtturi ġodda membri f'organizzazzjonijiet ta' produtturi fis-settur tal-frott u l-ħxejjex u f'setturi oħrajn kif imsemmi fl-Artikolu 42, il-punt (f) tar-Regolament (UE) 2021/2115, jenħtieġ li jingħata inċentiv partikolari lill-bdiewa żgħażagħ u lill-bdiewa ġodda li jissieħbu f'organizzazzjoni ta' produtturi rikonoxxuta skont ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013. Konsegwentement, jenħtieġ li ssir disponibbli żieda possibbli ta' ***30*** % fl-assistenza finanzjarja tal-Unjoni għan-nefqa relatata mal-investimenti li jsiru fl-azjenda ta' bidwi żagħżugħ jew produttur ġdid li jissieħeb għall-ewwel darba f'organizzazzjoni ta' produtturi rikonoxxuta.

Or. en

Emenda 205
Carmen Crespo Díaz

Proposta għal regolament
Premessa 28a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(28a) Bil-għan li tittejjeb l-effiċjenza u jitnaqqsu l-ispejjeż tal-produzzjoni, se tiġi

	mħeġġa żieda sinifikanti fl-investiment fid-diġitalizzazzjoni, l-innovazzjoni teknoloġika, u l-għodod intelliġenti applikati għall-produzzjoni agrikola; Dawn l-investimenti għandhom jingħataw prijorità fi ħdan il-programmi operattivi tal-organizzazzjonijiet ta' produtturi u jkunu soġġetti għal skema ta' kofinanzjament favorevoli għall-produtturi.

Or. es

Emenda 206
Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) Sabiex jiġi appoġġat l-istabbiliment ta' tipi ta' intervent fis-setturi l-oħrajn imsemmija fl-Artikolu 42(f), tar-Regolament (UE) 2021/2115, jenħtieġ li, mill-2025, l-Istati Membri jingħataw aktar flessibbiltà biex jaġġustaw l-allokazzjoni tal-fondi għal dawn is-setturi billi jużaw sa 6 % tal-allokazzjonijiet tagħhom għal pagament dirett.	***imħassar***

Or. it

Ġustifikazzjoni

L-azzjonijiet imsemmija hawn fuq ma għandhomx jiġu appoġġati minn aktar tnaqqis fil-pagamenti diretti, li, sal-lum, jirrappreżentaw l-uniku appoġġ għad-dħul ipprovdut direttament lill-bdiewa u li matul is-snin ġarrbu tnaqqis sinifikanti wara r-ristrutturar progressiv tal-PAK, sal-effett tal-inflazzjoni fuq l-aħħar perjodu ta' programmazzjoni.

Emenda 207
Mireia Borrás Pabón

Proposta għal regolament

Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) Sabiex jiġi appoġġat l-istabbiliment ta' tipi ta' intervent fis-setturi l-oħrajn imsemmija fl-Artikolu 42(f), tar-Regolament (UE) 2021/2115, jenħtieġ li, mill-2025, l-Istati Membri jingħataw aktar flessibbiltà biex jaġġustaw l-allokazzjoni tal-fondi għal dawn is-setturi billi jużaw sa 6 % tal-allokazzjonijiet tagħhom għal pagamenti dirett.	***imħassar***

Or. es

Emenda 208
Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) Sabiex jiġi appoġġat l-istabbiliment ta' tipi ta' intervent fis-setturi l-oħrajn imsemmija fl-Artikolu 42(f), tar-Regolament (UE) 2021/2115, jenħtieġ li, mill-2025, l-Istati Membri jingħataw aktar flessibbiltà biex jaġġustaw l-allokazzjoni tal-fondi għal dawn is-setturi billi jużaw sa 6 % tal-allokazzjonijiet tagħhom għal pagament dirett.	***imħassar***

Or. en

Emenda 209
Barry Cowen, Asger Christensen, Christine Singer, Charles Goerens

Proposta għal regolament
Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) Sabiex jiġi appoġġat l-istabbiliment ta' tipi ta' intervent fis-setturi l-oħrajn imsemmija fl-Artikolu 42(f), tar-Regolament (UE) 2021/2115, jenħtieġ li, mill-2025, l-Istati Membri jingħataw aktar flessibbiltà biex jaġġustaw l-allokazzjoni tal-fondi għal dawn is-setturi billi jużaw sa 6 % tal-allokazzjonijiet tagħhom għal pagament dirett.	(30) Sabiex jiġi appoġġat l-istabbiliment ta' tipi ta' intervent fis-setturi l-oħrajn imsemmija fl-Artikolu 42(f), tar-Regolament (UE) 2021/2115, jenħtieġ li, mill-2025, l-Istati Membri jingħataw aktar flessibbiltà biex jaġġustaw l-allokazzjoni tal-fondi għal dawn is-setturi billi jużaw sa 6 % tal-allokazzjonijiet tagħhom għal pagament dirett***, filwaqt li jittieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiġi evitat impatt negattiv fuq l-appoġġ bażiku għall-introjtu għas-sostenibbiltà***.

Or. en

Emenda 210
Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) Sabiex jiġi appoġġat l-istabbiliment ta' tipi ta' intervent fis-setturi l-oħrajn imsemmija fl-Artikolu 42(f), tar-Regolament (UE) 2021/2115, jenħtieġ li, mill-2025, l-Istati Membri jingħataw aktar flessibbiltà biex jaġġustaw l-allokazzjoni tal-fondi għal dawn is-setturi billi jużaw sa 6 % tal-allokazzjonijiet tagħhom għal pagament dirett.	(30) Sabiex jiġi appoġġat l-istabbiliment ta' tipi ta' intervent fis-setturi l-oħrajn imsemmija fl-Artikolu 42(f), tar-Regolament (UE) 2021/2115, jenħtieġ li, mill-2025, l-Istati Membri jingħataw aktar flessibbiltà biex jaġġustaw l-allokazzjoni tal-fondi għal dawn is-setturi billi jużaw sa 6 % tal-allokazzjonijiet tagħhom għal pagament dirett***, filwaqt li jiġi evitat impatt negattiv fuq l-appoġġ bażiku għall-introjtu għas-sostenibbiltà***.

Or. en

Emenda 211
Csaba Dömötör

Proposta għal regolament
Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) Sabiex jiġi appoġġat l-istabbiliment ta' tipi ta' intervent fis-setturi l-oħrajn imsemmija fl-Artikolu 42(f), tar-Regolament (UE) 2021/2115, jenħtieġ li, mill-2025, l-Istati Membri jingħataw aktar flessibbiltà biex jaġġustaw l-allokazzjoni tal-fondi għal dawn is-setturi billi jużaw sa 6 % tal-allokazzjonijiet tagħhom għal pagament dirett.	(30) Sabiex jiġi appoġġat l-istabbiliment ta' tipi ta' intervent fis-setturi l-oħrajn imsemmija fl-Artikolu 42(f), tar-Regolament (UE) 2021/2115, jenħtieġ li, mill-2025, l-Istati Membri jingħataw aktar flessibbiltà biex jaġġustaw l-allokazzjoni tal-fondi għal dawn is-setturi billi jużaw sa 6 % tal-allokazzjonijiet tagħhom għal pagament dirett***, filwaqt li jiġi evitat impatt negattiv fuq il-pagamenti bbażati fuq l-erja u pagament diretti oħra***.

Or. en

Emenda 212
Christine Singer

Proposta għal regolament
Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(32) Bil-għan li jiġi żgurat li jkunu jistgħu jsiru disponibbli għall-Istati Membri riżorsi tal-Unjoni mir-riżerva għall-agrikoltura sabiex jiġu appoġġati azzjonijiet kollettivi minn operaturi privati f'perjodi ta' żbilanċ serju fis-suq, il-possibbiltà li tintuża r-riżerva għall-agrikoltura jenħtieġ li tiġi estiża għall-appoġġ ta' azzjonijiet kollettivi meta l-Kummissjoni tiddeċiedi li r-regoli tal-kompetizzjoni ma japplikawx għal dawk l-azzjonijiet.	***imħassar***

Or. en

Emenda 213
Csaba Dömötör

Proposta għal regolament
Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(32) Bil-għan li jiġi żgurat li jkunu jistgħu jsiru disponibbli għall-Istati Membri riżorsi tal-Unjoni mir-riżerva għall-agrikoltura sabiex jiġu appoġġati azzjonijiet kollettivi minn operaturi privati f'perjodi ta' żbilanċ serju fis-suq, il-possibbiltà li tintuża r-riżerva għall-agrikoltura jenħtieġ li tiġi estiża għall-appoġġ ta' azzjonijiet kollettivi meta l-Kummissjoni tiddeċiedi li r-regoli tal-kompetizzjoni ma japplikawx għal dawk l-azzjonijiet.	(32) Bil-għan li jiġi żgurat li jkunu jistgħu jsiru disponibbli għall-Istati Membri riżorsi tal-Unjoni mir-riżerva għall-agrikoltura sabiex jiġu appoġġati azzjonijiet kollettivi minn operaturi privati f'perjodi ta' żbilanċ serju fis-suq, il-possibbiltà li tintuża r-riżerva għall-agrikoltura jenħtieġ li tiġi estiża għall-appoġġ ta' azzjonijiet kollettivi meta l-Kummissjoni tiddeċiedi li r-regoli tal-kompetizzjoni ma japplikawx għal dawk l-azzjonijiet***, filwaqt li tingħata attenzjoni partikolari lill-fattibbiltà tagħha billi jitqies l-impatt potenzjali fuq il-pagamenti bbażati fuq l-erja u pagamenti diretti oħra***.

Or. en

Emenda 214
Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(32) Bil-għan li jiġi żgurat li jkunu jistgħu jsiru disponibbli għall-Istati Membri riżorsi tal-Unjoni mir-riżerva għall-agrikoltura sabiex jiġu appoġġati azzjonijiet kollettivi minn operaturi privati f'perjodi ta' żbilanċ serju fis-suq, il-possibbiltà li tintuża r-riżerva għall-agrikoltura jenħtieġ li tiġi estiża għall-appoġġ ta' azzjonijiet kollettivi meta l-Kummissjoni tiddeċiedi li r-regoli tal-kompetizzjoni ma japplikawx għal dawk l-azzjonijiet.	(32) Bil-għan li jiġi żgurat li jkunu jistgħu jsiru disponibbli għall-Istati Membri riżorsi tal-Unjoni mir-riżerva għall-agrikoltura sabiex jiġu appoġġati azzjonijiet kollettivi minn operaturi privati f'perjodi ta' żbilanċ serju fis-suq, il-possibbiltà li tintuża r-riżerva għall-agrikoltura jenħtieġ li tiġi estiża għall-appoġġ ta' azzjonijiet kollettivi meta l-Kummissjoni tiddeċiedi li r-regoli tal-kompetizzjoni ma japplikawx għal dawk l-azzjonijiet ***filwaqt li tingħata attenzjoni partikolari lill-fattibbiltà tagħha billi jitqies l-impatt potenzjali fuq il-pagamenti diretti***.

Or. en

Emenda 215
Mireia Borrás Pabón

Proposta għal regolament
Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(32) Bil-għan li jiġi żgurat li jkunu jistgħu jsiru disponibbli għall-Istati Membri riżorsi tal-Unjoni mir-riżerva għall-agrikoltura sabiex jiġu appoġġati azzjonijiet kollettivi minn operaturi privati f'perjodi ta' żbilanċ serju fis-suq, il-possibbiltà li tintuża r-riżerva għall-agrikoltura jenħtieġ li tiġi estiża għall-appoġġ ta' azzjonijiet kollettivi meta l-Kummissjoni tiddeċiedi li r-regoli tal-kompetizzjoni ma japplikawx għal dawk l-azzjonijiet.	(32) Bil-għan li jiġi żgurat li jkunu jistgħu jsiru disponibbli għall-Istati Membri riżorsi tal-Unjoni mir-riżerva għall-agrikoltura sabiex jiġu appoġġati azzjonijiet kollettivi minn operaturi privati f'perjodi ta' żbilanċ serju fis-suq, il-possibbiltà li tintuża r-riżerva għall-agrikoltura jenħtieġ li tiġi estiża għall-appoġġ ta' azzjonijiet kollettivi meta l-Kummissjoni tiddeċiedi li r-regoli tal-kompetizzjoni ma japplikawx għal dawk l-azzjonijiet***, filwaqt li tingħata attenzjoni partikolari lill-fattibbiltà tagħhom u jitqies l-impatt potenzjali fuq il-pagamenti diretti***.

Or. es

Emenda 216
Barry Cowen, Asger Christensen, Christine Singer, Charles Goerens

Proposta għal regolament
Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(32) Bil-għan li jiġi żgurat li jkunu jistgħu jsiru disponibbli għall-Istati Membri riżorsi tal-Unjoni mir-riżerva għall-agrikoltura sabiex jiġu appoġġati azzjonijiet kollettivi minn operaturi privati f'perjodi ta' żbilanċ serju fis-suq, il-possibbiltà li tintuża r-riżerva għall-agrikoltura jenħtieġ li tiġi estiża għall-appoġġ ta' azzjonijiet kollettivi meta l-Kummissjoni tiddeċiedi li r-regoli tal-kompetizzjoni ma japplikawx għal dawk l-	(32) Bil-għan li jiġi żgurat li jkunu jistgħu jsiru disponibbli għall-Istati Membri riżorsi tal-Unjoni mir-riżerva għall-agrikoltura sabiex jiġu appoġġati azzjonijiet kollettivi minn operaturi privati f'perjodi ta' żbilanċ serju fis-suq, il-possibbiltà li tintuża r-riżerva għall-agrikoltura jenħtieġ li tiġi estiża għall-appoġġ ta' azzjonijiet kollettivi meta l-Kummissjoni tiddeċiedi li r-regoli tal-kompetizzjoni ma japplikawx għal dawk l-

azzjonijiet.	azzjonijiet***, filwaqt li tingħata attenzjoni partikolari lill-impatt potenzjali fuq il-pagamenti diretti***.

Or. en

Emenda 217
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(32) Bil-għan li jiġi żgurat li jkunu jistgħu jsiru disponibbli għall-Istati Membri riżorsi tal-Unjoni mir-riżerva għall-agrikoltura sabiex jiġu appoġġati azzjonijiet kollettivi minn operaturi privati f'perjodi ta' żbilanċ serju fis-suq, il-possibbiltà li tintuża r-riżerva għall-agrikoltura jenħtieġ li tiġi estiża għall-appoġġ ta' azzjonijiet kollettivi meta l-Kummissjoni tiddeċiedi li r-regoli tal-kompetizzjoni ma japplikawx għal dawk l-azzjonijiet.	(32) Bil-għan li jiġi żgurat li jkunu jistgħu jsiru disponibbli għall-Istati Membri riżorsi tal-Unjoni mir-riżerva għall-agrikoltura***, b'mod ġust u trasparenti,*** sabiex jiġu appoġġati azzjonijiet kollettivi minn operaturi privati f'perjodi ta' żbilanċ serju fis-suq, il-possibbiltà li tintuża r-riżerva għall-agrikoltura jenħtieġ li tiġi estiża għall-appoġġ ta' azzjonijiet kollettivi meta l-Kummissjoni tiddeċiedi li r-regoli tal-kompetizzjoni ma japplikawx għal dawk l-azzjonijiet.

Or. ro

Emenda 218
Christine Singer

Proposta għal regolament
Premessa 33

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(33) Għalhekk, jenħtieġ li l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[9] jiġi emendat skont dan.	***imħassar***

[9] Ir-Regolament (UE) 2021/2116 tal-

Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013, (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 187, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/2116/oj).

Or. en

Emenda 219
Christine Singer

Proposta għal regolament
Premessa 34

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(34) Sabiex l-operaturi tas-suq jingħataw iż-żmien meħtieġ biex jadattaw u biex il-Kummissjoni tkun tista' tivvaluta l-iskemi u l-prattiki nazzjonali eżistenti, l-applikazzjoni tar-regoli relatati mar-riżerva tat-termini fakultattivi "ġust", "ekwu" u t-termini ekwivalenti tagħhom, u t-terminu "ktajjen tal-provvista qosra", jenħtieġ li tiġi differita b'sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Barra minn hekk, sabiex l-operaturi jadattaw ir-relazzjonijiet kuntrattwali tagħhom għar-regoli l-ġodda dwar il-kuntratti bil-miktub, l-applikazzjoni ta' dawk ir-regoli jenħtieġ li tiġi differita bi 18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ tiegħu.	***imħassar***

Or. en

Emenda 220
Stefano Bonaccini, Dario Nardella, Camilla Laureti

Proposta għal regolament
Artikolu -1 (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu -1
	Fil-Parti I, l-Artikolu 1(2), jiżdied il-punt li ġej:
	(la) ħall, Parti XIIa;

Or. en

(Parti I tar-regolament)

Emenda 221
Luke Ming Flanagan
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu -1 (ġdid)
Regolament (UE) 1308/2013
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt x

Test fis-seħħ	*Emenda*
	Artikolu -1 (ġdid)
	l-Artikolu 1(2), il-punt x huwa sostitwit b'dan li ġej:
Artikolu 1 Kamp ta' applikazzjoni	"Artikolu 1 Kamp ta' applikazzjoni
1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq għall-prodotti agrikoli, li tfisser il-prodotti kollha elenkati fl-Anness I għat-Trattati bl-eċċezzjoni tal-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura kif definit fl-atti leġislattivi tal-Unjoni dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura.	1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq għall-prodotti agrikoli, li tfisser il-prodotti kollha elenkati fl-Anness I għat-Trattati bl-eċċezzjoni tal-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura kif definit fl-atti leġislattivi tal-Unjoni dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura.
2. Il-prodotti agrikoli kif iddefiniti fil-paragrafu 1 għandhom jinqasmu fis-setturi li ġejjin kif elenkati fil-partijiet rispettivi tal-Anness I:	2. Il-prodotti agrikoli kif iddefiniti fil-paragrafu 1 għandhom jinqasmu fis-setturi li ġejjin kif elenkati fil-partijiet rispettivi tal-Anness I:
(x) prodotti oħra, Parti XXIV.	(x) prodotti oħra, ***inkluż il-laħam taż-żiemel,*** Parti XXIV.

Or. en

(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A02013R1308-20241108 - Parti I tar-regolament)

Emenda 222
Luke Ming Flanagan
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu -1a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 7

Test fis-seħħ	*Emenda*
	Artikolu -1a (ġdid)
	L-Artikolu 7 huwa emendat kif ġej:
Artikolu 7	"Artikolu 7
Limiti ta' referenza	Limiti ta' referenza
1. Il-limiti ta' referenza li ġejjin huma fissi:	1. Il-limiti ta' referenza li ġejjin huma fissi:
(a) fir-rigward tas-settur taċ-ċereali, EUR 101,31/tunnellata, għall-istadju ta' kummerċ bl-ingrossa għal oġġetti kkonsenjati fil-maħżen, qabel il-ħatt;	(a) fir-rigward tas-settur taċ-ċereali, EUR 101,31/tunnellata, għall-istadju ta' kummerċ bl-ingrossa għal oġġetti kkonsenjati fil-maħżen, qabel il-ħatt;
(b) fir-rigward ta' ross għadu fil-ħliefa, EUR 150/tunnellata għall-kwalità standard kif definita fil-punt A tal-Anness III, relatata għall-istadju ta' kummerċ bl-ingrossa għal oġġetti kkonsenjati fil-maħżen, qabel il-ħatt;	(b) fir-rigward ta' ross għadu fil-ħliefa, EUR 150/tunnellata għall-kwalità standard kif definita fil-punt A tal-Anness III, relatata għall-istadju ta' kummerċ bl-ingrossa għal oġġetti kkonsenjati fil-maħżen, qabel il-ħatt;
(c) fir-rigward ta' zokkor ta' kwalità standard kif definita fil-punt B tal-Anness III, għaz-zokkor mhux imballat, kif joħroġ mill-fabbrika:	(c) fir-rigward ta' zokkor ta' kwalità standard kif definita fil-punt B tal-Anness III, għaz-zokkor mhux imballat, kif joħroġ mill-fabbrika:
(i) għal zokkor abjad: EUR 404,4/tunnellata metrika;	(i) għal zokkor abjad: EUR 404,4/tunnellata metrika;
(ii) għal zokkor mhux raffinat: EUR 335,2/tunnellata;	(ii) għal zokkor mhux raffinat: EUR 335,2/tunnellata;
(d) għas-settur taċ-ċanga u l-vitella, EUR 2 224/tunnellata għall-karkassi ta' annimali tal-ifrat maskili tal-klassi ta' konformazzjoni/kisja ta' xaħam R3 kif stabbilit fl-iskala tal-Unjoni għall-klassifikazzjoni tal-karkassi tal-annimali	(d) għas-settur taċ-ċanga u l-vitella, EUR 2 224/tunnellata għall-karkassi ta' annimali tal-ifrat maskili tal-klassi ta' konformazzjoni/kisja ta' xaħam R3 kif stabbilit fl-iskala tal-Unjoni għall-klassifikazzjoni tal-karkassi tal-annimali

tal-ifrat adulti li jkollhom tmien xhur jew aktar, imsemmija fil-punt A tal-Anness IV;

(e) fir-rigward tas-settur tal-ħalib u prodotti tal-ħalib:

(i) EUR 246,39 għal kull 100 kg għall-butir;

(ii) EUR 169,80 għal kull 100 kg għal trab ta' ħalib xkumat;

(f) fir-rigward tal-laħam tal-majjal, EUR 1 509.39/tunnellata għal karkassi tal-majjal ta' kwalità standard iddefinita skont il-piż u l-kontenut ta' laħam dgħif kif stabbilit fl-iskala tal-Unjoni għall-klassifikazzjoni ta' karkassi tal-majjal imsemmija fil-punt B tal-Anness IV kif ġej:

(i) karkassi li jiżnu minn 60 sa anqas minn 120 kg: klassi E;

ii) karkassi li jiżnu minn 120 sa 180 kg: klassi R;

(g) rigward is-settur taż-żejt taż-żebbuġa:

(i) EUR 1 779/tunnellata għaż-żejt taż-żebbuġa extra verġni;

(ii) EUR 1 710/tunnellata għaż-żejt taż-żebbuġa verġni;

iii) EUR 1 524/ tunnellata għaż-żejt taż-żebbuġa lampante b'żewġ gradi ta' aċidità ħielsa, filwaqt li dan l-ammont jitnaqqas b'EUR 36,70/tunnellata għal kull grad ta' aċidità addizzjonali.

2. Il-limiti ta' referenza previsti fil-paragrafu 1 għandhom jiġu analizzati mill-Kummissjoni, b'kont meħud tal-kriterji oġġettivi, b'mod partikolari l-iżviluppi fil-produzzjoni, l-ispejjeż tal-produzzjoni (partikolarment l-inputs), u x-xejriet tas-suq. Meta jkun meħtieġ, il-limiti ta' referenza għandhom jiġu aġġornati f'konformità mal-proċedura leġislattiva ordinarja fid-dawl tal-iżviluppi fil-produzzjoni u s-swieq.

tal-ifrat adulti li jkollhom tmien xhur jew aktar, imsemmija fil-punt A tal-Anness IV;

(e) fir-rigward tas-settur tal-ħalib u prodotti tal-ħalib:

(i) EUR 246,39 għal kull 100 kg għall-butir;

(ii) EUR 169,80 għal kull 100 kg għal trab ta' ħalib xkumat;

(f) fir-rigward tal-laħam tal-majjal, EUR 1 509.39/tunnellata għal karkassi tal-majjal ta' kwalità standard iddefinita skont il-piż u l-kontenut ta' laħam dgħif kif stabbilit fl-iskala tal-Unjoni għall-klassifikazzjoni ta' karkassi tal-majjal imsemmija fil-punt B tal-Anness IV kif ġej:

(i) karkassi li jiżnu minn 60 sa anqas minn 120 kg: klassi E;

ii) karkassi li jiżnu minn 120 sa 180 kg: klassi R;

(g) rigward is-settur taż-żejt taż-żebbuġa:

(i) EUR 1 779/tunnellata għaż-żejt taż-żebbuġa extra verġni;

(ii) EUR 1 710/tunnellata għaż-żejt taż-żebbuġa verġni;

iii) EUR 1 524/ tunnellata għaż-żejt taż-żebbuġa lampante b'żewġ gradi ta' aċidità ħielsa, filwaqt li dan l-ammont jitnaqqas b'EUR 36,70/tunnellata għal kull grad ta' aċidità addizzjonali.

Dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-qanneb;

Il-partijiet kollha tal-pjanta tal-qanneb (Cannabis sativa L.) jistgħu jinħasdu, jiġu pproċessati, innegozjati u

kkummerċjalizzati, dment li:

(i) Il-qanneb prodott fit-territorju tal-UE ikun ġej minn varjetà rreġistrata fil-Katalogu Komuni tal-UE tal-Varjetajiet ta' Speċijiet ta' Pjanti Agrikoli jew fil-katalgu nazzjonali ta' varjetajiet ta' Stat Membru u jikkonforma mal-kontenut massimu ta' tetraidrokannabinol (THC) kif definit fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2021/2115;

(ii) Il-qanneb importat minn pajjiżi terzi jikkonforma mal-Artikolu 189.

2. Il-limiti ta' referenza previsti fil-paragrafu 1 għandhom jiġu analizzati mill-Kummissjoni, b'kont meħud tal-kriterji oġġettivi, b'mod partikolari l-iżviluppi fil-produzzjoni, l-ispejjeż tal-produzzjoni (partikolarment l-inputs), u x-xejriet tas-suq. Meta jkun meħtieġ, il-limiti ta' referenza għandhom jiġu aġġornati f'konformità mal-proċedura leġislattiva ordinarja fid-dawl tal-iżviluppi fil-produzzjoni u s-swieq."

Or. en

(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A02013R1308-20241108)

Emenda 223
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu -1 (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 7 – paragrafu 2

Test fis-seħħ	*Emenda*
	-1 fl-Artikolu 7, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:
(2) Il-limiti ta' referenza ***previsti fil-paragrafu 1*** għandhom ***jiġu analizzati mill-Kummissjoni, b'kont meħud tal-kriterji oġġettivi, b'mod Partiikolari l-iżviluppi fil-produzzjoni, l-ispejjeż tal-***	"(2) Il-limiti ta' referenza għandhom ***ikunu soġġetti għal rieżami regolari,*** f'konformità ***mal-istaġjonalità tal-prodotti, fuq proposta tal-Osservatorju tal-katina agroalimentari tal-UE (AFCO),*** fid-dawl

produzzjoni (Partiikolarment l-inputs), u x-xejriet tas-suq. Meta jkun meħtieġ, il-limiti ta' referenza għandhom jiġu aġġornati f'konformità ***mal-proċedura leġislattiva ordinarja*** fid-dawl tal-iżviluppi ***fil-produzzjoni u*** s-swieq.	tal-iżviluppi ***ekonomiċi u l-ispejjeż reali tal-produzzjoni***. ***Il-Kummissjoni għandha tkun responsabbli biex tiżviluppa metodoloġija għar-reviżjoni regolari ta' dawn il-limiti, ibbażata fuq indikaturi oġġettivi bħall-inflazzjoni, l-ispejjeż tal-produzzjoni u l-bidliet fis-swieq agrikoli. L-ispejjeż tal-produzzjoni għandhom jinkludu l-ispejjeż tal-miżuri li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni jew l-issuperar tal-istandards tas-sostenibbiltà meħtieġa mil-liġi tal-Unjoni jew dik nazzjonali kif definit fl-Artikolu 210a(3). Din il-metodoloġija għandha tippermetti li l-limiti jiġu aġġornati b'mod regolari biex jirriflettu r-realitajiet ekonomiċi attwali u jibqgħu għodda effettiva biex jiġu stabbilizzati*** s-swieq."

Or. ro

(02013R1308 - Parti I)

Emenda 224
Eric Sargiacomo, Claire Fita

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1 (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 11

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(-1) L-Artikolu 11 huwa sostitwit b'dan li ġej:
Prodotti eliġibbli għal intervent pubbliku	"Prodotti eliġibbli għal intervent pubbliku
L-intervent pubbliku għandu japplika fir-rigward tal-prodotti li ġejjin skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'din it-Taqsima u kwalunkwe rekwiżiti u kundizzjonijiet addizzjonali li jistgħu jkunu ddeterminati mill-Kummissjoni, permezz ta' atti ddelegati konformi mal-Artikolu 19 u atti ta' implimentazzjoni konformi mal-Artikolu 20:	L-intervent pubbliku għandu japplika fir-rigward tal-prodotti li ġejjin skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'din it-Taqsima u kwalunkwe rekwiżiti u kundizzjonijiet addizzjonali li jistgħu jkunu ddeterminati mill-Kummissjoni, permezz ta' atti ddelegati konformi mal-Artikolu 19 u atti ta' implimentazzjoni konformi mal-Artikolu 20:
a) qamħ komuni, qamħ durum, xgħir u	a) qamħ komuni, qamħ durum, xgħir u

qamħirrun;	qamħirrun;
b) ross għadu fil-ħliefa;	b) ross għadu fil-ħliefa;
c) laħam frisk jew imkessaħ tas-settur tal-laħam taċ-ċanga u vitella tal-kodiċijiet NM 0201 10 00 u 0201 20 20 sa 0201 20 50;	c) laħam frisk jew imkessaħ tas-settur tal-laħam taċ-ċanga u vitella tal-kodiċijiet NM 0201 10 00 u 0201 20 20 sa 0201 20 50;
d) butir magħmul direttament u esklużivament minn krema pasturizzata li ssir direttament u esklużivament mill-ħalib tal-baqra f'impriża approvata fl-Unjoni, ta' kontenut minimu ta' xaħam fil-butir, skont il-piż, ta' 82 %, u ta' kontenut massimu ta' ilma, skont il-piż, ta' 16 %;	d) butir magħmul direttament u esklużivament minn krema pasturizzata li ssir direttament u esklużivament mill-ħalib tal-baqra f'impriża approvata fl-Unjoni, ta' kontenut minimu ta' xaħam fil-butir, skont il-piż, ta' 82 %, u ta' kontenut massimu ta' ilma, skont il-piż, ta' 16 %;
e) trab ta' ħalib xkumat tal-aqwa kwalità magħmul mill-ħalib tal-baqra f'impriża approvata fl-Unjoni, bil-proċess ta' sprej, b'kontenut minimu ta' proteina ta' 34,0 % skont il-piż tal-materjal xott mingħajr xaħam**.**	e) trab ta' ħalib xkumat tal-aqwa kwalità magħmul mill-ħalib tal-baqra f'impriża approvata fl-Unjoni, bil-proċess ta' sprej, b'kontenut minimu ta' proteina ta' 34,0 % skont il-piż tal-materjal xott mingħajr xaħam***;***
	ea) zokkor abjad;
	eb) laħam tan-nagħaġ li jaqa' taħt il-kodiċi NM 0104 10 30 jew 0204;
	ed) laħam tal-majjal, frisk, imkessaħ jew iffriżat, li jaqa' taħt il-kodiċi NM 0203
	ee) tiġieġ, frisk, imkessaħ jew iffriżat, li jaqa' taħt il-kodiċi NM 0207."

Or. fr

(02013R1308 - Parti II -Titolu I - Kapitolu I - Taqsima 2)

Ġustifikazzjoni

Amendement 52 du Parlement européen, adopté le 23 octobre 2020, à la proposition de règlement du Parlement européen et du Conseil modifiant les règlements (UE) nº 1308/2013 portant organisation commune des marchés dans le secteur des produits agricoles, (UE) nº 1151/2012 relatif aux systèmes de qualité applicables aux produits agricoles et aux denrées alimentaires, (UE) nº 251/2014 concernant la définition, la description, la présentation, l'étiquetage et la protection des indications géographiques des produits vinicoles aromatisés, (UE) nº 228/2013 portant mesures spécifiques dans le domaine de l'agriculture en faveur des régions ultrapériphériques de l'Union et (UE) nº 229/2013 portant mesures spécifiques dans le domaine de l'agriculture en faveur des îles mineures de la mer Égée (COM(2018)0394 – C8-0246/2018 – 2018/0218(COD))

Emenda 225

Eric Sargiacomo, Claire Fita

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 15 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	-1a Fl-Artikolu 15, jiżdied il-paragrafu li ġej:
	"2a. Meta jiġi stabbilit il-livell tal-prezzijiet tal-intervent pubbliku għall-prodotti differenti elenkati fl-Artikolu 11, il-Kunsill għandu jibbaża fuq kriterji oġġettivi u trasparenti, bħall-inflazzjoni, f'konformità mal-objettiv li jiġi ggarantit livell ta' għajxien ekwu għall-popolazzjoni li taħdem fl-agrikoltura kif stabbilit fl-Artikolu 39 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea."

Or. fr

(Parti II -Titolu I - Kapitolu I - Taqsima 2)

Ġustifikazzjoni

Amendement 266 adapté du Parlement européen, adopté le 23 octobre 2020, à la proposition de règlement du Parlement européen et du Conseil modifiant les règlements (UE) nº 1308/2013 portant organisation commune des marchés dans le secteur des produits agricoles, (UE) nº 1151/2012 relatif aux systèmes de qualité applicables aux produits agricoles et aux denrées alimentaires, (UE) nº 251/2014 concernant la définition, la description, la présentation, l'étiquetage et la protection des indications géographiques des produits vinicoles aromatisés, (UE) nº 228/2013 portant mesures spécifiques dans le domaine de l'agriculture en faveur des régions ultrapériphériques de l'Union et (UE) nº 229/2013 portant mesures spécifiques dans le domaine de l'agriculture en faveur des îles mineures de la mer Égée (COM(2018)0394 – C8-0246/2018 – 2018/0218(COD))

Emenda 226
Christine Singer

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 88a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) [...]	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Definitions are lacking, particularly in the case of "short value chains," "fair," and "equitable." Given the structural change and concentration processes in the agricultural sector, this term is not sufficiently flexible in the long term, nor is it a robust designation. Localizing the specifications for the use of these terms appears misplaced in the CMO. A regulation with definitions of the terms should be established in the relevant legal texts, for example, in the European Food Information Regulation (EU) No. 1169/2011 or Regulation (EC) No. 510/2006 of March 20, 2006, on the protection of geographical indications and designations of origin for agricultural products and foodstuffs.

Emenda 227
Anna Strolenberg
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 88a – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. It-termini "ġust", "ekwu" jew termini ekwivalenti għal dawn it-termini jistgħu jintużaw biss, waħedhom jew flimkien ma' termini oħrajn, fuq it-tikkettar, fil-preżentazzjoni, fuq materjal ta' reklamar jew fuq dokumenti kummerċjali ta' prodott tas-setturi elenkati fl-Artikolu 1(2) li jitqiegħed fis-suq, dment li dawn it-termini jintużaw biex jinformaw lix-xerrejja dwar il-modalitajiet eżistenti għall-organizzazzjoni tal-produzzjoni, tad-distribuzzjoni jew tat-tqegħid fis-suq, li tal-inqas jikkontribwixxu għal:	***imħassar***
(a) l-istabbiltà u t-trasparenza fir-relazzjonijiet tal-bdiewa max-xerrejja tul il-katina tal-provvista,	
(b) prezz meqjus ġust mill-bdiewa	

parteċipanti għall-prodotti tagħhom, u

(c) inizjattivi kollettivi li jfittxu li jilħqu wieħed jew aktar mill-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti.

Or. en

Emenda 228
Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 88a – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. It-termini "ġust", "ekwu" jew termini ekwivalenti għal dawn it-termini jistgħu jintużaw biss, waħedhom jew flimkien ma' termini oħrajn, fuq it-tikkettar, fil-preżentazzjoni, fuq materjal ta' reklamar jew fuq dokumenti kummerċjali ta' prodott tas-setturi elenkati fl-Artikolu 1(2) li jitqiegħed fis-suq, dment li dawn it-termini jintużaw biex jinformaw lix-xerrejja dwar il-modalitajiet eżistenti għall-organizzazzjoni tal-produzzjoni, tad-distribuzzjoni jew tat-tqegħid fis-suq, li tal-inqas jikkontribwixxu għal:	***imħassar***
(a) l-istabbiltà u t-trasparenza fir-relazzjonijiet tal-bdiewa max-xerrejja tul il-katina tal-provvista,	
(b) prezz meqjus ġust mill-bdiewa parteċipanti għall-prodotti tagħhom, u	
(c) inizjattivi kollettivi li jfittxu li jilħqu wieħed jew aktar mill-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti.	

Or. en

Emenda 229

Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 88a – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. It-termini "ġust", "ekwu" jew termini ekwivalenti għal dawn it-termini jistgħu jintużaw biss, waħedhom jew flimkien ma' termini oħrajn, fuq it-tikkettar, fil-preżentazzjoni, fuq materjal ta' reklamar jew fuq dokumenti kummerċjali ta' prodott tas-setturi elenkati fl-Artikolu 1(2) li jitqiegħed fis-suq, dment li dawn it-termini jintużaw biex jinformaw lix-xerrejja dwar il-modalitajiet eżistenti għall-organizzazzjoni tal-produzzjoni, tad-distribuzzjoni jew tat-tqegħid fis-suq, li tal-inqas jikkontribwixxu għal:	1. It-termini "ġust", "ekwu" jew termini ekwivalenti għal dawn it-termini jistgħu jintużaw biss, waħedhom jew flimkien ma' termini oħrajn, fuq it-tikkettar, fil-preżentazzjoni, fuq materjal ta' reklamar jew fuq dokumenti kummerċjali ta' prodott tas-setturi elenkati fl-Artikolu 1(2) li jitqiegħed fis-suq, dment li dawn it-termini ***jiġu kondiviżi u approvati b'mod formali min-naħa tal-bdiewa involuti, jew mill-organizzazzjonijiet ta' rappreżentanza tagħhom, u*** jintużaw biex jinformaw lix-xerrejja dwar il-modalitajiet eżistenti għall-organizzazzjoni tal-produzzjoni, tad-distribuzzjoni jew tat-tqegħid fis-suq, li tal-inqas jikkontribwixxu għal:

Or. it

Ġustifikazzjoni

Sabiex tiġi żgurata l-awtenticità tal-prattiki ddikjarati bħala "ġusti" u "ekwi" u biex jiġu protetti l-interessi tal-bdiewa, huwa meħtieġ li tiġi prevista l-approvazzjoni formali mill-produtturi involuti jew mill-organizzazzjonijiet ta' rappreżentanza tagħhom. Dan il-mekkaniżmu ta' assigurazzjoni jgħin biex jipproteġi u jtejjeb ir-rwol tal-bdiewa.

Emenda 230
Mireia Borrás Pabón

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 88a – paragrafu 1 – sentenza introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. It-termini "ġust", "ekwu" jew	1. It-termini "ġust", "ekwu" jew

termini ekwivalenti għal dawn it-termini jistgħu jintużaw biss, waħedhom jew flimkien ma' termini oħrajn, fuq it-tikkettar, fil-preżentazzjoni, fuq materjal ta' reklamar jew fuq dokumenti kummerċjali ta' prodott tas-setturi elenkati fl-Artikolu 1(2) li jitqiegħed fis-suq, dment li dawn it-termini jintużaw biex jinformaw lix-xerrejja dwar il-modalitajiet eżistenti għall-organizzazzjoni tal-produzzjoni, tad-distribuzzjoni jew tat-tqegħid fis-suq, li tal-inqas jikkontribwixxu għal:	termini ekwivalenti għal dawn it-termini jistgħu jintużaw biss, waħedhom jew flimkien ma' termini oħrajn, fuq it-tikkettar, fil-preżentazzjoni, fuq materjal ta' reklamar jew fuq dokumenti kummerċjali ta' prodott tas-setturi elenkati fl-Artikolu 1(2) li jitqiegħed fis-suq, ***bil-kunsens minn qabel tal-bidwi u*** dment li dawn it-termini jintużaw biex jinformaw lix-xerrejja dwar il-modalitajiet eżistenti għall-organizzazzjoni tal-produzzjoni, tad-distribuzzjoni jew tat-tqegħid fis-suq, li tal-inqas jikkontribwixxu għal:

Or. es

Emenda 231
Csaba Dömötör

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 88a – paragrafu 1 – sentenza introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. It-termini "ġust", "ekwu" jew termini ekwivalenti għal dawn it-termini jistgħu jintużaw biss, waħedhom jew flimkien ma' termini oħrajn, fuq it-tikkettar, fil-preżentazzjoni, fuq materjal ta' reklamar jew fuq dokumenti kummerċjali ta' prodott tas-setturi elenkati fl-Artikolu 1(2) li jitqiegħed fis-suq, dment li dawn it-termini jintużaw biex jinformaw lix-xerrejja dwar il-modalitajiet eżistenti għall-organizzazzjoni tal-produzzjoni, tad-distribuzzjoni jew tat-tqegħid fis-suq, li tal-inqas jikkontribwixxu għal:	1. It-termini "ġust", "ekwu" jew termini ekwivalenti għal dawn it-termini jistgħu jintużaw biss, waħedhom jew flimkien ma' termini oħrajn, fuq it-tikkettar, fil-preżentazzjoni, fuq materjal ta' reklamar jew fuq dokumenti kummerċjali ta' prodott tas-setturi elenkati fl-Artikolu 1(2) li jitqiegħed fis-suq, ***bil-kunsens minn qabel tal-bidwi u*** dment li dawn it-termini jintużaw biex jinformaw lix-xerrejja dwar il-modalitajiet eżistenti għall-organizzazzjoni tal-produzzjoni, tad-distribuzzjoni jew tat-tqegħid fis-suq, li tal-inqas jikkontribwixxu għal:

Or. en

Emenda 232
Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 88a – paragrafu 1 – sentenza introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. It-termini "ġust", "ekwu" jew termini ekwivalenti għal dawn it-termini jistgħu jintużaw biss, waħedhom jew flimkien ma' termini oħrajn, fuq it-tikkettar, fil-preżentazzjoni, fuq materjal ta' reklamar jew fuq dokumenti kummerċjali ta' prodott tas-setturi elenkati fl-Artikolu 1(2) li jitqiegħed fis-suq, dment li dawn it-termini jintużaw biex jinformaw lix-xerrejja dwar il-modalitajiet eżistenti għall-organizzazzjoni tal-produzzjoni, tad-distribuzzjoni jew tat-tqegħid fis-suq, li tal-inqas jikkontribwixxu għal:	1. It-termini "ġust", "ekwu" jew termini ekwivalenti għal dawn it-termini jistgħu jintużaw biss, waħedhom jew flimkien ma' termini oħrajn, fuq it-tikkettar, fil-preżentazzjoni, fuq materjal ta' reklamar jew fuq dokumenti kummerċjali ta' prodott tas-setturi elenkati fl-Artikolu 1(2) li jitqiegħed fis-suq, ***bil-kunsens minn qabel tal-bidwi u*** dment li dawn it-termini jintużaw biex jinformaw lix-xerrejja dwar il-modalitajiet eżistenti għall-organizzazzjoni tal-produzzjoni, tad-distribuzzjoni jew tat-tqegħid fis-suq, li tal-inqas jikkontribwixxu għal:

Or. en

Emenda 233
Carola Rackete

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 88a – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-istabbiltà u t-trasparenza fir-relazzjonijiet tal-bdiewa max-xerrejja tul il-katina tal-provvista,	(a) L-istabbiltà***, b'mod partikolari permezz ta' kuntratti pluriennali bejn il-produtturi u x-xerrejja, it-traċċabbiltà*** u t-trasparenza fir-relazzjonijiet tal-bdiewa max-xerrejja tul il-katina tal-provvista,

Or. en

Emenda 234
Luke Ming Flanagan

f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 88a – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-istabbiltà u t-trasparenza fir-relazzjonijiet tal-bdiewa max-xerrejja tul il-katina tal-provvista,	(a) l-istabbiltà u t-trasparenza fir-relazzjonijiet tal-bdiewa max-xerrejja tul il-katina tal-provvista, ***garantiti minn sħubija kummerċjali pluriennali***,

Or. en

Emenda 235
Luke Ming Flanagan
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 88a – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) Impenn fit-tul bejn il-partijiet għall-kuntratt għal perjodu ta' żmien li jillimita l-impatt tal-inċertezzi ekonomiċi, li ma jistax ikun iqsar minn 3 snin,

Or. en

Emenda 236
Eric Sargiacomo, Claire Fita

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 88a – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) il-promozzjoni tal-iżvilupp ta'

organizzazzjonijiet kollettivi ġestiti b'mod demokratiku għar-raggruppament tal-bdiewa,

Or. fr

Emenda 237
Luke Ming Flanagan, Arash Saeidi, Giuseppe Antoci
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 88a – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) prezz meqjus ***ġust*** mill-bdiewa parteċipanti għall-prodotti tagħhom, u	(b) prezz meqjus ***remunerattiv*** mill-bdiewa parteċipanti għall-prodotti tagħhom, u ***jkopri, tal-inqas, l-ispiża tal-produzzjoni sostenibbli, inkluża l-ġenerazzjoni ta' paga li tiggarantixxi l-għajxien għall-produttur u marġni ta' riskju,***

Or. en

Emenda 238
Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 88a – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) prezz meqjus ġust mill-bdiewa parteċipanti għall-prodotti tagħhom***; u***	(b) prezz meqjus ġust mill-bdiewa parteċipanti għall-prodotti tagħhom***, anke abbażi tal-indikazzjonijiet ippruvduti mill-Osservatorju tal-Katina Agroalimentari tal-UE (AFCO) b'referenza għall-ispejjeż tal-produzzjoni u għall-prattiki kummerċjali, u***

Or. it

Emenda 239
Galato Alexandraki, Emmanouil Fragkos

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 88a – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) prezz meqjus ġust mill-bdiewa parteċipanti għall-prodotti tagħhom, u	(b) prezz meqjus ġust mill-bdiewa parteċipanti għall-prodotti tagħhom, u ***li jikkorrispondi tal-inqas għall-ispejjeż minimi tal-produzzjoni kif determinati mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti f'kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet tal-biedja***;

Or. el

Emenda 240
Eric Sargiacomo, Claire Fita

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 88a – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) prezz meqjus ġust mill-bdiewa parteċipanti għall-prodotti tagħhom; u	(b) prezz meqjus ġust mill-bdiewa parteċipanti għall-prodotti tagħhom ***li jippermettilhom ikopru l-ispejjeż tal-produzzjoni tagħhom inkluż ir-remunerazzjoni tax-xogħol tagħhom***; u

Or. fr

Emenda 241
Luke Ming Flanagan, Arash Saeidi, Sebastian Everding, Giuseppe Antoci
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 88a – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) inizjattivi kollettivi li jfittxu li jilħqu ***wieħed jew aktar mill-Għanijiet*** ta' Żvilupp Sostenibbli ***tan-Nazzjonijiet Uniti.***	(c) inizjattivi kollettivi li jfittxu li jilħqu ***l-Għanijiet*** ta' Żvilupp Sostenibbli ***tan-NU relatati mal-agrikoltura sostenibbli, mal-azzjoni klimatika u l-protezzjoni tal-ekosistemi terrestri kif iggarantiti miċ-ċertifikazzjoni tal-biedja organika jew mill-ekoskemi;***

Or. en

Emenda 242
Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 88a – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) inizjattivi kollettivi li jfittxu li jilħqu wieħed jew aktar mill-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti.	(c) inizjattivi kollettivi li jfittxu li jilħqu wieħed jew aktar mill-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti***, anke billi jiġu żviluppati sistemi ta' valutazzjoni komparattiva għall-valutazzjoni tas-sostenibbiltà fl-azjendi agrikoli***.

Or. en

Emenda 243
Mireia Borrás Pabón

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 88a – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
c) inizjattivi kollettivi li jfittxu li jilħqu ***wieħed jew aktar mill-Għanijiet ta'*** Żvilupp ***Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti***.	c) inizjattivi kollettivi li jfittxu li jilħqu ***l-iżvilupp soċjoekonomiku tal-komunitajiet rurali tal-Unjoni***.

Or. es

Emenda 244
Luke Ming Flanagan
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 88a – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) Jenħtieġ li l-evalwazzjoni u l-verifika ex ante tat-termini msemmija fil-paragrafu 1 a, b, c jitwettqu minn korp terz għall-valutazzjoni tal-konformità, akkreditat f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 765/2008.

Or. en

Emenda 245
Eric Sargiacomo, Claire Fita

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 88a – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-atturi ekonomiċi li jużaw it-terminu "ekwu" fuq l-imballaġġ tal-prodotti li jbigħu jeħtiġilhom jikkonformaw mat-tikketti jew is-sistemi ta' garanzija kummerċjali ekwa u jġarrbu l-ispejjeż taċ-ċertifikazzjoni. Dawn it-

tikketti jew sistemi ta' garanzija jridu jkunu soġġetti għal rikonoxximent u kontrolli min-naħa tal-Kummissjoni u l-Istati Membri. L-atturi ekonomiċi jipparteċipaw fl-azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni u edukazzjoni dwar il-metodi ta' produzzjoni u konsum sostenibbli. Dawn ir-rekwiżiti japplikaw b'mod ekwivalenti għall-prodotti tal-Unjoni u dawk minn pajjiżi terzi.

Or. fr

Emenda 246
Carmen Crespo Díaz

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 88a – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Jiġi mmodifikat il-qafas regolatorju dwar it-tikkettar ta' prodotti agroalimentari biex jiġi żgurat li l-informazzjoni pprovduta lill-konsumaturi tinkludi b'mod ċar u viżibbli l-pajjiż tal-produzzjoni, it-tip ta' metodu ta' produzzjoni użat, u kwalunkwe ċertifikazzjoni ta' kwalità rikonoxxuta li jkollu l-prodott, bil-għan li tiżdied it-trasparenza fil-katina tal-ikel, jiġu ffaċilitati deċiżjonijiet infurmati dwar ix-xiri, tissaħħaħ il-promozzjoni tagħha, u jiġu enfasizzati l-isforzi tal-produtturi Ewropej biex jiżguraw il-kwalità u s-sostenibbiltà.

Or. es

Emenda 247
Arash Saeidi

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 88a – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Prezz "ekwu" ma jistax ikun aktar baxx mill-ispejjeż tal-produzzjoni sħaħ li jinkludu remunerazzjoni deċenti tax-xogħol tar-raba', protezzjoni soċjali tal-bdiewa u kunsiderazzjoni tal-ispejjeż tal-enerġija, f'konformità mal-indikaturi ppubblikati mill-awtoritajiet pubbliċi jew ivvalidati mill-organizzazzjonijiet tal-produtturi,

Or. fr

Emenda 248
Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 88a – paragrafu 2 – sentenza introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. It-terminu "katina tal-provvista qasira" jista' jintuża biss, waħdu jew flimkien ma' termini oħrajn, fuq it-tikkettar, fil-preżentazzjoni, fuq materjal ta' reklamar jew fuq dokumenti kummerċjali ta' prodott tas-setturi elenkati fl-Artikolu 1(2) li jitqiegħed fis-suq, dment li t-terminu jintuża biex jinforma lix-xerrejja dwar il-modalitajiet eżistenti għall-organizzazzjoni tal-produzzjoni, tad-distribuzzjoni jew tat-tqegħid fis-suq, li jipprevedu:	2. It-terminu "katina tal-provvista qasira" jista' jintuża biss, waħdu jew flimkien ma' termini oħrajn, fuq it-tikkettar, fil-preżentazzjoni, fuq materjal ta' reklamar jew fuq dokumenti kummerċjali ta' prodott tas-setturi elenkati fl-Artikolu 1(2) li jitqiegħed fis-suq, dment li t-terminu ***jiġi kondiviż u approvat b'mod formali min-naħa tal-bdiewa involuti, jew mill-organizzazzjonijiet ta' rappreżentanza tagħhom, u*** jintuża biex jinforma lix-xerrejja dwar il-modalitajiet eżistenti għall-organizzazzjoni tal-produzzjoni, tad-distribuzzjoni jew tat-tqegħid fis-suq, li jipprevedu:

Or. it

Ġustifikazzjoni

Konsistenti mal-emenda preċedenti

Emenda 249
Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 88a – paragrafu 2 – sentenza introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. It-terminu "katina tal-provvista qasira" jista' jintuża biss, waħdu jew flimkien ma' termini oħrajn, fuq it-tikkettar, fil-preżentazzjoni, fuq materjal ta' reklamar jew fuq dokumenti kummerċjali ta' prodott tas-setturi elenkati fl-Artikolu 1(2) li jitqiegħed fis-suq, dment li t-terminu jintuża biex jinforma lix-xerrejja dwar il-modalitajiet eżistenti għall-organizzazzjoni tal-produzzjoni, tad-distribuzzjoni jew tat-tqegħid fis-suq, li jipprevedu*:*	2. It-terminu "katina tal-provvista qasira" jista' jintuża biss, waħdu jew flimkien ma' termini oħrajn, fuq it-tikkettar, fil-preżentazzjoni, fuq materjal ta' reklamar jew fuq dokumenti kummerċjali ta' prodott tas-setturi elenkati fl-Artikolu 1(2) li jitqiegħed fis-suq, dment li t-terminu jintuża biex jinforma lix-xerrejja dwar il-modalitajiet eżistenti għall-organizzazzjoni tal-produzzjoni, tad-distribuzzjoni jew tat-tqegħid fis-suq, li jipprevedu ***l-prossimità ġeografika bejn il-bidwi u l-konsumatur finali tal-prodott.***

Or. en

Emenda 250
Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 88a – paragrafu 2 – sentenza introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. It-terminu "katina tal-provvista qasira" jista' jintuża biss, waħdu jew flimkien ma' termini oħrajn, fuq it-tikkettar, fil-preżentazzjoni, fuq materjal ta' reklamar jew fuq dokumenti kummerċjali ta' prodott tas-setturi elenkati	2. It-terminu "katina tal-provvista qasira" jista' jintuża biss, waħdu jew flimkien ma' termini oħrajn, fuq it-tikkettar, fil-preżentazzjoni, fuq materjal ta' reklamar jew fuq dokumenti kummerċjali ta' prodott tas-setturi elenkati

fl-Artikolu 1(2) li jitqiegħed fis-suq, dment li t-terminu jintuża biex jinforma lix-xerrejja dwar il-modalitajiet eżistenti għall-organizzazzjoni tal-produzzjoni, tad-distribuzzjoni jew tat-tqegħid fis-suq, li jipprevedu:	fl-Artikolu 1(2) li jitqiegħed fis-suq, ***bil-kunsens minn qabel tal-bidwi u*** dment li t-terminu jintuża biex jinforma lix-xerrejja dwar il-modalitajiet eżistenti għall-organizzazzjoni tal-produzzjoni, tad-distribuzzjoni jew tat-tqegħid fis-suq, li jipprevedu:

Or. en

Emenda 251
Csaba Dömötör

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 88a – paragrafu 2 – sentenza introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. It-terminu "katina tal-provvista qasira" jista' jintuża biss, waħdu jew flimkien ma' termini oħrajn, fuq it-tikkettar, fil-preżentazzjoni, fuq materjal ta' reklamar jew fuq dokumenti kummerċjali ta' prodott tas-setturi elenkati fl-Artikolu 1(2) li jitqiegħed fis-suq, dment li t-terminu jintuża biex jinforma lix-xerrejja dwar il-modalitajiet eżistenti għall-organizzazzjoni tal-produzzjoni, tad-distribuzzjoni jew tat-tqegħid fis-suq, li jipprevedu:	2. It-terminu "katina tal-provvista qasira" jista' jintuża biss, waħdu jew flimkien ma' termini oħrajn, fuq it-tikkettar, fil-preżentazzjoni, fuq materjal ta' reklamar jew fuq dokumenti kummerċjali ta' prodott tas-setturi elenkati fl-Artikolu 1(2) li jitqiegħed fis-suq, ***bil-kunsens minn qabel tal-bidwi u*** dment li t-terminu jintuża biex jinforma lix-xerrejja dwar il-modalitajiet eżistenti għall-organizzazzjoni tal-produzzjoni, tad-distribuzzjoni jew tat-tqegħid fis-suq, li jipprevedu:

Or. en

Emenda 252
Bert-Jan Ruissen

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 88a – paragrafu 2 – sentenza introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. It-terminu “katina tal-provvista qasira” jista’ jintuża biss, waħdu jew flimkien ma’ termini oħrajn, fuq it-tikkettar, fil-preżentazzjoni, fuq materjal ta’ reklamar jew fuq dokumenti kummerċjali ta’ prodott tas-setturi elenkati fl-Artikolu 1(2) li jitqiegħed fis-suq, dment li t-terminu jintuża biex jinforma lix-xerrejja dwar il-modalitajiet eżistenti għall-organizzazzjoni tal-produzzjoni, tad-distribuzzjoni jew tat-tqegħid fis-suq, li jipprevedu:	2. It-terminu “katina tal-provvista qasira” jista’ jintuża biss, waħdu jew flimkien ma’ termini oħrajn, fuq it-tikkettar, fil-preżentazzjoni, fuq materjal ta’ reklamar jew fuq dokumenti kummerċjali ta’ prodott tas-setturi elenkati fl-Artikolu 1(2) li jitqiegħed fis-suq, dment li t-terminu jintuża biex jinforma lix-xerrejja dwar il-modalitajiet eżistenti għall-organizzazzjoni tal-produzzjoni, tad-distribuzzjoni jew tat-tqegħid fis-suq, li jipprevedu ***tal-inqas waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin***:

Or. en

Emenda 253
Mireia Borrás Pabón

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 88a – paragrafu 2 – sentenza introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. It-terminu “katina tal-provvista qasira” jista’ jintuża biss, waħdu jew flimkien ma’ termini oħrajn, fuq it-tikkettar, fil-preżentazzjoni, fuq materjal ta’ reklamar jew fuq dokumenti kummerċjali ta’ prodott tas-setturi elenkati fl-Artikolu 1(2) li jitqiegħed fis-suq, dment li t-terminu jintuża biex jinforma lix-xerrejja dwar il-modalitajiet eżistenti għall-organizzazzjoni tal-produzzjoni, tad-distribuzzjoni jew tat-tqegħid fis-suq, li jipprevedu:	2. It-terminu “katina tal-provvista qasira” jista’ jintuża biss, waħdu jew flimkien ma’ termini oħrajn, fuq it-tikkettar, fil-preżentazzjoni, fuq materjal ta’ reklamar jew fuq dokumenti kummerċjali ta’ prodott tas-setturi elenkati fl-Artikolu 1(2) li jitqiegħed fis-suq, ***bil-kunsens tal-bidwi u*** dment li t-terminu jintuża biex jinforma lix-xerrejja dwar il-modalitajiet eżistenti għall-organizzazzjoni tal-produzzjoni, tad-distribuzzjoni jew tat-tqegħid fis-suq, li jipprevedu:

Or. es

Emenda 254
Cristina Maestre, Dario Nardella, Stefano Bonaccini, Elena Sancho Murillo, Eric

Sargiacomo, Camilla Laureti

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) 1308/2013
Artikolu 88a – paragrafu 2 – sentenza introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. It-terminu "katina tal-provvista qasira" jista' jintuża biss, waħdu jew flimkien ma' termini oħrajn, fuq it-tikkettar, fil-preżentazzjoni, fuq materjal ta' reklamar jew fuq dokumenti kummerċjali ta' prodott tas-setturi elenkati fl-Artikolu 1(2) li jitqiegħed fis-suq, dment li t-terminu jintuża biex jinforma lix-xerrejja dwar il-modalitajiet eżistenti għall-organizzazzjoni tal-produzzjoni, tad-distribuzzjoni jew tat-tqegħid fis-suq, li jipprevedu:	2. It-terminu "katina tal-provvista qasira" jista' jintuża biss, waħdu jew flimkien ma' termini oħrajn, fuq it-tikkettar, fil-preżentazzjoni, fuq materjal ta' reklamar jew fuq dokumenti kummerċjali ta' prodott tas-setturi elenkati fl-Artikolu 1(2) ***magħmul fl-UE*** li jitqiegħed fis-suq ***tal-UE***, dment li t-terminu jintuża biex jinforma lix-xerrejja dwar il-modalitajiet eżistenti għall-organizzazzjoni tal-produzzjoni, tad-distribuzzjoni jew tat-tqegħid fis-suq, li jipprevedu:

Or. en

Emenda 255
Esther Herranz García

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 88a – paragrafu 2 – sentenza introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. It-terminu "katina tal-provvista qasira" jista' jintuża biss, waħdu jew flimkien ma' termini oħrajn, fuq it-tikkettar, fil-preżentazzjoni, fuq materjal ta' reklamar jew fuq dokumenti kummerċjali ta' prodott tas-setturi elenkati fl-Artikolu 1(2) li jitqiegħed fis-suq, dment li t-terminu jintuża biex jinforma lix-xerrejja dwar il-modalitajiet eżistenti għall-organizzazzjoni tal-produzzjoni, tad-distribuzzjoni jew tat-tqegħid fis-suq, li jipprevedu:	2. It-terminu "katina tal-provvista qasira" jista' jintuża biss, waħdu jew flimkien ma' termini oħrajn, fuq it-tikkettar, fil-preżentazzjoni, fuq materjal ta' reklamar jew fuq dokumenti kummerċjali ta' prodott tas-setturi elenkati fl-Artikolu 1(2) ***magħmul fl-UE*** li jitqiegħed fis-suq ***tal-UE***, dment li t-terminu jintuża biex jinforma lix-xerrejja dwar il-modalitajiet eżistenti għall-organizzazzjoni tal-produzzjoni, tad-distribuzzjoni jew tat-tqegħid fis-suq, li

jipprevedu:

Or. en

Emenda 256
Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 88a – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) rabta diretta bejn il-bidwi u l-konsumatur finali tal-prodott, jew	***imħassar***

Or. en

Emenda 257
Gilles Pennelle, Valérie Deloge

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 88a – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) rabta diretta bejn il-bidwi u l-konsumatur finali tal-prodott; jew	(a) rabta diretta, jew għadd imnaqqas ta' intermedjarji, bejn il-bidwi u l-konsumatur finali tal-prodott ***dment li dan tal-aħħar ikun prodott fiż-Żona Ekonomika Ewropea***; jew

Or. fr

Emenda 258
Maria Noichl

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) Nru 1308/2013

Artikolu 88a – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) rabta diretta bejn il-bidwi u l-konsumatur finali tal-prodott, jew	(a) rabta diretta bejn il-bidwi u l-konsumatur finali tal-prodott, ***dment li dan tal-aħħar ikun immanifatturat fis-Suq Komuni Ewropew,*** jew

Or. en

Emenda 259
Anna Strolenberg
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 88a – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) rabta diretta bejn il-bidwi u l-konsumatur finali tal-prodott, jew	(a) rabta diretta bejn il-bidwi u l-konsumatur finali tal-prodott, jew ***intermedjarju wieħed li jiżgura rabta bejn iż-żewġ partijiet, jew***

Or. en

Emenda 260
Bert-Jan Ruissen

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 88a – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) rabta ***diretta*** bejn il-bidwi u l-konsumatur finali tal-prodott, jew	(a) rabta ***b'għadd limitat ta' intermedjarji*** bejn il-bidwi***, il-kooperattiva jew l-organizzazzjoni ta' produtturi*** u l-konsumatur finali tal-prodott, jew

Or. en

Emenda 261
Csaba Dömötör

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 88a – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) rabta diretta bejn il-bidwi u l-konsumatur finali tal-prodott, jew	(a) rabta diretta bejn il-bidwi ***jew il-kooperattiva jew l-organizzazzjoni ta' produtturi*** u l-konsumatur finali tal-prodott, jew

Or. en

Emenda 262
Barry Cowen, Asger Christensen, Christine Singer, Charles Goerens

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 88a – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) rabta diretta bejn il-bidwi u l-konsumatur finali tal-prodott, jew	(a) rabta diretta bejn il-bidwi***, il-kooperattiva jew l-organizzazzjoni ta' produtturi*** u l-konsumatur finali tal-prodott, jew

Or. en

Emenda 263
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 88a – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(a) rabta diretta bejn il-bidwi u l-konsumatur finali tal-prodott, jew	(a) rabta diretta bejn il-bidwi u l-konsumatur finali tal-prodott, ***b'mhux aktar minn intermedjarju wieħed,*** jew

Or. ro

Emenda 264
Luke Ming Flanagan
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 88a – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) rabta diretta bejn il-bidwi u l-konsumatur finali tal-prodott, jew	(a) rabta diretta ***jew intermedjarji mnaqqsa*** bejn il-bidwi u l-konsumatur finali tal-prodott, jew

Or. en

Emenda 265
Mireia Borrás Pabón

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 88a – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a) rabta diretta bejn il-bidwi u l-konsumatur finali tal-prodott; jew	a) rabta diretta bejn il-bidwi ***jew il-kooperattiva jew l-organizzazzjoni ta' produtturi*** u l-konsumatur finali tal-prodott; jew

Or. es

Emenda 266
Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 88a – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) rabta diretta bejn il-bidwi u l-konsumatur finali tal-prodott, jew	(a) rabta diretta bejn il-bidwi***, il-kooperattiva jew l-OP*** u l-konsumatur finali tal-prodott, jew

Or. en

Emenda 267
Cristina Maestre, Dario Nardella, Stefano Bonaccini, Elena Sancho Murillo, Camilla Laureti

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 88a – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) rabta diretta bejn il-bidwi u l-konsumatur finali tal-prodott, jew	(a) rabta diretta bejn il-bidwi ***jew il-kooperattiva tiegħu*** u l-konsumatur finali tal-prodott, jew

Or. en

Emenda 268
Eric Sargiacomo, Claire Fita

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 88a – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) rabta diretta bejn il-bidwi u l-konsumatur finali tal-prodott; ***jew***	(a) rabta diretta bejn il-bidwi ***jew il-kooperattiva tiegħu*** u l-konsumatur finali tal-prodott, jew ***u***

Or. fr

Emenda 269
Paulo Do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 88a – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) rabta diretta bejn il-bidwi u l-konsumatur finali tal-prodott, ***jew***	(a) rabta diretta bejn il-bidwi u l-konsumatur finali tal-prodott ***prodott fl-UE***, ***u***

Or. pt

Emenda 270
Esther Herranz García

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 88a – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) rabta diretta bejn il-bidwi u l-konsumatur finali tal-prodott, jew	(a) rabta diretta bejn il-bidwi ***jew il-kooperattiva*** u l-konsumatur finali tal-prodott, jew

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-prossimità jew ir-rabta diretta ma għandhiex titkejjel biss mill-produttur, iżda alternattivament mill-kooperattiva, peress li hija l-kooperattiva li ta' spiss tqiegħed fis-suq u għalhekk jista' jkollha r-rabta mal-konsumatur.

Emenda 271
Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) Nru 1308/2013

Artikolu 88a – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) rabta mill-qrib u prossimità ġeografika bejn il-bidwi u l-konsumatur finali tal-prodott.	***imħassar***

Or. en

Emenda 272
Gilles Pennelle, Valérie Deloge

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 88a – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) rabta mill-qrib u prossimità ġeografika bejn il-bidwi u l-konsumatur finali tal-prodott.	(b) rabta mill-qrib u prossimità ġeografika***, mifhuma bħala distanza jew ħin tat-trasport imqassra u fil-livell nazzjonali,*** bejn il-bidwi u l-konsumatur finali tal-prodott.

Or. fr

Emenda 273
Bert-Jan Ruissen

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 88a – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) rabta mill-qrib ***u*** prossimità ġeografika bejn il-bidwi u l-konsumatur finali tal-prodott.	(b) rabta mill-qrib ***jew*** prossimità ġeografika***, inklużi l-kuntesti transfruntieri,*** bejn il-bidwi***, il-kooperattiva jew l-organizzazzjoni ta' produtturi*** u l-konsumatur finali tal-prodott.

Or. en

Emenda 274
Anna Strolenberg
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 88a – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) rabta mill-qrib u prossimità ġeografika bejn il-bidwi u l-konsumatur finali tal-prodott**.**	(b) rabta mill-qrib u prossimità ġeografika, ***kemm f'termini ta' distanza kif ukoll ta' ħin għat-trasport,*** bejn il-bidwi u l-konsumatur finali tal-prodott ***u***

Or. en

Emenda 275
Csaba Dömötör

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 88a – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) rabta mill-qrib u prossimità ġeografika bejn il-bidwi u l-konsumatur finali tal-prodott.	(b) rabta mill-qrib u prossimità ġeografika bejn il-bidwi ***jew il-kooperattiva jew l-organizzazzjoni ta' produtturi*** u l-konsumatur finali tal-prodott.

Or. en

Emenda 276
Barry Cowen, Asger Christensen, Christine Singer, Charles Goerens

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1

Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 88a – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) rabta mill-qrib u prossimità ġeografika bejn il-bidwi u l-konsumatur finali tal-prodott.	(b) rabta mill-qrib u prossimità ġeografika bejn il-bidwi***, il-kooperattiva, jew l-organizzazzjoni ta' produtturi*** u l-konsumatur finali tal-prodott.

Or. en

Emenda 277
Mireia Borrás Pabón

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 88a – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b) rabta mill-qrib u prossimità ġeografika bejn il-bidwi u l-konsumatur finali tal-prodott.	b) rabta mill-qrib u prossimità ġeografika bejn il-bidwi ***jew il-kooperattiva jew l-organizzazzjoni ta' produtturi*** u l-konsumatur finali tal-prodott.

Or. es

Emenda 278
Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 88a – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) rabta mill-qrib u prossimità ġeografika bejn il-bidwi u l-konsumatur finali tal-prodott.	(b) rabta mill-qrib u prossimità ġeografika bejn il-bidwi ***jew il-kooperattiva jew l-OP*** u l-konsumatur finali tal-prodott.

Or. en

Emenda 279
Cristina Maestre, Dario Nardella, Stefano Bonaccini, Elena Sancho Murillo, Camilla Laureti

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 88a – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) rabta mill-qrib u prossimità ġeografika bejn il-bidwi u l-konsumatur finali tal-prodott.	(b) rabta mill-qrib u prossimità ġeografika bejn il-bidwi ***jew il-kooperattiva tiegħu*** u l-konsumatur finali tal-prodott.

Or. en

Emenda 280
Esther Herranz García

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 88a – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) rabta mill-qrib u prossimità ġeografika bejn il-bidwi u l-konsumatur finali tal-prodott.	(b) rabta mill-qrib u prossimità ġeografika bejn il-bidwi ***jew il-kooperattiva*** u l-konsumatur finali tal-prodott.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-prossimità jew ir-rabta diretta ma għandhiex titkejjel biss mill-produttur, iżda alternattivament mill-kooperattiva, peress li hija l-kooperattiva li ta' spiss tqiegħed fis-suq u għalhekk jista' jkollha r-rabta mal-konsumatur.

Emenda 281

Eric Sargiacomo, Claire Fita

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 88a – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***rabta mill-qrib u*** prossimità ġeografika bejn il-bidwi u l-konsumatur finali tal-prodott.	(b) prossimità ġeografika bejn il-bidwi ***jew il-kooperattiva tiegħu*** u l-konsumatur finali tal-prodott.

Or. fr

Emenda 282
Anna Strolenberg
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 88a – paragrafu 2 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) inizjattivi kollettivi li jfittxu li jilħqu diversi mill-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, u li jsegwu metodi ta' produzzjoni li jipproteġu l-ambjent u l-bijodiversità.

Or. en

Emenda 283
Luke Ming Flanagan
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 88a – paragrafu 2 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(ba) Rabta diretta bejn il-bdiewa involuti fiż-żieda tal-valur billi jkomplu fl-ipproċessar tal-azjendi agrikoli u l-bejjiegħa bl-imnut li huma l-ħolqa finali fil-katina tal-provvista;

Or. en

Emenda 284
Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 88a – paragrafu 2 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) b'deroga mill-paragrafu 2, it-terminu "katina tal-provvista qasira" jista' jintuża fil-każ ta' prodotti kkummerċjalizzati mill-OP/AOP.

Or. it

Ġustifikazzjoni

L-użu tat-terminu "katina tal-provvista qasira" għandu jkun permess b'mod awtomatiku fil-każ ta' prodotti kkummerċjalizzati minn OP/AOP. Fil-fatt, l-OP/AOP jipprevedu direttament it-tqegħid fis-suq tal-produzzjoni tal-membri tagħhom, u b'hekk joħolqu katina tal-provvista qasira. B'dan il-mod, ir-rwol tal-OP u l-AOP jissaħħaħ ukoll, u b'hekk tiġi inċentivata l-aggregazzjoni.

Emenda 285
Anna Strolenberg
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 88a – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-użu tat-termini fakultattivi skont

dan l-artikolu għandu jkun soġġett għal skema ta' ċertifikazzjoni kif definita fl-Artikolu 1(1)(b)(r) tad-Direttiva 2024/825 li temenda r-Regolament 2005/289/KE[1a].

[1a] Direttiva (UE) 2024/825 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Frar 2024 li temenda d-Direttivi 2005/29/KE u 2011/83/UE fir-rigward tal-għoti tas-setgħa lill-konsumaturi għat-tranżizzjoni ekoloġika permezz ta' protezzjoni mtejba kontra prattiki żleali u permezz ta' informazzjoni aħjar

Or. en

Emenda 286
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 88a – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) Il-Kummissjoni għandha tintroduċi tikketta viżwali armonizzata tal-UE sal-2027 fuq il-prodotti li ġejjin minn "katina tal-provvista qasira".

Or. ro

Emenda 287
Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 88a – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2b) L-Istati Membri għandhom

jiżguraw li minimu ta' 30 % tal-prodotti tal-ikel mixtrija skont kuntratti pubbliċi għal stabbilimenti edukazzjonali, sptarijiet, faċilitajiet soċjali u entitajiet oħra ffinanzjati pubblikament ikunu joriġinaw minn ktajjen tal-provvista qosra sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2027.

Or. ro

Emenda 288
Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 88a – paragrafu 2c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2c) L-Istati Membri jistgħu jagħtu miżuri ta' appoġġ addizzjonali lill-bdiewa involuti fil-ktajjen tal-provvista qosra fil-forma ta':
	(i) sussidji għall-investimenti fl-infrastruttura lokali ta' bejgħ dirett;
	(ii) appoġġ jew inċentivi finanzjarji għall-parteċipazzjoni fis-swieq lokali jew in-networks tal-konsumaturi;
	(iii) tnaqqis tat-taxxa jew ħelsien mit-taxxa.

Or. ro

Emenda 289
Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 88a – paragrafu 2d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2d) L-Istati Membri jistgħu jagħtu miżuri ta' appoġġ finanzjarji u tekniċi lill-organizzazzjonijiet ta' produtturi jew bdiewa individwali li jiżviluppaw pjattaformi diġitali għall-bejgħ dirett lill-konsumaturi permezz ta' katina tal-provvista qasira; il-programmi Ewropej għad-diġitalizzazzjoni u l-innovazzjoni rurali jistgħu jintużaw għal dan l-iskop.

Or. ro

Emenda 290
Gilles Pennelle, Valérie Deloge

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 88a – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tispeċifika ulterjorment il-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a), (b) u (c), u fil-paragrafu 2, il-punti (a) u (b), filwaqt li jitqies kwalunkwe standard internazzjonali rilevanti.	Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tispeċifika ulterjorment il-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a), (b) u (c), u fil-paragrafu 2, il-punti (a) u (b), filwaqt li jitqies kwalunkwe standard internazzjonali rilevanti ***u s-sistemi ta' ċertifikazzjoni relatati***.

Or. fr

Emenda 291
Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 88a – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tispeċifika ulterjorment il-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a), (b) u (c), u fil-paragrafu 2, il-punti (a) u (b), filwaqt li jitqies kwalunkwe standard internazzjonali rilevanti.	Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tispeċifika ulterjorment il-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a), (b) u (c), u fil-paragrafu 2, il-punti (a) u (b), filwaqt li jitqies kwalunkwe standard internazzjonali rilevanti ***u skemi ċċertifikati tal-kwalità relatati***.

Or. en

Emenda 292
Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 88a – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tispeċifika ulterjorment il-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu ***1, il-punti (a), (b) u (c), u fil-paragrafu 2, il-punti (a) u (b),*** filwaqt li jitqies kwalunkwe standard internazzjonali rilevanti.	Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tispeċifika ulterjorment il-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu ***2*** filwaqt li jitqies kwalunkwe standard internazzjonali rilevanti.

Or. en

Emenda 293
Barry Cowen, Asger Christensen, Christine Singer, Benoit Cassart, Charles Goerens, Elsi Katainen

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 88a – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ***ta' implimentazzjoni*** biex tispeċifika ulterjorment il-kundizzjonijiet imsemmija	Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ***delegati*** biex tispeċifika ulterjorment il-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1,

fil-paragrafu 1, il-punti (a), (b) u (c), u fil-paragrafu 2, il-punti (a) u (b), filwaqt li jitqies kwalunkwe standard internazzjonali rilevanti.	il-punti (a), (b) u (c), u fil-paragrafu 2, il-punti (a) u (b), filwaqt li jitqies kwalunkwe standard internazzjonali rilevanti.

Or. en

Emenda 294
Jessika Van Leeuwen

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 88a – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ***ta' implimentazzjoni*** biex tispeċifika ulterjorment il-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a), (b) u (c), u fil-paragrafu 2, il-punti (a) u (b), filwaqt li jitqies kwalunkwe standard internazzjonali rilevanti.	Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ***delegati*** biex tispeċifika ulterjorment il-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a), (b) u (c), u fil-paragrafu 2, il-punti (a) u (b), filwaqt li jitqies kwalunkwe standard internazzjonali rilevanti.

Or. en

Emenda 295
Barry Cowen, Asger Christensen, Christine Singer, Benoit Cassart, Charles Goerens, Elsi Katainen

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 88a – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dawk l-atti ***ta' implimentazzjoni*** għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu ***229(2)***.	Dawk l-atti ***delegati*** għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu ***227***.

Or. en

Emenda 296
Anna Strolenberg
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 88a – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 227, filwaqt li temenda l-paragrafu 1 biex iżżid termini li huma ekwivalenti għat-termini "ġust" jew "ekwu", meta tali termini ekwivalenti jintużaw fis-suq biex jinformaw lix-xerrejja dwar il-modalitajiet kummerċjali msemmija fil-paragrafu 1.	***imħassar***

Or. en

Emenda 297
Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 88a – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 227, filwaqt li temenda l-paragrafu 1 biex iżżid termini li huma ekwivalenti għat-termini "ġust" jew "ekwu", meta tali termini ekwivalenti jintużaw fis-suq biex jinformaw lix-xerrejja dwar il-modalitajiet kummerċjali msemmija fil-paragrafu 1.	***imħassar***

Or. en

Emenda 298
Sebastian Everding

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 88a – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 227, filwaqt li temenda l-paragrafu 1 biex iżżid termini li huma ekwivalenti għat-termini "ġust" jew "ekwu", meta tali termini ekwivalenti jintużaw fis-suq biex jinformaw lix-xerrejja dwar il-modalitajiet kummerċjali msemmija fil-paragrafu 1.	4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 227, filwaqt li temenda l-paragrafu 1 biex iżżid termini li huma ekwivalenti għat-termini "ġust" jew "ekwu", meta tali termini ekwivalenti jintużaw fis-suq biex jinformaw lix-xerrejja dwar il-modalitajiet kummerċjali msemmija fil-paragrafu 1, ***bid-dispożizzjoni li ma jkun hemm l-ebda informazzjoni qarrieqa għall-konsumaturi bid-denominazzjonijiet u bit-tikketti tal-kummerċ ġust eżistenti***.

Or. en

Emenda 299
Luke Ming Flanagan
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 88a – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 227, filwaqt li temenda l-paragrafu 1 biex iżżid termini li huma ekwivalenti għat-termini "ġust" jew "ekwu", meta tali termini ekwivalenti jintużaw fis-suq biex jinformaw lix-xerrejja dwar il-modalitajiet kummerċjali	4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 227, filwaqt li temenda l-paragrafu 1 biex iżżid termini li huma ekwivalenti għat-termini ***"remunerattiv",*** "ġust" jew "ekwu", meta tali termini ekwivalenti jintużaw fis-suq biex jinformaw lix-xerrejja dwar il-modalitajiet

msemmija fil-paragrafu 1.	kummerċjali msemmija fil-paragrafu 1.

Or. en

Emenda 300
Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 88a – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-Istati Membri jistgħu jadottaw jew iżommu regoli nazzjonali li jistabbilixxu kundizzjonijiet addizzjonali għal dawk imsemmija fil-paragrafu ***1, il-punti (a), (b) u (c) u fil-paragrafu 2, il-punti (a) u (b),*** għall-użu ***tat-termini msemmija fil-paragrafi 1 u 2 rispettivament***. Dawn ir-regoli ma għandhomx jipprojbixxu, jirrestrinġu jew jimpedixxu l-użu ***tat-termini msemmija fil-paragrafi 1 u*** 2 għal prodotti li huma prodotti jew ikkummerċjalizzati legalment fi Stat Membru ieħor skont it-termini ***msemmija fil-paragrafi 1 u 2***.	5. L-Istati Membri jistgħu jadottaw jew iżommu regoli nazzjonali li jistabbilixxu kundizzjonijiet addizzjonali għal dawk imsemmija fil-paragrafu ***2,*** għall-użu ***tat-terminu msemmi f'dak il-paragrafu***. Dawn ir-regoli ma għandhomx jipprojbixxu, jirrestrinġu jew jimpedixxu l-użu ***tat-terminu msemmi fil-paragrafu*** 2 għal prodotti li huma prodotti jew ikkummerċjalizzati legalment fi Stat Membru ieħor skont it-termini ***ta' dak il-paragrafu***.

Or. en

Emenda 301
Luke Ming Flanagan
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 88a – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-Istati Membri jistgħu jadottaw jew iżommu regoli nazzjonali li jistabbilixxu kundizzjonijiet addizzjonali	5. L-Istati Membri jistgħu jadottaw jew iżommu regoli nazzjonali li jistabbilixxu kundizzjonijiet addizzjonali

għal dawk imsemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a), (b) u (c) u fil-paragrafu 2, il-punti (a) u (b), għall-użu tat-termini msemmija fil-paragrafi 1 u 2 rispettivament. Dawn ir-regoli ma għandhomx jipprojbixxu, jirrestrinġu jew jimpedixxu l-użu tat-termini msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għal prodotti li huma prodotti jew ikkummerċjalizzati legalment fi Stat Membru ieħor skont it-termini msemmija fil-paragrafi 1 u 2.

għal dawk imsemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a), (b) u (c) u fil-paragrafu 2, il-punti (a) u (b), għall-użu tat-termini msemmija fil-paragrafi 1 u 2 rispettivament. Dawn ir-regoli ***addizzjonali*** ma għandhomx ***iżidu piż regolatorju u kumplessità għall-bdiewa u l-produtturi tal-ikel artiġjanali biex iqiegħdu l-prodotti tagħhom fis-suq, u tali regoli ma għandhomx*** jipprojbixxu, jirrestrinġu jew jimpedixxu l-użu tat-termini msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għal prodotti li huma prodotti jew ikkummerċjalizzati legalment fi Stat Membru ieħor skont it-termini msemmija fil-paragrafi 1 u 2.

Or. en

Emenda 302
Christine Singer

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 148

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

In Member States where milk delivery structures are strongly cooperative, voluntary non-application at national level is of central importance. Mandatory application of Article 148 would lead to excessive bureaucracy and potential risk discounts on milk payments to producers. All other proposed amendments and adjustments (e.g., additional clarifications of terms, definition of production costs, establishment of registration bodies or mediation procedures) should be rejected as they would unnecessarily inflate the article and further increase the administrative burden. The existing flexibility of Member States must be maintained in accordance with the principle of subsidiarity.

Emenda 303
Benoit Cassart, Christine Singer, Ciaran Mullooly

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 148

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	***imħassar***

Or. en

Emenda 304
Asger Christensen

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 148 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Kull konsenja ***fl-Unjoni ta' ħalib u prodotti tal-ħalib*** minn bidwi***, organizzazzjoni ta' produtturi jew assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi,*** lil proċessur***, kollettur, distributur jew bejjiegħ bl-imnut għandha*** tkun koperta minn kuntratt bil-miktub bejn il-partijiet.	***Meta Stat Membru jiddeċiedi li*** kull konsenja ***ta' ħalib mhux ipproċessat fit-territorju tiegħu*** minn bidwi lil proċessur ***tal-ħalib mhux ipproċessat*** għandha tkun koperta minn kuntratt bil-miktub bejn il-partijiet***, u/jew jiddeċiedi li l-ewwel xerrejja jeħtiġilhom jagħmlu offerta bil-miktub għal kuntratt għall-konsenja, mill-bdiewa, ta' ħalib mhux ipproċessat, tali kuntratt u/jew tali offerta ta' kuntratt għandhom jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2***.

Or. en

Emenda 305
Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 148 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Kull konsenja fl-Unjoni ta' ħalib u prodotti tal-ħalib ***minn bidwi, organizzazzjoni ta' produtturi jew assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi,*** lil proċessur, kollettur, distributur jew bejjiegħ bl-imnut għandha tkun koperta minn kuntratt bil-miktub bejn il-partijiet.	Kull konsenja fl-Unjoni ta' ħalib u prodotti tal-ħalib lil proċessur, kollettur, distributur jew bejjiegħ bl-imnut għandha tkun koperta minn kuntratt bil-miktub bejn il-partijiet.

Or. it

Ġustifikazzjoni

Il-konsenji ta' ħalib kollha jridu jkunu soġġetti għal kuntratt bil-miktub, mhux biss ċerti kategoriji.

Emenda 306
Maria Walsh

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 148 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Kull konsenja fl-Unjoni ta' ħalib u prodotti tal-ħalib minn bidwi, organizzazzjoni ta' produtturi jew assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi, lil proċessur, kollettur, distributur jew bejjiegħ bl-imnut għandha tkun koperta minn kuntratt bil-miktub bejn il-partijiet.	Kull konsenja fl-Unjoni ta' ħalib u prodotti tal-ħalib minn bidwi, organizzazzjoni ta' produtturi jew assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi, lil proċessur, kollettur, distributur jew bejjiegħ bl-imnut għandha tkun koperta minn kuntratt bil-miktub bejn il-partijiet. ***Sabiex tinżamm l-integrità tal-istrutturi li jiffunzjonaw tajjeb u jiġu akkomodati l-karatteristiċi speċifiċi tas-settur tal-prodotti tal-ħalib f'ċerti Stati Membri, tista' tiġi pprovduta l-għażla ta' esklużjoni mill-kuntratti bil-miktub obbligatorji.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

F'ċerti Stati Membri hemm strutturi li jiffunzjonaw tajjeb u l-impożizzjoni ta' kuntratti bil-

miktub obbligatorji tista' twassal għal spejjeż ta' konformità addizzjonali.

Emenda 307
Mireia Borrás Pabón

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 148 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Kull konsenja ***fl-Unjoni*** ta' ħalib u prodotti tal-ħalib minn bidwi, organizzazzjoni ta' produtturi jew assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi, lil proċessur, kollettur, distributur jew bejjiegħ bl-imnut għandha tkun koperta minn kuntratt bil-miktub bejn il-partijiet.	***Meta Stat Membru jiddeċiedi li*** kull konsenja ***magħmula fit-territorju tiegħu*** ta' ħalib u prodotti tal-ħalib minn bidwi, organizzazzjoni ta' produtturi jew assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi, lil proċessur, kollettur, distributur jew bejjiegħ bl-imnut għandha tkun koperta minn kuntratt bil-miktub bejn il-partijiet.

Or. es

Emenda 308
Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 148 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Kull konsenja fl-Unjoni ta' ħalib u prodotti tal-ħalib minn bidwi, organizzazzjoni ta' produtturi jew assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi, lil proċessur, kollettur, distributur jew bejjiegħ bl-imnut għandha tkun koperta minn kuntratt bil-miktub bejn il-partijiet.	***Meta Stat Membru jiddeċiedi li*** kull konsenja fl-Unjoni ta' ħalib u prodotti tal-ħalib ***fit-territorju tiegħu*** minn bidwi, organizzazzjoni ta' produtturi jew assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi, lil proċessur, kollettur, distributur jew bejjiegħ bl-imnut għandha tkun koperta minn kuntratt bil-miktub bejn il-partijiet.

Or. en

Emenda 309
Norbert Lins, Lena Düpont, Marion Walsmann, Christine Schneider, Pascal Arimont, Stefan Köhler

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 148 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Kull konsenja ***fl-Unjoni*** ta' ħalib u prodotti tal-ħalib minn bidwi, organizzazzjoni ta' produtturi jew assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi, lil proċessur, kollettur, distributur jew bejjiegħ bl-imnut għandha tkun koperta minn kuntratt bil-miktub bejn il-partijiet.	***Stat Membru jista' jiddeċiedi li*** kull konsenja ***fit-territorju tiegħu*** ta' ħalib u prodotti tal-ħalib minn bidwi, organizzazzjoni ta' produtturi jew assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi, lil proċessur, kollettur, distributur jew bejjiegħ bl-imnut għandha tkun koperta minn kuntratt bil-miktub bejn il-partijiet.

Or. de

Emenda 310
Barry Cowen, Asger Christensen, Christine Singer, Charles Goerens, Elsi Katainen

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 148 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Kull konsenja ***fl-Unjoni*** ta' ħalib u prodotti tal-ħalib minn bidwi, organizzazzjoni ta' produtturi jew assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi, lil proċessur, kollettur, distributur jew bejjiegħ bl-imnut għandha tkun koperta minn kuntratt bil-miktub bejn il-partijiet.	***L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu*** li kull konsenja ta' ħalib u prodotti tal-ħalib ***fit-territorju tiegħu*** minn bidwi, organizzazzjoni ta' produtturi jew assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi, lil proċessur, kollettur, distributur jew bejjiegħ bl-imnut għandha tkun koperta minn kuntratt bil-miktub bejn il-partijiet.

Or. en

Emenda 311
Jessica Polfjärd

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 148 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Kull konsenja fl-Unjoni ta' ħalib u prodotti tal-ħalib minn bidwi, organizzazzjoni ta' produtturi jew assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi, lil proċessur, kollettur, distributur jew bejjiegħ bl-imnut ***għandha*** tkun koperta minn kuntratt bil-miktub bejn il-partijiet.	Kull konsenja fl-Unjoni ta' ħalib u prodotti tal-ħalib minn bidwi, organizzazzjoni ta' produtturi jew assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi, lil proċessur, kollettur, distributur jew bejjiegħ bl-imnut ***tista'*** tkun koperta minn kuntratt bil-miktub bejn il-partijiet.

Or. en

Emenda 312
Asger Christensen

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 148 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Meta Stat Membru jiddeċiedi li l-konsenji ta' ħalib mhux ipproċessat mingħand il-bidwi lil proċessur ta' ħalib mhux ipproċessat iridu jkunu koperti minn kuntratt miktub bejn il-partijiet, huwa għandu wkoll jiddeċiedi liema stadju jew stadji tal-konsenja għandhom jiġu koperti minn tali kuntratt jekk il-konsenja tal-ħalib mhux ipproċessat issir permezz ta' kollettur wieħed jew aktar. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "kollettur" tfisser intrapriża li tittrasporta ħalib mhux ipproċessat minn bidwi jew kollettur ieħor għand proċessur tal-ħalib mhux ipproċessat jew kollettur ieħor, fejn il-

proprjetà tal-ħalib mhux ipproċessat tiġi ttrasferita f'kull każ.

Or. en

Emenda 313
Carlo Fidanza, Sergio Berlato

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 148 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-mekkaniżmu ta' medjazzjoni jrid jinkludi l-parteċipazzjoni tar-rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tal-bdiewa.

Or. en

Emenda 314
Norbert Lins, Lena Düpont, Marion Walsmann, Christine Schneider, Pascal Arimont, Stefan Köhler

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 148 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Tali kuntratt għandu jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 4 u 8.	*(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)*

Or. de

Emenda 315
Paulo Do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2

Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 148 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Għall-iskopijiet ta' dan l-Artikolu, "kuntratt bil-miktub" tfisser kwalunkwe ftehim espress f'forma testwali, irrispettivament mill-mezz li bih jiġi rreġistrat jew trażmess. Dan jinkludi dokumenti ffirmati fiżikament jew diġitalment mill-partijiet jew skambji ta' posta elettronika jew komunikazzjonijiet elettroniċi oħra li juru ftehim.

Or. pt

Emenda 316
Martin Häusling

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 1308/2013
(iii) it-tul ta’ żmien tal-kuntratt, li jista’ jinkludi tul ta’ żmien definit jew indefinit bi klawżola ta’ terminazzjoni. Fil-każ ta’ kuntratt b’tul ta’ żmien ta’ aktar minn 6 xhur, il-kuntratt għandu jinkludi klawżola ta’ reviżjoni li tista’ tiġi skattata mill-bidwi, minn organizzazzjoni ta’ produtturi jew minn assoċjazzjoni ta’ organizzazzjonijiet ta’ produtturi***;***	(iii) it-tul ta’ żmien tal-kuntratt, li jista’ jinkludi tul ta’ żmien definit jew indefinit bi klawżola ta’ terminazzjoni. Fil-każ ta’ kuntratt b’tul ta’ żmien ta’ aktar minn 6 xhur, il-kuntratt għandu jinkludi klawżola ta’ reviżjoni li tista’ tiġi skattata mill-bidwi, minn organizzazzjoni ta’ produtturi jew minn assoċjazzjoni ta’ organizzazzjonijiet ta’ produtturi ***abbażi ta’ ċirkostanzi ta’ force majeure - bħal kundizzjonijiet ta’ temp estrem, tifqigħat ta’ mard tal-annimali, tensjonijiet ġeopolitiċi jew kwalunkwe raġuni oħra li tipprevjeni li l-prezz miftiehem ikopri l-ispejjeż tal-bdiewa.***

Or. en

Emenda 361
Maria Noichl

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 148 – paragrafu 4 – punt c – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) il-volum ta' ħalib mhux ipproċessat ***jew il-kwalità*** u l-kwantità ta' ħalib jew ta' prodotti tal-ħalib li għandhom jiġu kkonsenjati, u l-ħin ta' tali konsenji;	(ii) il-volum ***u l-kwalità*** ta' ħalib mhux ipproċessat u l-kwantità ta' ħalib jew ta' prodotti tal-ħalib li għandhom jiġu kkonsenjati, u l-ħin ta' tali konsenji;

Or. en

Emenda 362
Cristina Maestre, Dario Nardella, Stefano Bonaccini, Elena Sancho Murillo

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 148 – paragrafu 4 – punt c – punt iii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iii) it-tul ta' żmien tal-kuntratt, li jista' jinkludi tul ta' żmien definit jew indefinit bi klawżola ta' terminazzjoni. Fil-każ ta' kuntratt b'tul ta' żmien ta' aktar minn 6 xhur, ***il-kuntratt għandu*** jinkludi klawżola ta' reviżjoni li tista' tiġi skattata mill-bidwi, minn organizzazzjoni ta' produtturi jew minn assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi;	(iii) it-tul ta' żmien tal-kuntratt, li jista' jinkludi tul ta' żmien definit jew indefinit bi klawżola ta' terminazzjoni. Fil-każ ta' kuntratt b'tul ta' żmien ta' aktar minn 6 xhur, ***l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li l-kuntratt*** jinkludi klawżola ta' reviżjoni li tista' tiġi skattata mill-bidwi, minn organizzazzjoni ta' produtturi jew minn assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi;

Or. en

Emenda 363
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 148 – paragrafu 4 – punt c – punt iii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iii) it-tul ta' żmien tal-kuntratt, li jista' jinkludi tul ta' żmien definit jew tul ta' żmien indefinit bi klawżoli ta' terminazzjoni. Fil-każ ta' kuntratt b'tul ta' żmien ta' aktar minn 6 xhur, il-kuntratt għandu jinkludi klawżola ta' reviżjoni li tista' tiġi skattata mill-bidwi, minn organizzazzjoni ta' produtturi jew minn assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi;	(iii) it-tul ta' żmien tal-kuntratt, li jista' jinkludi tul ta' żmien definit jew tul ta' żmien indefinit bi klawżoli ta' terminazzjoni. Fil-każ ta' kuntratt b'tul ta' żmien ta' aktar minn 6 xhur, il-kuntratt għandu jinkludi klawżola ta' reviżjoni li tista' tiġi skattata mill-bidwi, minn organizzazzjoni ta' produtturi jew minn assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi; ***din il-klawżola ta' reviżjoni tista' tiġi skattata fi kwalunkwe ħin mill-bidwi, organizzazzjoni ta' produtturi jew assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi f'każijiet ta' force majeure;***

Or. ro

Emenda 364
Paulo Do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 148 – paragrafu 4 – punt c – punt iii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iii) it-tul ta' żmien tal-kuntratt, li jista' jinkludi tul ta' żmien definit jew tul ta' żmien indefinit bi klawżoli ta' terminazzjoni. Fil-każ ta' kuntratt b'tul ta' żmien ta' aktar minn 6 xhur, il-kuntratt għandu jinkludi klawżola ta' reviżjoni li tista' tiġi skattata mill-bidwi, minn organizzazzjoni ta' produtturi jew minn assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi;	(iii) it-tul ta' żmien tal-kuntratt, li jista' jinkludi tul ta' żmien definit jew tul ta' żmien indefinit bi klawżoli ta' terminazzjoni. Fil-każ ta' kuntratt b'tul ta' żmien ta' aktar minn 6 xhur ***(12-il xahar għal setturi li jinnegozjaw bil-futuri, bħaċ-ċerali)***, il-kuntratt għandu jinkludi klawżola ta' reviżjoni li tista' tiġi skattata mill-bidwi, minn organizzazzjoni ta' produtturi jew minn assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi;

Or. pt

Emenda 365
André Rodrigues

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 148 – paragrafu 4 – punt c – punt iii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iii) it-tul ta' żmien tal-kuntratt, li jista' jinkludi tul ta' żmien definit jew indefinit bi klawżola ta' terminazzjoni. Fil-każ ta' kuntratt b'tul ta' żmien ta' aktar minn ***6 xhur***, il-kuntratt għandu jinkludi klawżola ta' reviżjoni li tista' tiġi skattata mill-bidwi, minn organizzazzjoni ta' produtturi jew minn assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi;	(iii) it-tul ta' żmien tal-kuntratt, li jista' jinkludi tul ta' żmien definit jew indefinit bi klawżola ta' terminazzjoni. Fil-każ ta' kuntratt b'tul ta' żmien ta' aktar minn ***12-il xahar***, il-kuntratt għandu jinkludi klawżola ta' reviżjoni li tista' tiġi skattata mill-bidwi, minn organizzazzjoni ta' produtturi jew minn assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi;

Or. en

Emenda 366
Csaba Dömötör

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 148 – paragrafu 4 – punt c – punt via (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(via) il-punt ta' żmien meta r-riskju jgħaddi mill-bidwi, mill-organizzazzjoni ta' produtturi, mill-assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi lill-proċessur, lid-distributur jew lill-bejjiegħ bl-imnut.

Or. en

Emenda 367
Luke Ming Flanagan
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2

Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 148 – paragrafu 5 – sentenza introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. ***B'deroga mill-paragrafi 1 u 2,*** kuntratt bil-miktub jew offerta bil-miktub għal kuntratt ***ma għandhiex*** tkun meħtieġa fil-każijiet li ġejjin:	5. Kuntratt bil-miktub jew offerta bil-miktub għal kuntratt ***għandha*** tkun meħtieġa ***wkoll*** fil-każijiet li ġejjin:

Or. en

Emenda 368
Maria Noichl

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 148 – paragrafu 5 – sentenza introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, kuntratt bil-miktub jew offerta bil-miktub għal kuntratt ma ***għandhiex*** tkun meħtieġa fil-każijiet li ġejjin:	5. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, kuntratt bil-miktub jew offerta bil-miktub għal kuntratt ma ***tridx*** tkun meħtieġa fil-każijiet li ġejjin:

Or. en

Emenda 369
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 148 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, kuntratt bil-miktub jew offerta bil-miktub għal kuntratt ma għandhiex tkun meħtieġa fil-każijiet li ġejjin:	(5) B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, kuntratt bil-miktub jew offerta bil-miktub għal kuntratt ma għandhiex tkun meħtieġa ***b'mod obbligatorju*** fil-każijiet li ġejjin:

Or. ro

Emenda 370
Anna Strolenberg
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 148 – paragrafu 5 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-ħalib jew il-prodotti tal-ħalib ikkonċernati jiġu kkonsenjati minn membru ta' organizzazzjoni ta' produttur jew ta' kooperattiva lill-organizzazzjoni ta' produtturi jew lill-kooperattiva li jkun membru tagħha dment li l-istatuti ta' dik l-organizzazzjoni ta' produtturi jew kooperattiva jew ir-regoli u d-deċiżjonijiet previsti f'dawn l-istatuti, jew derivati minnhom, ikun fihom dispożizzjonijiet li jkollhom effetti simili għad-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 4;	***imħassar***

Or. en

Emenda 371
Carmen Crespo Díaz

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 148 – paragrafu 5 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a) il-ħalib jew il-prodotti tal-ħalib ikkonċernati jiġu kkonsenjati minn membru ta' organizzazzjoni ta' produtturi jew ta' kooperattiva lill-organizzazzjoni ta' produtturi jew lill-kooperattiva li jkun membru tagħha ***dment li l-istatuti ta' dik l-organizzazzjoni ta' produtturi jew kooperattiva jew ir-regoli u d-deċiżjonijiet previsti f'dawn l-istatuti, jew derivati***	a) il-ħalib jew il-prodotti tal-ħalib ikkonċernati jiġu kkonsenjati minn membru ta' organizzazzjoni ta' produtturi jew ta' kooperattiva lill-organizzazzjoni ta' produtturi jew lill-kooperattiva li jkun membru tagħha;

minnhom, ikun fihom dispożizzjonijiet li jkollhom effetti simili għad-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 4;

Or. es

Emenda 372
Barry Cowen, Asger Christensen, Christine Singer, Charles Goerens

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 148 – paragrafu 5 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-ħalib jew il-prodotti tal-ħalib ikkonċernati jiġu kkonsenjati minn membru ta' organizzazzjoni ta' produtturi jew ta' kooperattiva lill-organizzazzjoni ta' produtturi jew lill-kooperattiva li jkun membru tagħha ***dment li l-istatuti ta' dik l-organizzazzjoni ta' produtturi jew kooperattiva jew ir-regoli u d-deċiżjonijiet previsti f'dawn l-istatuti, jew derivati minnhom, ikun fihom dispożizzjonijiet li jkollhom effetti simili għad-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 4;***	(a) il-ħalib jew il-prodotti tal-ħalib ikkonċernati jiġu kkonsenjati minn membru ta' organizzazzjoni ta' produtturi jew ta' kooperattiva lill-organizzazzjoni ta' produtturi jew lill-kooperattiva li jkun membru tagħha***.***

Or. en

Emenda 373
Esther Herranz García

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 148 – paragrafu 5 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-ħalib jew il-prodotti tal-ħalib ikkonċernati jiġu kkonsenjati minn membru ta' organizzazzjoni ta' produtturi jew ta' kooperattiva lill-organizzazzjoni ta'	(a) il-ħalib jew il-prodotti tal-ħalib ikkonċernati jiġu kkonsenjati minn membru ta' organizzazzjoni ta' produtturi jew ta' kooperattiva lill-organizzazzjoni ta'

produtturi jew lill-kooperattiva li jkun membru tagħha ***dment li l-istatuti ta' dik l-organizzazzjoni ta' produtturi jew kooperattiva jew ir-regoli u d-deċiżjonijiet previsti f'dawn l-istatuti, jew derivati minnhom, ikun fihom dispożizzjonijiet li jkollhom effetti simili għad-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 4***;

produtturi jew lill-kooperattiva li jkun membru tagħha;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-relazzjoni ta' membru mal-kooperattiva tiegħu ma hijiex sempliċement relazzjoni kummerċjali, iżda waħda soċjetali u mutwalistika. Membru ma jbigħx prodott lill-kooperattiva tiegħu iżda jagħmlu disponibbli għall-bejgħ konġunt. Il-kooperattiva u l-membru ma humiex żewġ "partijiet" differenti, huma l-istess (ikunu qed jagħmlu kuntratt magħhom infushom). Dan it-tip ta' kundizzjonijiet bħalissa qed jikkawża problemi enormi ta' piż burokratiku għall-kooperattivi fl-Istati Membri fejn diġà tapplika regola simili, kif inhu l-każ fi Spanja.

Emenda 374
Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 148 – paragrafu 5 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-ħalib jew il-prodotti tal-ħalib ikkonċernati jiġu kkonsenjati minn membru ta' organizzazzjoni ta' produtturi jew ta' kooperattiva lill-organizzazzjoni ta' produtturi jew lill-kooperattiva li jkun membru tagħha ***dment li l-istatuti ta' dik l-organizzazzjoni ta' produtturi jew kooperattiva jew ir-regoli u d-deċiżjonijiet previsti f'dawn l-istatuti, jew derivati minnhom, ikun fihom dispożizzjonijiet li jkollhom effetti simili għad-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 4***;	(a) il-ħalib jew il-prodotti tal-ħalib ikkonċernati jiġu kkonsenjati minn membru ta' organizzazzjoni ta' produtturi jew ta' kooperattiva lill-organizzazzjoni ta' produtturi jew lill-kooperattiva li jkun membru tagħha;

Or. en

Emenda 375
Luke Ming Flanagan
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 148 – paragrafu 5 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-ħalib jew il-prodotti tal-ħalib ikkonċernati jiġu kkonsenjati minn membru ta' organizzazzjoni ta' produtturi jew ta' kooperattiva lill-organizzazzjoni ta' produtturi jew lill-kooperattiva li jkun membru tagħha ***dment li l-istatuti ta' dik l-organizzazzjoni ta' produtturi jew kooperattiva jew ir-regoli u d-deċiżjonijiet previsti f'dawn l-istatuti, jew derivati minnhom, ikun fihom dispożizzjonijiet li jkollhom effetti simili għad-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 4***;	(a) il-ħalib jew il-prodotti tal-ħalib ikkonċernati jiġu kkonsenjati minn membru ta' organizzazzjoni ta' produtturi jew ta' kooperattiva lill-organizzazzjoni ta' produtturi jew lill-kooperattiva li jkun membru tagħha;

Or. en

Emenda 376
Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 148 – paragrafu 5 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-ħalib jew il-prodotti tal-ħalib ikkonċernati jiġu kkonsenjati minn membru ta' organizzazzjoni ta' produtturi jew ta' kooperattiva lill-organizzazzjoni ta' produtturi jew lill-kooperattiva li jkun membru tagħha ***dment li l-istatuti ta' dik l-organizzazzjoni ta' produtturi jew kooperattiva jew ir-regoli u d-deċiżjonijiet previsti f'dawn l-istatuti, jew derivati minnhom, ikun fihom dispożizzjonijiet li jkollhom effetti simili għad-***	(a) il-ħalib jew il-prodotti tal-ħalib ikkonċernati jiġu kkonsenjati minn membru ta' organizzazzjoni ta' produtturi jew ta' kooperattiva lill-organizzazzjoni ta' produtturi jew lill-kooperattiva li jkun membru tagħha***.***

dispożizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 4;

Or. en

Emenda 377
Asger Christensen

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 148 – paragrafu 5 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-ħalib jew il-prodotti tal-ħalib ikkonċernati jiġu kkonsenjati minn membru ta' organizzazzjoni ta' produtturi jew ta' kooperattiva ***lill-organizzazzjoni ta' produtturi jew lill-kooperattiva li jkun membru tagħha dment li l-istatuti ta' dik l-organizzazzjoni*** ta' produtturi jew kooperattiva ***jew ir-regoli u d-deċiżjonijiet previsti f'dawn l-istatuti, jew derivati minnhom, ikun fihom dispożizzjonijiet li jkollhom effetti simili għad-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 4***;	(a) il-ħalib jew il-prodotti tal-ħalib ikkonċernati jiġu kkonsenjati***, forniti jew mibjugħa*** minn membru ta' organizzazzjoni ta' produtturi jew ta' kooperattiva ***lill-imsemmija organizzazzjoni*** ta' produtturi jew kooperattiva ***li jkollha struttura demokratika interna li tkun stabbilita fil-kostituzzjoni tax-xerrej; u li fiha huwa inkorporat korp deċiżjonali — (i) li s-sħubija tiegħu tinkludi maġġoranza ta' individwi li huma eletti b'mod demokratiku mill-membri produtturi tax-xerrej; u (ii) li għandha awtorità deċiżjonali aħħarija fir-rigward ta' kuntratti għax-xiri tal-ħalib.***

Or. en

Emenda 378
Cristina Maestre, Dario Nardella, Stefano Bonaccini, Elena Sancho Murillo, Camilla Laureti

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 148 – paragrafu 5 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-ħalib jew il-prodotti tal-ħalib	(a) il-ħalib jew il-prodotti tal-ħalib

ikkonċernati jiġu kkonsenjati minn membru ta' organizzazzjoni ta' produtturi jew ta' kooperattiva lill-organizzazzjoni ta' produtturi jew lill-kooperattiva li jkun membru tagħha dment li l-istatuti ta' dik l-organizzazzjoni ta' produtturi jew kooperattiva jew ir-regoli u d-deċiżjonijiet previsti f'dawn l-istatuti, jew derivati minnhom, ikun fihom dispożizzjonijiet li jkollhom ***effetti*** simili ***għad-dispożizzjonijiet*** stabbiliti fil-paragrafu 4;	ikkonċernati jiġu kkonsenjati minn membru ta' organizzazzjoni ta' produtturi jew ta' kooperattiva lill-organizzazzjoni ta' produtturi jew lill-kooperattiva li jkun membru tagħha dment li l-istatuti ta' dik l-organizzazzjoni ta' produtturi jew kooperattiva jew ir-regoli u d-deċiżjonijiet previsti f'dawn l-istatuti, jew derivati minnhom, ikun fihom dispożizzjonijiet li jkollhom ***objettivi*** simili ***bħad-dispożizzjonijiet*** stabbiliti fil-paragrafu 4;

Or. en

Emenda 379
Gilles Pennelle, Valérie Deloge

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 148 – paragrafu 5 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-ħalib jew il-prodotti tal-ħalib ikkonċernati jiġu kkonsenjati minn membru ta' organizzazzjoni ta' produtturi jew ta' kooperattiva lill-organizzazzjoni ta' produtturi jew lill-kooperattiva li jkun membru tagħha dment li l-istatuti ta' dik l-organizzazzjoni ta' produtturi jew kooperattiva jew ir-regoli u d-deċiżjonijiet previsti f'dawn l-istatuti, jew derivati minnhom, ikun fihom dispożizzjonijiet ***li jkollhom effetti simili għad-dispożizzjonijiet*** stabbiliti fil-paragrafu 4;	(a) il-ħalib jew il-prodotti tal-ħalib ikkonċernati jiġu kkonsenjati minn membru ta' organizzazzjoni ta' produtturi jew ta' kooperattiva lill-organizzazzjoni ta' produtturi jew lill-kooperattiva li jkun membru tagħha dment li l-istatuti ta' dik l-organizzazzjoni ta' produtturi jew kooperattiva jew ir-regoli u d-deċiżjonijiet previsti f'dawn l-istatuti, jew derivati minnhom, ikun fihom dispożizzjonijiet ***identiċi jew lil hinn mid-dispożizzjonijiet*** stabbiliti fil-paragrafu 4;

Or. fr

Emenda 380
Krzysztof Hetman

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 1308/201

Artikolu 148 – paragrafu 5 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-ewwel xerrej tal-ħalib jew tal-prodotti tal-ħalib ikun intrapriża mikro jew ta' daqs żgħir skont it-tifsira tar-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE[10];	***imħassar***

[10] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36, http://data.europa.eu/eli/reco/2003/361/oj)
.

Or. pl

Emenda 381
Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 148 – paragrafu 5 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-ewwel xerrej tal-ħalib jew tal-prodotti tal-ħalib ikun intrapriża mikro jew ta' daqs żgħir skont it-tifsira tar-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE[10] ;	***imħassar***

[10] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' impriżi mikro, żgħar u medji (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36m ELI: http://data.europa.eu/eli/reco/2003/361/oj)
.

Or. it

Ġustifikazzjoni

Ma nqisux li huwa permissibbli li wieħed jiddevja minn kuntratt bil-miktub jew offerta bil-

miktub għal kuntratt fil-każ tal-SMEs, peress li dan iwassal għall-evitar tal-obbligu fil-bidċa l-kbira tal-konsenji.

Emenda 382
Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 148 – paragrafu 5 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-ewwel xerrej tal-ħalib jew tal-prodotti tal-ħalib ikun intrapriża mikro jew ta' daqs żgħir skont it-tifsira tar-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE[10];	***imħassar***

[10] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36, http://data.europa.eu/eli/reco/2003/361/oj)
.

Or. en

Emenda 383
Cristina Maestre, Dario Nardella, Stefano Bonaccini, Elena Sancho Murillo

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 148 – paragrafu 5 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-ewwel xerrej tal-ħalib jew tal-prodotti tal-ħalib ikun intrapriża mikro jew ta' daqs żgħir skont it-tifsira tar-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE[10];	***imħassar***

[10] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni

ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36, http://data.europa.eu/eli/reco/2003/361/oj)
.

Or. en

Emenda 384
Luke Ming Flanagan, Sebastian Everding
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 148 – paragrafu 5 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-ewwel xerrej tal-ħalib jew tal-prodotti tal-ħalib ikun intrapriża mikro jew ta' daqs żgħir skont it-tifsira tar-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE[10];	***imħassar***

[10] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36, http://data.europa.eu/eli/reco/2003/361/oj)
.

Or. en

Emenda 385
Esther Herranz García

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 148 – paragrafu 5 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-ewwel xerrej tal-ħalib jew tal-prodotti tal-ħalib ikun intrapriża mikro	***imħassar***

jew ta' daqs żgħir skont it-tifsira tar-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE[10];

[10] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36, http://data.europa.eu/eli/reco/2003/361/oj)
.

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-test propost ireġġa' lura dak li bħalissa huwa stabbilit fl-OKS, billi jkopri fil-leġiżlazzjoni attwali l-kuntratti kollha bil-miktub jekk Stat Membru jkun għażel li japplikahom. Jekk l-ewwel xerrej jitħalla barra mill-obbligu li jkollu mhux aktar minn 49 ħaddiem u fatturat ta' inqas minn EUR 10 miljun, il-maġġoranza l-kbira tal-bdiewa Ewropej ma jkunux protetti. Bit-test propost, 7,03 % biss tal-industriji tal-prodotti tal-ħalib fl-UE jistgħu jiġu inklużi fl-obbligu jew fil-każ ta' Spanja, 95,11 % tal-industriji tal-ħalib li bħalissa għandhom din il-protezzjoni minn abbużi possibbli ma jibqgħux jiġu protetti.

Emenda 386
Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 148 – paragrafu 5 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-ewwel xerrej tal-ħalib jew tal-prodotti tal-ħalib ikun intrapriża mikro jew ta' daqs żgħir skont it-tifsira tar-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE[10];	***imħassar***

[10] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36, http://data.europa.eu/eli/reco/2003/361/oj)
.

Or. en

Emenda 387
Anna Strolenberg
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 148 – paragrafu 5 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-ewwel xerrej tal-ħalib jew tal-prodotti tal-ħalib ikun intrapriża mikro jew ta' daqs żgħir skont it-tifsira tar-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE[10];	***imħassar***

[10] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36, http://data.europa.eu/eli/reco/2003/361/oj)
.

Or. en

Emenda 388
Carlo Fidanza, Sergio Berlato

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 148 – paragrafu 5 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-ewwel xerrej tal-ħalib jew tal-prodotti tal-ħalib ikun intrapriża mikro jew ta' daqs żgħir skont it-tifsira tar-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE[10];	***imħassar***

[10] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36,

http://data.europa.eu/eli/reco/2003/361/oj)
.

Or. en

Emenda 389
Cristina Maestre, Dario Nardella, Stefano Bonaccini, Elena Sancho Murillo, Eric Sargiacomo

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 148 – paragrafu 5 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-konsenja u l-ħlas għall-ħalib jew għall-prodotti tal-ħalib isiru fl-istess ħin;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-test huwa inkluż fil-paragrafu 6.

Emenda 390
Anna Strolenberg
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 148 – paragrafu 5 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-konsenja u l-ħlas għall-ħalib jew għall-prodotti tal-ħalib isiru fl-istess ħin;	***imħassar***

Or. en

Emenda 391
Luke Ming Flanagan, Sebastian Everding

f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 148 – paragrafu 5 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-konsenja u l-ħlas għall-ħalib jew għall-prodotti tal-ħalib isiru fl-istess ħin;	***imħassar***

Or. en

Emenda 392
Luke Ming Flanagan, Sebastian Everding
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 148 – paragrafu 5 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) il-konsenja ssir bla ħlas jew fil-kuntest tar-rimi ta' ħalib jew ta' prodotti tal-ħalib li ma jkunux għadhom tajbin għall-bejgħ.	***imħassar***

Or. en

Emenda 393
Anna Strolenberg
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 148 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li kuntratt bil-miktub jew offerta bil-	***imħassar***

miktub ma għandhiex tkun meħtieġa f'wieħed jew aktar mill-każijiet li ġejjin:

(a) il-konsenja tikkonċerna prodotti ta' valur daqs il-limitu, jew inqas minnu, li għandu jiġi ddeterminat mill-Istat Membru, li ma għandux ikun aktar minn EUR 10 000;

(b) il-konsenja tikkonċerna ħalib u prodotti tal-ħalib li huma soġġetti għal varjazzjonijiet staġunali fil-provvista jew fid-domanda jew li jistgħu jitħassru;

(c) il-konsenja tikkonċerna ħalib u prodotti tal-ħalib li huma soġġetti għal prattiki ta' bejgħ tradizzjonali.

Or. en

Emenda 394
Luke Ming Flanagan, Sebastian Everding
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 148 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li kuntratt bil-miktub jew offerta bil-miktub ma għandhiex tkun meħtieġa f'wieħed jew aktar mill-każijiet li ġejjin:	***imħassar***
(a) il-konsenja tikkonċerna prodotti ta' valur daqs il-limitu, jew inqas minnu, li għandu jiġi ddeterminat mill-Istat Membru, li ma għandux ikun aktar minn EUR 10 000;	
(b) il-konsenja tikkonċerna ħalib u prodotti tal-ħalib li huma soġġetti għal varjazzjonijiet staġunali fil-provvista jew fid-domanda jew li jistgħu jitħassru;	
(c) il-konsenja tikkonċerna ħalib u prodotti tal-ħalib li huma soġġetti għal prattiki ta' bejgħ tradizzjonali.	

Or. en

Emenda 395
Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 148 – paragrafu 6 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-konsenja tikkonċerna prodotti ta' valur daqs il-limitu, jew inqas minnu, li għandu jiġi ddeterminat mill-Istat Membru, li ma għandux ikun aktar minn EUR 10 000;	***imħassar***

Or. en

Emenda 396
Carlo Fidanza, Sergio Berlato

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 148 – paragrafu 6 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***il-konsenja tikkonċerna prodotti ta' valur daqs il-limitu, jew inqas minnu, li għandu jiġi ddeterminat mill-Istat Membru, li ma għandux ikun aktar minn EUR 10 000***;	(a) ***l-ewwel xerrej tal-ħalib jew tal-prodotti tal-ħalib ikun intrapriża mikro jew ta' daqs żgħir skont it-tifsira tar-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE[10]***;

Or. en

Emenda 397
Esther Herranz García

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2

Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 148 – paragrafu 6 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-konsenja tikkonċerna prodotti ta' valur daqs il-limitu, jew inqas minnu, li għandu jiġi ddeterminat mill-Istat Membru, li ma għandux ikun aktar minn EUR 10 000;	(a) il-konsenja tikkonċerna prodotti ta' valur daqs il-limitu, jew inqas minnu, li għandu jiġi ddeterminat mill-Istat Membru, li ma għandux ikun aktar minn EUR 1 000;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Skont il-Eurostat, l-azjendi agrikoli fl-Unjoni Ewropea (UE) b'inqas minn EUR 8 000 ta' produzzjoni standard huma 76,4 % li magħhom iridu jiżdiedu dawk tal-istrati li ġejjin li jbigħu l-produzzjonijiet tagħhom aktar minn darba fis-sena.

Emenda 398
Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 148 – paragrafu 6 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-konsenja tikkonċerna prodotti ta' valur daqs il-limitu, jew inqas minnu, li għandu jiġi ddeterminat mill-Istat Membru, li ma għandux ikun aktar minn EUR 10 000;	***imħassar***

Or. en

Emenda 399
Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 148 – paragrafu 6 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) l-ewwel xerrej tal-ħalib jew tal-prodotti tal-ħalib ikun intrapriża mikro jew ta' daqs żgħir skont it-tifsira tar-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE[10];

Or. en

Emenda 400
Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 148 – paragrafu 6 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-konsenja tikkonċerna ħalib u prodotti tal-ħalib li huma soġġetti għal varjazzjonijiet staġunali fil-provvista jew fid-domanda jew li jistgħu jitħassru;	***imħassar***

Or. en

Emenda 401
Carlo Fidanza, Sergio Berlato

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 148 – paragrafu 6 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-konsenja tikkonċerna ħalib u prodotti tal-ħalib li huma soġġetti għal varjazzjonijiet staġunali fil-provvista jew fid-domanda jew li jistgħu jitħassru;	***imħassar***

Or. en

Emenda 402
Krzysztof Hetman

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 1308/201
Artikolu 148 – paragrafu 6 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) l-ewwel xerrej tal-ħalib jew tal-prodotti tal-ħalib ikun intrapriża mikro jew ta' daqs żgħir skont it-tifsira tar-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE[1a];
	[1a] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju, (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36, http://data.europa.eu/eli/reco/2003/361/oj).

Or. pl

Ġustifikazzjoni

Għandu jkun possibbli għall-Istati Membri li jiddeċiedu dwar eżenzjoni possibbli mill-obbligu li jkollhom kuntratti meta l-ewwel xerrej ikun intrapriża mikro jew ta' daqs żgħir.

Emenda 403
Cristina Maestre, Dario Nardella, Stefano Bonaccini, Elena Sancho Murillo, Eric Sargiacomo

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 148 – paragrafu 6 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) il-konsenja u l-ħlas għall-ħalib jew għall-prodotti tal-ħalib isiru fl-istess ħin;

Or. en

Emenda 404
Luke Ming Flanagan
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 148 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Meta ***skont il-paragrafu 5, il-punti (b), (c) u (d), jew il-paragrafu 6,*** kuntratt bil-miktub jew offerta bil-miktub għal kuntratt ma tkunx meħtieġa, bidwi, organizzazzjoni ta' produtturi, jew assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi jistgħu jirrikjedu li konsenja ta' ħalib jew prodotti tal-ħalib tkun is-suġġett ta' kuntratt bil-miktub jew ta' offerta bil-miktub għal kuntratt. Tali kuntratt jew offerta għal kuntratt għandha tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 4 u fil-paragrafu 8, l-ewwel subparagrafu.	7. Meta kuntratt bil-miktub jew offerta bil-miktub għal kuntratt ma tkunx meħtieġa, bidwi, organizzazzjoni ta' produtturi, jew assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi jistgħu jirrikjedu li konsenja ta' ħalib jew prodotti tal-ħalib tkun is-suġġett ta' kuntratt bil-miktub jew ta' offerta bil-miktub għal kuntratt. Tali kuntratt jew offerta għal kuntratt għandha tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 4 u fil-paragrafu 8, l-ewwel subparagrafu.

Or. en

Emenda 405
Anna Strolenberg
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 148 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Meta skont il-paragrafu 5, ***il-punti (b), (c) u (d), jew il-paragrafu 6***, kuntratt bil-miktub jew offerta bil-miktub għal kuntratt ma tkunx meħtieġa, bidwi, organizzazzjoni ta' produtturi, jew assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi jistgħu jirrikjedu li konsenja ta' ħalib jew prodotti tal-ħalib tkun is-suġġett ta' kuntratt bil-miktub jew ta' offerta bil-	7. Meta skont il-paragrafu 5, ***il-punt (d)***, kuntratt bil-miktub jew offerta bil-miktub għal kuntratt ma tkunx meħtieġa, bidwi, organizzazzjoni ta' produtturi, jew assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi jistgħu jirrikjedu li konsenja ta' ħalib jew prodotti tal-ħalib tkun is-suġġett ta' kuntratt bil-miktub jew ta' offerta bil-miktub għal kuntratt. Tali kuntratt jew

miktub għal kuntratt. Tali kuntratt jew offerta għal kuntratt għandha tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 4 u fil-paragrafu 8, l-ewwel subparagrafu.	offerta għal kuntratt għandha tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 4 u fil-paragrafu 8, l-ewwel subparagrafu.

Or. en

Emenda 406
Esther Herranz García

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 148 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Meta skont il-paragrafu 5, il-punti ***(b),*** (c) u (d), jew il-paragrafu 6, kuntratt bil-miktub jew offerta bil-miktub għal kuntratt ma tkunx meħtieġa, bidwi, organizzazzjoni ta' produtturi, jew assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi jistgħu jirrikjedu li konsenja ta' ħalib jew prodotti tal-ħalib tkun is-suġġett ta' kuntratt bil-miktub jew ta' offerta bil-miktub għal kuntratt. Tali kuntratt jew offerta għal kuntratt għandha tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 4 u fil-paragrafu 8, l-ewwel subparagrafu.	7. Meta skont il-paragrafu 5, il-punti (c) u (d), jew il-paragrafu 6, kuntratt bil-miktub jew offerta bil-miktub għal kuntratt ma tkunx meħtieġa, bidwi, organizzazzjoni ta' produtturi, jew assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi jistgħu jirrikjedu li konsenja ta' ħalib jew prodotti tal-ħalib tkun is-suġġett ta' kuntratt bil-miktub jew ta' offerta bil-miktub għal kuntratt. Tali kuntratt jew offerta għal kuntratt għandha tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 4 u fil-paragrafu 8, l-ewwel subparagrafu.

Or. en

Ġustifikazzjoni

F'konformità mal-emenda proposta għall-Artikolu 148, paragrafu 5, punt (b).

Emenda 407
Cristina Maestre, Elena Sancho Murillo, Eric Sargiacomo

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 148 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Meta skont il-paragrafu 5, il-punti (b)***, (c) u (d)***, jew il-paragrafu 6, kuntratt bil-miktub jew offerta bil-miktub għal kuntratt ma tkunx meħtieġa, bidwi, organizzazzjoni ta' produtturi, jew assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi jistgħu jirrikjedu li konsenja ta' ħalib jew prodotti tal-ħalib tkun is-suġġett ta' kuntratt bil-miktub jew ta' offerta bil-miktub għal kuntratt. Tali kuntratt jew offerta għal kuntratt għandha tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 4 u fil-paragrafu 8, l-ewwel subparagrafu.	7. Meta skont il-paragrafu 5, il-punti (b) ***u (c)***, jew il-paragrafu 6, kuntratt bil-miktub jew offerta bil-miktub għal kuntratt ma tkunx meħtieġa, bidwi, organizzazzjoni ta' produtturi, jew assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi jistgħu jirrikjedu li konsenja ta' ħalib jew prodotti tal-ħalib tkun is-suġġett ta' kuntratt bil-miktub jew ta' offerta bil-miktub għal kuntratt. Tali kuntratt jew offerta għal kuntratt għandha tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 4 u fil-paragrafu 8, l-ewwel subparagrafu.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ma hemm l-ebda relazzjoni kuntrattwali f'donazzjoni.

Emenda 408
Cristina Maestre, Elena Sancho Murillo, Eric Sargiacomo

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 1308/2013
Artikolu 148 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-elementi kollha tal-kuntratti għall-konsenja ta' ħalib jew ta' prodotti tal-ħalib ***konklużi bejn il-bdiewa, l-organizzazzjonijiet ta' produtturi jew l-assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi u l-kolletturi, il-proċessuri, id-distributuri jew il-bejjiegħa bl-imnut***, inklużi l-elementi u l-komponenti tagħhom imsemmija fil-paragrafu 4, il-punt (c), għandhom jiġu nnegozjati liberament bejn il-partijiet.	L-elementi kollha tal-kuntratti għall-konsenja ta' ħalib jew ta' prodotti tal-ħalib, inklużi dawk l-elementi u l-komponenti tagħhom imsemmija fil-paragrafu 4, il-punt (c), għandhom jiġu nnegozjati liberament bejn il-partijiet ***mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti addizzjonali introdotti mill-Istati Membri***.

Or. en

Emenda 409
Norbert Lins, Lena Düpont, Marion Walsmann, Christine Schneider, Pascal Arimont, Stefan Köhler

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 148 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) L-Istati Membri jistgħu jirrikjedu li x-xerrej tal-ħalib jew tal-prodotti tal-ħalib jirreġistra l-kuntratti bil-miktub imsemmija fil-paragrafu 1 qabel il-konsenja tal-ħalib jew tal-prodotti tal-ħalib ikkonċernati mill-bidwi, minn organizzazzjoni ta' produtturi jew minn assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi lil kollettur, proċessur, distributur jew bejjiegħ bl-imnut fit-territorju tagħhom.	***imħassar***

Or. de

Emenda 410
Christine Singer

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 148 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
9. L-Istati Membri jistgħu jirrikjedu li x-xerrej tal-ħalib jew tal-prodotti tal-ħalib jirreġistra l-kuntratti bil-miktub imsemmija fil-paragrafu 1 qabel il-konsenja tal-ħalib jew tal-prodotti tal-ħalib ikkonċernati mill-bidwi, minn organizzazzjoni ta' produtturi jew minn assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi lil kollettur, proċessur, distributur jew bejjiegħ bl-imnut fit-territorju tagħhom.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-ħtieġa li jiġu rreġistrati l-kuntratti kollha toħloq piż amministrattiv u ta' konformità ulterjuri filwaqt li tqajjem tħassib dwar il-kunfidenzjalità. Xi Stati Membri diġà introduċew reġistri bħal dawn u għalhekk ma hemmx bżonn ta' dispożizzjoni legali (regolamentazzjoni żejda).

Emenda 411
Esther Herranz García

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 148 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
9. L-Istati Membri jistgħu jirrikjedu li x-xerrej tal-ħalib jew tal-prodotti tal-ħalib jirreġistra l-kuntratti bil-miktub imsemmija fil-paragrafu 1 ***qabel il-konsenja tal-ħalib jew tal-prodotti tal-ħalib ikkonċernati mill-bidwi, minn organizzazzjoni ta' produtturi jew minn assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi lil kollettur, proċessur, distributur*** jew ***bejjiegħ*** bl-imnut fit-territorju tagħhom.	9. L-Istati Membri jistgħu jirrikjedu li x-xerrej tal-ħalib jew tal-prodotti tal-ħalib jirreġistra l-kuntratti bil-miktub imsemmija fil-paragrafu 1 ***bejn il-bidwi u l-kollettur, il-proċessur, id-distributur*** jew ***il-bejjiegħ*** bl-imnut fit-territorju tagħhom.

Or. en

Emenda 412
Eric Sargiacomo, Claire Fita

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 148 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
9. L-Istati Membri jistgħu jirrikjedu li x-xerrej tal-ħalib jew tal-prodotti tal-ħalib jirreġistra l-kuntratti bil-miktub imsemmija fil-paragrafu 1 qabel il-konsenja tal-ħalib	9. L-Istati Membri jistgħu jirrikjedu li x-xerrej tal-ħalib jew tal-prodotti tal-ħalib jirreġistra ***u jqiegħed għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet inkarigati mill-medjazzjoni***

jew tal-prodotti tal-ħalib ikkonċernati mill-bidwi, minn organizzazzjoni ta' produtturi jew minn assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi lil kollettur, proċessur, distributur jew bejjiegħ bl-imnut fit-territorju tagħhom.	l-kuntratti bil-miktub imsemmija fil-paragrafu 1 qabel il-konsenja tal-ħalib jew tal-prodotti tal-ħalib ikkonċernati mill-bidwi, minn organizzazzjoni ta' produtturi jew minn assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi lil kollettur, proċessur, distributur jew bejjiegħ bl-imnut fit-territorju tagħhom.

Or. fr

Emenda 413
Mireia Borrás Pabón

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 148 – paragrafu 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
10. L-Istati Membri li jużaw l-għażliet ***imsemmija fil-paragrafi 2, 6, 8 u 9*** għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar kif jiġu applikati.	10. L-Istati Membri li jużaw l-għażliet ***imsemmija f'dan l-Artikolu*** għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar kif jiġu applikati.

Or. es

Emenda 414
Barry Cowen, Asger Christensen, Christine Singer, Charles Goerens

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 148 – paragrafu 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
10. L-Istati Membri li jużaw l-għażliet imsemmija ***fil-paragrafi 2, 6, 8 u 9*** għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar kif jiġu applikati.	10. L-Istati Membri li jużaw l-għażliet imsemmija ***f'dan l-Artikolu*** għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar kif jiġu applikati.

Or. en

Emenda 415
Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 148 – paragrafu 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
10. L-Istati Membri li jużaw l-għażliet imsemmija ***fil-paragrafi 2, 6, 8 u 9*** għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar kif jiġu applikati.	10. L-Istati Membri li jużaw l-għażliet imsemmija ***f'dan l-artikolu*** għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar kif jiġu applikati.

Or. en

Emenda 416
Luke Ming Flanagan
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 148 – paragrafu 11a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	11 a. Osservatorju tas-Suq tal-Ħalib
	Sabiex jiġi żgurat li s-suq tal-ħalib jiġi mmonitorjat u jkun ibbilanċjat, il-Kummissjoni Ewropea għandha tespandi l-kompetenzi tal-Osservatorju tas-Suq tal-Ħalib (MMO) eżistenti biex jinkludi l-elementi li ġejjin:
	a. Indiċi tal-bilanċ tas-suq, ibbażat fuq l-iżvilupp attwali fil-kwotazzjonijiet tal-prodotti, il-prezzijiet tal-ħalib u l-ispejjeż tal-produzzjoni (marġni). L-indiċi jipprovdi informazzjoni dwar l-istat attwali tal-bilanċ rigward is-suq tal-ħalib tal-UE. L-istat ta' "suq ibbilanċjat" jikkorrispondi għal sitwazzjoni fejn il-provvista u d-domanda tal-ħalib mhux

ipproċessat jiltaqgħu f'livell fejn il-prezzijiet tal-produtturi jkopru l-ispejjeż totali tal-produzzjoni;

b. Mekkaniżmu ta' kriżi, li jiġi attivat meta l-indiċi joħroġ mill-istat ta' "suq ibbilanċjat". Il-mekkaniżmu ta' kriżi jaħdem kif ġej:

i. L-istat attwali tas-suq jiddevja b'-7,5 % mill-istat ta' "suq ibbilanċjat":

- L-Osservatorju tas-Suq tal-Ħalib jiddikjara fażi ta' twissija bikrija, jinfetaħ ħżin privat u/jew jiġu attivati programmi ta' inċentivi għal perjodu ta' żmien definit,

- Din il-fażi tinżamm sakemm is-suq jerġa' lura għall-istat "ibbilanċjat" jew sakemm jiġi attivat programm skont il-paragrafu 1.b.ii jew il-paragrafu 1.b.iii. Din il-fażi għandha mnejn tinżamm ukoll matul l-attivazzjoni ta' programm skont il-paragrafu 1.b.ii jew il-paragrafu 1.b.iii, jekk jitqies neċessarju.

ii. L-istat attwali tas-suq jiddevja bi -15 % mill-istat ta' "suq ibbilanċjat": - L-Osservatorju tas-Suq tal-Ħalib jiddikjara li hemm kriżi u jniedi l-iskema volontarja għat-tnaqqis tal-produzzjoni:

o-Huwa programm li permezz tiegħu l-Kummissjoni tikkumpensa finanzjarjament lill-produtturi, li, matul perjodu definit u fuq bażi volontarja, ikunu naqqsu l-produzzjoni tagħhom meta mqabbla mal-istess perjodu tas-sena ta' qabel (perjodu ta' referenza);

o- Kull produttur li jforni volum akbar milli matul il-perjodu ta' referenza jrid iħallas penali ta' responsabbiltà tas-suq skont il-firxa tal-provvista żejda tiegħu;

o- L-iskema volontarja għat-tnaqqis tal-produzzjoni tiġi estiża sakemm is-suq jerġa' lura għall-istat "ibbilanċjat", ħlief fil-każ fejn l-iskema volontarja għat-tnaqqis tal-produzzjoni tkun segwita direttament mill-iskema universali għat-tnaqqis tal-produzzjoni skont il-paragrafu

1.b.iii.

iii. L-istat attwali tas-suq jiddevja b'-25 % mill-istat ta' "suq ibbilanċjat": - L-Osservatorju tas-Suq tal-Ħalib iniedi l-iskema universali għat-tnaqqis tal-produzzjoni:

o-Huwa programm fejn il-provvista ta' ħalib mhux ipproċessat titnaqqas b'perċentwal definit matul perjodu ta' żmien stabbilit meta mqabbel mal-istess perjodu tas-sena ta' qabel (perjodu ta' referenza) għall-produtturi kollha;

o- Penali ta' responsabbiltà tas-suq tiġi applikata għall-produtturi kollha li ma jiħdux sehem fil-programm ta' tnaqqis;

o- Din il-faži tinżamm sakemm is-suq jerġa' lura għall-istat "ibbilanċjat".

c. Is-sorsi ta' finanzjament tal-mekkaniżmu ta' križi huma dawn li ġejjin:

- Fond pubbliku għall-kriżijiet - Il-penali tar-responsabbiltà tas-suq tal-bdiewa li jżidu l-volumi tal-produzzjoni tagħhom matul l-iskema volontarja għat-tnaqqis tal-produzzjoni, skont il-paragrafu 1.b.ii,

- Il-penali tar-responsabbiltà tas-suq tal-produtturi li ma jipparteċipawx fil-programm ta' tnaqqis skont il-paragrafu 1.b.iii,

- Kontribuzzjoni possibbli tal-produttur għal kull kilogramma ta' ħalib fornut li titħallas matul perjodu definit tas-sena li fih isseħħ il-križi. Jista' jiġi stabbilit perjodu addizzjonali ta' ġbir f'każ li jkunu meħtieġa aktar riżorsi finanzjarji.

2. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati dwar:

a. Il-kalkolu tal-indiċi tal-bilanċ tas-suq kif ukoll id-determinazzjoni tal-istat ta' "suq ibbilanċjat", jiġifieri s-sitwazzjoni fejn il-provvista u d-domanda tal-ħalib mhux ipproċessat jiltaqgħu f'livell fejn il-prezzijiet tal-produtturi jkopru l-ispejjeż

tal-produzzjoni totali. Il-kalkolu tal-ispejjeż irid iqis l-ispejjeż kollha tal-produzzjoni tal-ħalib, inkluż introjtu ġust għall-produtturi;

b. It-tulijiet tal-perjodi li ġejjin:

i. Fażi ta' twissija bikrija skont il-paragrafu 1.b.i. u l-estensjoni(jiet) possibbli tagħha,

ii. Fażi ta' tnaqqis volontarju skont il-paragrafu 1.b.ii u l-estensjoni(jiet) possibbli tagħha,

iii. Fażi ta' tnaqqis universali skont il-paragrafu 1.b.iii u l-estensjoni(jiet) possibbli tagħha,

iv. Fażi tal-ġbir tal-kontribuzzjoni tal-produttur skont il-paragrafu 1.c.

c. L-elementi li ġejjin tal-iskema volontarja għat-tnaqqis tal-produzzjoni skont il-paragrafu 1.b.ii:

i. Id-determinazzjoni tal-volumi massimi tal-provvista li għandhom jitnaqqsu fil-livell tal-UE fil-qafas tal-iskema ta' tnaqqis volontarju,

ii. Id-determinazzjoni tal-ammont li għandu jitħallas lill-produtturi għat-tnaqqis tal-volumi tagħhom kif ukoll tad-dettalji finanzjarji,

iii. Id-determinazzjoni tal-ammont tal-penali tar-responsabbiltà tas-suq li għandha titħallas mill-produtturi li jżidu l-provvista tagħhom matul il-fażi tat-tnaqqis,

Anness II – Parti IIIa (ġdida)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(8a) Fl-Anness II, tiżdied il-Parti IIIa li ġejja:
Anness II	"***Parti IIIa***
	Definizzjonijiet rigward is-settur tal-qanneb
	Qanneb tfisser il-pjanta Cannabis sativa L., tal-varjetajiet elenkati fil-Katalgu Komuni tal-Varjetajiet ta' Speċijiet ta' Pjanti Agrikoli mkabbra għaż-żrieragħ, għall-fjuri, għall-fibri, għall-iskald u għall-għeruq tagħha"

Or. en

(32013R1308)

Emenda 649
Eric Sargiacomo, Claire Fita

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8 a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 222a

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(8a) L-Artikolu 222a huwa sostitwit b'dan li ġej:
Osservatorji tas-swieq tal-Unjoni	"Osservatorji tas-swieq tal-Unjoni
1. Sabiex tittejjeb it-trasparenza fil-katina tal-provvista tal-ikel, biex jiġu infurmati l-għażliet tal-operaturi ekonomiċi u l-awtoritajiet pubbliċi, biex jiġi ffaċilitat il-monitoraġġ tal-iżviluppi tas-suq u t-theddid ta' tfixkil fis-suq, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi osservatorji tas-suq tal-Unjoni.	1. Sabiex tittejjeb it-trasparenza fil-katina tal-provvista tal-ikel, biex jiġu infurmati l-għażliet tal-operaturi ekonomiċi u l-awtoritajiet pubbliċi, biex jiġi ffaċilitat il-monitoraġġ tal-iżviluppi tas-suq u t-theddid ta' tfixkil fis-suq, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi osservatorji tas-suq tal-Unjoni.
2. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi għal liema setturi agrikoli minn dawk elenkati fl-Artikolu 1(2) għandhom jiġu stabbiliti l-osservatorji tas-suq tal-Unjoni.	2. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi għal liema setturi agrikoli minn dawk elenkati fl-Artikolu 1(2) għandhom jiġu stabbiliti l-osservatorji tas-suq tal-Unjoni***. Din tista' wkoll tiddeċiedi li tagħmel distinzjoni bejn il-produzzjonijiet skont jekk ikunux***

	organiċi jew le.
3. L-osservatorji tas-suq tal-Unjoni għandhom jagħmlu disponibbli d-data statistika u l-informazzjoni meħtieġa għall-monitoraġġ tal-iżviluppi tas-suq u t-theddid ta' tfixkil fis-suq, b'mod partikolari:	3. L-osservatorji tas-suq tal-Unjoni għandhom jagħmlu disponibbli d-data statistika u l-informazzjoni meħtieġa għall-monitoraġġ tal-iżviluppi tas-suq u t-theddid ta' tfixkil fis-suq, b'mod partikolari:
a) il-produzzjoni, il-provvista u l-ħażniet;	a) il-produzzjoni, il-provvista u l-ħażniet;
b) il-prezzijiet, l-ispejjeż u, sa fejn ikun possibbli, il-marġini ta' profitt fil-livelli kollha tal-katina tal-provvista tal-ikel;	b) il-prezzijiet, l-ispejjeż u, sa fejn ikun possibbli, il-marġini ta' profitt fil-livelli kollha tal-katina tal-provvista tal-ikel;
c) it-tbassir dwar l-iżviluppi tas-suq, fuq żmien qasir u medju;	c) it-tbassir dwar l-iżviluppi tas-suq, fuq żmien qasir u medju;
d) l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet ta' prodotti agrikoli, b'mod partikolari l-issodisfar tal-kwoti tariffarji għall-importazzjoni ta' prodotti agrikoli fl-Unjoni.	d) l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet ta' prodotti agrikoli, b'mod partikolari l-issodisfar tal-kwoti tariffarji għall-importazzjoni ta' prodotti agrikoli fl-Unjoni.
L-osservatorji tas-suq tal-Unjoni għandhom jipproduċu rapporti li jkun fihom l-elementi msemmija fl-ewwel subparagrafu.	L-osservatorji tas-suq tal-Unjoni għandhom jipproduċu rapporti li jkun fihom l-elementi msemmija fl-ewwel subparagrafu.
4. L-Istati Membri għandhom jiġbru l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 u jipprovduha lill-Kummissjoni.	4. L-Istati Membri għandhom jiġbru l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 u jipprovduha lill-Kummissjoni."

Or. fr

(02013R1308)

Emenda 650
Eric Sargiacomo, Claire Fita

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8b (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Artikolu 222ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8b) Jiddaħħal l-Artikolu 222c:
	"Artikolu 222c
	Pjanijiet ta' prevenzjoni u ġestjoni ta' tfixkil fis-suq

1. Sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-PAK imħabbra fl-Artikolu 39 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-objettiv ta' stabbilizzazzjoni tas-swieq, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi pjanijiet ta' prevenzjoni u ġestjoni għat-tfixkil fis-suq li jiddefinixxu l-istrateġija ta' intervent tagħha għal kull prodott agrikolu msemmi fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament.

2. Il-Kummissjoni tibbaża l-istrateġija ta' intervent tagħha fuq il-kompiti tal-osservatorji tas-swieq agrikoli tal-Unjoni Ewropea msemmija fl-Artikolu 222a.

3. Fil-każ ta' tfixkil fis-suq, il-Kummissjoni għandha timmobilizza b'mod f'waqtu u effiċjenti l-miżuri eċċezzjonali previsti fil-Parti V, il-Kapitolu I, meta applikabbli flimkien mal-miżuri ta' intervent fis-suq previsti fl-Parti II, it-Titolu I bl-għan li jerġa' jkun hemm bilanċ fis-suq ikkonċernat filwaqt li tipprovdi l-aktar rispons xieraq għal kull settur affettwat.

4. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi qafas tal-prestazzjoni li jippermetti l-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-pjanijiet ta' prevenzjoni u ġestjoni ta' tfixkil fis-suq waqt l-implimentazzjoni tagħhom u tistabbilixxi rapporti dwarhom.

5. Sat-30 ta' Novembru ta' kull sena, il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' prevenzjoni u ġestjoni tat-tfixkil fis-suq u t-titjib fl-istrateġija ta' intervent tagħha. Ir-rapport annwali għandu jiġi ppreżentat kull sena lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill u għandu jkollu l-għan li jevalwa l-prestazzjoni tal-pjan fir-rigward tal-impatt, l-effettività, l-effiċjenza, u l-koerenza tal-għodod previsti f'dan ir-Regolament, u jevalwa l-użu mill-Kummissjoni tal-prerogattivi tiegħu, u l-baġit, fir-rigward tal-monitoraġġ, il-prevenzjoni u l-ġestjoni tat-tfixkil fis-

suq.”

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Amendement 248 adapté du Parlement européen, adopté le 23 octobre 2020, à la proposition de règlement du Parlement européen et du Conseil modifiant les règlements (UE) nº 1308/2013 portant organisation commune des marchés dans le secteur des produits agricoles, (UE) nº 1151/2012 relatif aux systèmes de qualité applicables aux produits agricoles et aux denrées alimentaires, (UE) nº 251/2014 concernant la définition, la description, la présentation, l'étiquetage et la protection des indications géographiques des produits vinicoles aromatisés, (UE) nº 228/2013 portant mesures spécifiques dans le domaine de l'agriculture en faveur des régions ultrapériphériques de l'Union et (UE) nº 229/2013 portant mesures spécifiques dans le domaine de l'agriculture en faveur des îles mineures de la mer Égée (COM(2018)0394 – C8-0246/2018 – 2018/0218(COD))

Emenda 651
Stefano Bonaccini, Dario Nardella, Camilla Laureti

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8b (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Anness II – parti IIIa (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8b) Fl-Anness II, tiżdied il-Parti li ġejja:
	“Parti IIIa
	Definizzjoni rigward is-settur tal-qanneb
	“Qanneb” tfisser il-pjanta Cannabis sativa L. imkabbra għaż-żrieragħ, għall-fjuri, għall-iskald, għall-weraq u għall-għeruq tagħha, mill-varjetajiet elenkati fil-Katalgu Komuni tal-Varjetajiet ta' Speċijiet ta' Pjanti Agrikoli”;

Or. en

Emenda 652
Stefano Bonaccini, Dario Nardella, Camilla Laureti

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8c (ġdid)
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Anness II – parti IVa (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8c) Fl-Anness II, tiżdied il-Parti li ġejja:
	“Parti IVa
	Definizzjoni rigward is-settur tal-ħall
	1. L-isem “ħall” għandu jintuża biss għal prodott miksub esklużivament mill-proċess bijoloġiku ta’ fermentazzjoni doppja, alkoħolika u aċetuża, minn likwidi jew minn sustanzi oħra ta’ oriġini agrikola. Għandu dejjem jiġi segwit bl-indikazzjoni tal-materja prima użata. Bl-eċċezzjoni ta’ referenzi għal ingredjenti bi proprjetajiet aromatizzanti, l-indikazzjonijiet addizzjonali kollha huma pprojbiti.
	2. Minkejja l-paragrafu 1, l-isem “ħall” jista’ jkun parti minn denominazzjoni ta’ oriġini protetta rreġistrata jew minn indikazzjoni ġeografika protetta bi protezzjoni skont ir-Regolament (UE) 2024/1143, f’liema każ għandu jintuża f’konformità mar-regoli speċifiċi pprovduti mill-ispeċifikazzjonijiet u mir-regolamenti rilevanti tal-prodott.
	3. L-isem “ħall” ma għandux jintuża għal taħlitiet ta’ ħall u ta’ grad ta’ ikel ta’ aċidu aċetiku.
	4. Il-kontenut tal’ aċidu aċetiku tal-ħall, espress bħala l-aċidità totali tiegħu fi g/100 ml, għandu jingħata fuq it-tikketta bħala “... % aċidità”.”;

Or. en

Emenda 653
Bert-Jan Ruissen

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9 – punt a
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Anness X – punt 1 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-kuntratti ta' konsenja għandhom ***isiru qabel il-konsenja,*** bil-miktub għal kwantità speċifikata ta' pitravi.;	1. Il-kuntratti ta' konsenja għandhom bil-miktub għal kwantità speċifikata ta' pitravi.;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għandhom jinżammu d-dispożizzjonijiet attwali.

Emenda 654
Cristina Maestre, Elena Sancho Murillo, Eric Sargiacomo

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9 – punt a
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Anness X – punt I – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-kuntratti ta' konsenja għandhom isiru qabel il-konsenja, bil-miktub għal kwantità speċifikata ta' pitravi.;	1. Il-kuntratti ta' konsenja għandhom isiru qabel il-konsenja, bil-miktub għal kwantità speċifikata ta' pitravi.; ***L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li l-konsenja ta' prodotti tas-settur taz-zokkor minn jew lil operaturi oħra għandha tkun koperta minn kuntratt bil-miktub***;

Or. en

Emenda 655
Cristina Maestre, Stefano Bonaccini, Elena Sancho Murillo, Eric Sargiacomo

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9 – punt b
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Anness X – punt I – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

2. It-tul ta’ żmien tal-kuntratti ta’ konsenja jista’ jkun pluriennali. Fil-każ ta’ kuntratti b’tul ta’ żmien minimu ta’ ***aktar minn*** 6 xhur, ***il-kuntratt għandu jinkludi*** klawżola ta’ reviżjoni li tista’ tiġi skattata mill-bidwi, minn organizzazzjoni ta’ produtturi jew minn assoċjazzjoni ta’ organizzazzjonijiet ta’ produtturi.;	2. It-tul ta’ żmien tal-kuntratti ta’ konsenja jista’ jkun pluriennali. ***L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu,*** fil-każ ta’ kuntratti b’tul ta’ żmien minimu ta’ 6 xhur ***jew aktar***, ***li jinkludu*** klawżola ta’ reviżjoni li tista’ tiġi skattata mill-bidwi, minn organizzazzjoni ta’ produtturi jew minn assoċjazzjoni ta’ organizzazzjonijiet ta’ produtturi.;

Or. en

Emenda 656
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9 – punt b
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Anness X – punt I – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. It-tul ta’ żmien tal-kuntratti ta’ konsenja jista’ jkun pluriennali. Fil-każ ta’ kuntratti b’tul ta’ żmien minimu ta’ aktar minn 6 xhur, il-kuntratt għandu jinkludi klawżola ta’ reviżjoni li tista’ tiġi skattata mill-bidwi, minn organizzazzjoni ta’ produtturi jew minn assoċjazzjoni ta’ organizzazzjonijiet ta’ produtturi.”;	2. It-tul ta’ żmien tal-kuntratti ta’ konsenja jista’ jkun pluriennali. Fil-każ ta’ kuntratti b’tul ta’ żmien minimu ta’ aktar minn 6 xhur, il-kuntratt għandu jinkludi klawżola ta’ reviżjoni li tista’ tiġi skattata mill-bidwi, minn organizzazzjoni ta’ produtturi jew minn assoċjazzjoni ta’ organizzazzjonijiet ta’ produtturi. ***Din il-klawżola ta’ reviżjoni tista’ tiġi skattata fi kwalunkwe ħin mill-bidwi, organizzazzjoni ta’ produtturi jew assoċjazzjoni ta’ organizzazzjonijiet ta’ produtturi f’każijiet ta’ force majeure.***”;

Or. ro

Emenda 657
Paulo Do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9 – punt b
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Anness X – punt 1 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. It-tul ta’ żmien tal-kuntratti ta’ konsenja jista’ jkun pluriennali. Fil-każ ta’ kuntratti b’tul ta’ żmien minimu ta’ aktar minn 6 xhur, il-kuntratt għandu jinkludi klawżola ta’ reviżjoni li tista’ tiġi skattata mill-bidwi, minn organizzazzjoni ta’ produtturi jew minn assoċjazzjoni ta’ organizzazzjonijiet ta’ produtturi.;	2. It-tul ta’ żmien tal-kuntratti ta’ konsenja jista’ jkun pluriennali. Fil-każ ta’ kuntratti b’tul ta’ żmien minimu ta’ aktar minn 6 xhur ***(12-il xahar għas-setturi li jinnegozjaw bil-futuri, bħaċ-ċereali)***, il-kuntratt għandu jinkludi klawżola ta’ reviżjoni li tista’ tiġi skattata mill-bidwi, minn organizzazzjoni ta’ produtturi jew minn assoċjazzjoni ta’ organizzazzjonijiet ta’ produtturi.;

Or. pt

Emenda 658
Benoit Cassart, Christine Singer, Ciaran Mullooly

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9 – punt c
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Anness X – punt II – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) fil-Punt II, il-punt 2, jiżdied il-paragrafu li ġej:	***imħassar***
“Il-prezz għandu jiġi kkalkolat billi jiġu kkombinati diversi fatturi stabbiliti fil-kuntratt, li għandhom jinkludu indikaturi, indiċijiet jew metodi ta’ kalkolu oġġettivi tal-prezz finali, li huma faċilment aċċessibbli u komprensibbli u li jirriflettu l-bidliet fil-kundizzjonijiet tas-suq u fl-ispejjeż tal-produzzjoni, il-kwantitajiet ikkonsenjati u l-kwalità jew il-kompożizzjoni tal-pitravi taz-zokkor ikkonsenjati. Għal dak il-għan, l-Istati Membri jistgħu jiddeterminaw indikaturi, f’konformità ma’ kriterji oġġettivi bbażati fuq studji mwettqa dwar il-produzzjoni u l-katina tal-provvista tal-ikel. Il-partijiet għall-kuntratti huma liberi li jirreferu għal dawn l-indikaturi jew għal kwalunkwe indikatur ieħor li huma jqisu	

rilevanti.;”

Or. en

Emenda 659
Bert-Jan Ruissen

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9 – punt c
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Anness X – punt II – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) fil-Punt II, il-punt 2, jiżdied il-paragrafu li ġej:	***imħassar***
“Il-prezz għandu jiġi kkalkolat billi jiġu kkombinati diversi fatturi stabbiliti fil-kuntratt, li għandhom jinkludu indikaturi, indiċijiet jew metodi ta’ kalkolu oġġettivi tal-prezz finali, li huma faċilment aċċessibbli u komprensibbli u li jirriflettu l-bidliet fil-kundizzjonijiet tas-suq u fl-ispejjeż tal-produzzjoni, il-kwantitajiet ikkonsenjati u l-kwalità jew il-kompożizzjoni tal-pitravi taz-zokkor ikkonsenjati. Għal dak il-għan, l-Istati Membri jistgħu jiddeterminaw indikaturi, f’konformità ma’ kriterji oġġettivi bbażati fuq studji mwettqa dwar il-produzzjoni u l-katina tal-provvista tal-ikel. Il-partijiet għall-kuntratti huma liberi li jirreferu għal dawn l-indikaturi jew għal kwalunkwe indikatur ieħor li huma jqisu rilevanti.;”	

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għandhom jinżammu d-dispożizzjonijiet attwali dwar l-allokazzjoni tal-evoluzzjoni tal-prezzijiet u l-kondiviżjoni tal-valur fis-settur taz-zokkor tal-pitravi.

Emenda 660
Cristina Maestre, Elena Sancho Murillo, Eric Sargiacomo

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9 – punt c
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Anness X – punt II – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
"Il-prezz għandu jiġi kkalkolat billi jiġu kkombinati diversi fatturi stabbiliti fil-kuntratt, ***li għandhom jinkludu indikaturi, indiċijiet jew metodi ta' kalkolu oġġettivi tal-prezz finali, li huma faċilment aċċessibbli u komprensibbli u li jirriflettu l-bidliet fil-kundizzjonijiet tas-suq u fl-ispejjeż tal-produzzjoni, il-kwantitajiet*** ikkonsenjati u l-kwalità jew il-kompożizzjoni ***tal-pitravi taz-zokkor ikkonsenjati***. Għal dak il-għan, l-Istati Membri jistgħu jiddeterminaw indikaturi, f'konformità ma' kriterji oġġettivi bbażati fuq studji mwettqa dwar il-produzzjoni u l-katina tal-provvista tal-ikel. Il-partijiet għall-kuntratti huma liberi li jirreferu għal dawn l-indikaturi jew għal kwalunkwe indikatur ieħor li huma jqisu rilevanti.;	Il-prezz ***pagabbli għall-konsenja b'indikazzjoni espliċita tal-pagamenti kollha, inklużi l-iskontijiet applikabbli,*** għandu jiġi kkalkolat billi jiġu kkombinati diversi fatturi ***oġġettivi, verifikabbli u mhux manipulabbli*** stabbiliti fil-kuntratt, ***inklużi l-kwantitajiet*** ikkonsenjati u l-kwalità jew il-kompożizzjoni ***tal-prodotti kkonsenjati. Il-prezz pagabbli għandu jqis il-bidliet fil-kundizzjonijiet tas-suq u l-bidliet fl-elementi rilevanti tal-ispejjeż tal-produzzjoni***. Għal dak il-għan, l-Istati Membri jistgħu jiddeterminaw indikaturi, f'konformità ma' kriterji oġġettivi bbażati fuq studji mwettqa dwar il-produzzjoni u l-katina tal-provvista tal-ikel. Il-partijiet għall-kuntratti huma liberi li jirreferu għal dawn l-indikaturi jew għal kwalunkwe indikatur ieħor li huma jqisu rilevanti.;

Or. en

Emenda 661
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9 – punt c
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Anness X – punt II – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
"Il-prezz għandu jiġi kkalkolat billi jiġu kkombinati diversi fatturi stabbiliti fil-kuntratt, li għandhom jinkludu indikaturi, indiċijiet jew metodi ta' kalkolu oġġettivi tal-prezz finali, li huma faċilment aċċessibbli u komprensibbli u li jirriflettu l-bidliet fil-kundizzjonijiet tas-suq u fl-	"Il-prezz għandu jiġi kkalkolat billi jiġu kkombinati diversi fatturi stabbiliti fil-kuntratt, li għandhom jinkludu indikaturi, indiċijiet jew metodi ta' kalkolu oġġettivi tal-prezz finali, li huma faċilment aċċessibbli u komprensibbli u li jirriflettu l-bidliet fil-kundizzjonijiet tas-suq u fl-

ispejjeż tal-produzzjoni, il-kwantitajiet ikkonsenjati u l-kwalità jew il-kompożizzjoni tal-pitravi taz-zokkor ikkonsenjati. Għal dak il-għan, l-Istati Membri jistgħu jiddeterminaw indikaturi, f'konformità ma' kriterji oġġettivi bbażati fuq studji mwettqa dwar il-produzzjoni u l-katina tal-provvista tal-ikel. Il-partijiet għall-kuntratti huma liberi li jirreferu għal dawn l-indikaturi jew għal kwalunkwe indikatur ieħor li huma jqisu rilevanti.”***;***	ispejjeż tal-produzzjoni, il-kwantitajiet ikkonsenjati u l-kwalità jew il-kompożizzjoni tal-pitravi taz-zokkor ikkonsenjati. Għal dak il-għan, l-Istati Membri jistgħu jiddeterminaw indikaturi, f'konformità ma' kriterji oġġettivi bbażati fuq studji mwettqa dwar il-produzzjoni u l-katina tal-provvista tal-ikel. ***Dawn l-indikaturi għandhom jiġu ddefiniti fil-livell reġjonali u/jew nazzjonali u jiġu ppubblikati online biex jintużaw fil-kuntratti.*** Il-partijiet għall-kuntratti għandhom ikunu liberi li jirreferu għal dawn l-indikaturi jew għal kwalunkwe indikatur ieħor li huma jqisu rilevanti.”

Or. ro

Emenda 662
Anna Strolenberg
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9 – punt c
Regolament (UE) Nru 1308/2013
Anness X – Punt II – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-prezz għandu jiġi kkalkolat billi jiġu kkombinati diversi fatturi stabbiliti fil-kuntratt, li għandhom jinkludu indikaturi, indiċijiet jew metodi ta' kalkolu oġġettivi tal-prezz finali, li huma faċilment aċċessibbli u komprensibbli u li jirriflettu l-bidliet fil-kundizzjonijiet tas-suq u fl-ispejjeż tal-produzzjoni, il-kwantitajiet ikkonsenjati u l-kwalità jew il-kompożizzjoni tal-pitravi taz-zokkor ikkonsenjati. Għal dak il-għan, l-Istati Membri jistgħu jiddeterminaw indikaturi, f'konformità ma' kriterji oġġettivi bbażati fuq studji mwettqa dwar il-produzzjoni u l-katina tal-provvista tal-ikel. Il-partijiet għall-kuntratti huma liberi li jirreferu għal dawn l-indikaturi jew għal kwalunkwe	Il-prezz għandu jiġi kkalkolat billi jiġu kkombinati diversi fatturi stabbiliti fil-kuntratt, li għandhom jinkludu indikaturi, indiċijiet jew metodi ta' kalkolu oġġettivi tal-prezz finali, li huma faċilment aċċessibbli u komprensibbli u li jirriflettu l-bidliet fil-kundizzjonijiet tas-suq u fl-ispejjeż tal-produzzjoni, ***u inkluża remunerazzjoni ġusta***, il-kwantitajiet ikkonsenjati u l-kwalità jew il-kompożizzjoni tal-pitravi taz-zokkor ikkonsenjati. Għal dak il-għan, l-Istati Membri jistgħu jiddeterminaw indikaturi, f'konformità ma' kriterji oġġettivi bbażati fuq studji mwettqa dwar il-produzzjoni u l-katina tal-provvista tal-ikel. Il-partijiet għall-kuntratti huma liberi li jirreferu għal dawn l-indikaturi jew għal kwalunkwe

indikatur ieħor li huma jqisu rilevanti.;	indikatur ieħor li huma jqisu rilevanti.;

Or. en

Emenda 663
Esther Herranz García

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt -1 (ġdid)
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 49 – paragrafu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
	-1 l-Artikolu 49 huwa emendat kif ġej:
Artikolu 49	“Artikolu 49
Objettivi fis-settur tal-frott u l-ħxejjex	Objettivi fis-settur tal-frott u l-ħxejjex
L-Istati Membri għandhom isegwu wieħed jew aktar mill-objettivi li jinsabu fl-Artikolu 46 fis-settur tal-frott u l-ħxejjex imsemmi fl-Artikolu 42, punt (a). L-objettivi li jinsabu fl-Artikolu 46, punti (g), (h), (i) u (k), għandhom ikopru l-prodotti kemm jekk f’forma friska kif ukoll jekk ipproċessata, filwaqt li l-objettivi li jinsabu fil-punti l-oħra ta’ dak l-Artikolu għandhom ikopru biss prodotti f’forma friska.	L-Istati Membri għandhom isegwu wieħed jew aktar mill-objettivi li jinsabu fl-Artikolu 46 fis-settur tal-frott u l-ħxejjex imsemmi fl-Artikolu 42, punt (a). L-objettivi li jinsabu fl-Artikolu 46, punti ***(d), (e), (f),*** (g), (h), (i) u (k), għandhom ikopru l-prodotti kemm jekk f’forma friska kif ukoll jekk ipproċessata, filwaqt li l-objettivi li jinsabu fil-punti l-oħra ta’ dak l-Artikolu għandhom ikopru biss prodotti f’forma friska.”

Or. en

(32021R2115)

Ġustifikazzjoni

Huwa inkonsistenti mal-objettivi ambjentali u klimatiċi l-ġodda tal-PAK li l-frott u l-ħxejjex ipproċessati jiġu esklużi minn dawn l-objettivi.

Emenda 664
Cristina Maestre, Dario Nardella, Stefano Bonaccini, Elena Sancho Murillo, Eric Sargiacomo, Camilla Laureti

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 52 – paragrafu 5a – sentenza introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5a. Il-limitu ta' 50 % previst fil-paragrafu 1 għandu jiżdied għal ***60 %*** għan-nefqa marbuta mal-objettivi msemmija fl-Artikolu 46, il-punti (a), (b) jew (c), jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:	5a. Il-limitu ta' 50 % previst fil-paragrafu 1 għandu jiżdied għal ***70 %*** għan-nefqa marbuta mal-objettivi msemmija fl-Artikolu 46, il-punti (a), (b) jew (c), jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

Or. en

Emenda 665
Esther Herranz García

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 52 – paragrafu 5a – sentenza introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5a. Il-limitu ta' 50 % previst fil-paragrafu 1 għandu jiżdied għal ***60 %*** għan-nefqa marbuta ***mal-objettivi*** msemmija fl-Artikolu 46***, il-punti (a), (b) jew (c)***, jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:	5a. Il-limitu ta' 50 % previst fil-paragrafu 1 għandu jiżdied għal ***80 %*** għan-nefqa marbuta ma' wieħed jew aktar ***mill-objettivi*** msemmija fl-Artikolu 46, jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-integrazzjoni ta' bdiewa ġodda u żgħażagħ hija prijorità.

Emenda 666
Esther Herranz García

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 52 – paragrafu 5a – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) in-nefqa hija relatata ma' investimenti f'assi tanġibbli u intanġibbli kif imsemmi fl-Artikolu 47(1), il-punt (a)***, magħmula minn bdiewa żgħażagħ jew minn bdiewa ġodda, li jissieħbu għall-ewwel darba f'organizzazzjoni ta' produtturi rikonoxxuta skont ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013***;	(a) in-nefqa hija relatata ma' investimenti f'assi tanġibbli u intanġibbli kif imsemmi fl-Artikolu 47(1), il-punt (a);

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ma għandux ikun obbligatorju li l-investiment isir mill-bidwi ġdid jew żagħżugħ, normalment "isir" mill-OP stess (il-kundizzjoni "ġewwa l-bini tal-membru żagħżugħ/ġdid" għandha tkun biżżejjed biex tiżgura li l-benefiċjarju ewlieni jkun il-bidwi żagħżugħ).

Emenda 667
Esther Herranz García

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 52 – paragrafu 5a – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-investimenti msemmija fil-punt (a) isiru fl-azjenda ta' dawn il-bdiewa żgħażagħ jew bdiewa ġodda bħala parti mill-ewwel programm operazzjonali tagħhom**.**;	(b) l-investimenti msemmija fil-punt (a) isiru fl-azjenda ta' dawn il-bdiewa żgħażagħ jew bdiewa ġodda ***li jingħaqdu ma' organizzazzjoni ta' produtturi rikonoxxuta skont ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 għall-ewwel darba,*** bħala parti mill-ewwel programm operazzjonali tagħhom ***u matul [7] snin wara d-data li fiha l-bdiewa żgħażagħ jew il-bdiewa ġodda ngħaqdu mal-OP***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Is-sostituzzjoni tal-kundizzjoni "l-ewwel OP tagħhom" għal għadd ta' snin (sabiex ma ssirx ħsara lill-produttur żagħżugħ/ġdid li jingħaqad ma' PO fi żmien meta l-PO ikun qed jispiċċa). Dan ikompli jinkoraġġixxi lil bdiewa ġodda u żgħażagħ u jagħti flessibbiltà akbar fil-

pjanifikazzjoni tal-investimenti fl-ewwel snin.

Emenda 668
Anna Strolenberg, David Cormand
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 52 – paragrafu 5a – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) in-nefqa tiġġarrab fi programm operazzjonali implimentat minn organizzazzjoni ta' produtturi magħmula minn produtturi ta' prodotti organiċi;

Or. en

Emenda 669
Esther Herranz García

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1 – punt c
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 52 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Il-limitu ta' 50 % previst fil-paragrafu 1 għandu jiżdied għal 70 % tan-nefqa reali mġarrba f'sena partikolari għall-programmi operazzjonali implimentati minn organizzazzjonijiet ta' produtturi jew assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi u huma affettwati f'din is-sena partikolari minn eventi klimatiċi avversi, diżastri naturali, mard tal-pjanti ***jew*** infestazzjonijiet ta' pesti li għandhom jiġu identifikati mill-Istati Membri.;	7. Il-limitu ta' 50 % previst fil-paragrafu 1 għandu jiżdied għal 70 % tan-nefqa reali mġarrba f'sena partikolari għall-programmi operazzjonali implimentati minn organizzazzjonijiet ta' produtturi jew assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi u huma affettwati f'din is-sena partikolari minn eventi klimatiċi avversi, diżastri naturali, mard tal-pjanti***,*** infestazzjonijiet ta' pesti ***jew kundizzjonijiet avversi eċċezzjonali oħra li joħolqu disturbi severi fis-suq*** li għandhom jiġu identifikati mill-Istati Membri ***u ddefiniti mill-Kummissjoni Ewropea permezz tal-adozzjoni ta' atti***

delegati f'konformità mal-Artikolu 152;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din ir-rata ogħla ta' kofinanzjament għandha tiġi applikata wkoll fil-każ ta' "kundizzjonijiet avversi eċċezzjonali oħra" (kif ġara fil-passat: eż. il-każ tal-impatt tal-Ukrajna).

Permezz ta' atti delegati jew linji gwida, il-Kummissjoni għandha tiddefinixxi x'jitqies bħala "eventi klimatiċi avversi", "diżastri naturali", "mard tal-pjanti" jew "infestazzjonijiet ta' pesti", sabiex il-kundizzjonijiet tal-applikazzjoni f'kull pajjiż ikunu omoġenji.

Emenda 670
Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1 – punt c
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 52 – paragrafu 7 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7a. Barra minn hekk, il-limitu msemmi fil-paragrafu 1 jiżdied għal 75 % fil-każ ta' investimenti għad-difiża attiva.

Or. it

Ġustifikazzjoni

Fid-dawl tal-eventi klimatiċi avversi li qed isiru dejjem aktar frekwenti, huwa essenzjali li jiġu appoġġati miżuri ta' difiża attivi tal-għelejjel, li jaġixxu għalhekk fuq l-aspett tal-protezzjoni tal-għelejjel.

Emenda 671
Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1 – punt c
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 52 – paragrafu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

	7a. Dan jista' jiġi estiż għall-prodotti kollha koperti mill-Artikoli 42 sa 68 tar-Regolament 2021/2115.

Or. en

Emenda 672
Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 68 – paragrafu 2a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2a. L-Artikolu 52(3), il-punti (a) sa (d) u (f) sa ***(h)***, u l-Artikolu 52(5a) ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw mutatis mutandis.”;	2a. L-Artikolu 52(3), il-punti (a) sa (d) u (f) sa ***(i)***, u l-Artikolu 52(5a) ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw mutatis mutandis.”;

Or. en

Emenda 673
Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 88 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Fl-Artikolu 88, il-paragrafu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:	***imħassar***
“7.	
Mill-2025, l-Istati Membri jistgħu jirrieżaminaw id-deċiżjonijiet tagħhom imsemmija fil-paragrafu 6 bħala parti minn talba għal emenda tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom magħmula f'konformità mal-Artikolu 119 u jiddeċiedu li jużaw sa 6 % tal-allokazzjonijiet tagħhom għall-pagamenti	

diretti stabbiliti fl-Anness V, meta rilevanti wara t-tnaqqis tal-allokazzjonijiet għall-qoton stabbiliti fl-Anness VIII, għal tipi ta' intervent f'setturi oħrajn imsemmija fit-Titolu III, il-Kapitolu III, it-Taqsima 7.

L-ammont li jikkorrispondi għall-perċentwal tal-allokazzjonijiet tal-Istati Membri għal pagamenti diretti msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu u użati għal tipi ta' intervent f'setturi oħrajn għal sena finanzjarja partikolari għandu jitqies li huwa allokazzjoni tal-Istati Membri għal kull sena finanzjarja għal tipi ta' intervent f'setturi oħrajn."

Or. it

Ġustifikazzjoni

Ma għandux jiġi previst aktar tnaqqis fil-pagamenti diretti, li, sal-lum, jirrappreżenta l-uniku appoġġ għad-dħul ipprovdut direttament lill-bdiewa u li matul is-snin ġarrbu tnaqqis importanti minħabba r-ristrutturar progressiv tal-PAK, sal-effett tal-inflazzjoni fuq l-aħħar perjodu ta' programmazzjoni.

Emenda 674
Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 88 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) fl-Artikolu 88, il-paragrafu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:	***imħassar***
"7.	
Mill-2025, l-Istati Membri jistgħu jirrieżaminaw id-deċiżjonijiet tagħhom imsemmija fil-paragrafu 6 bħala parti minn talba għal emenda tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom magħmula f'konformità mal-Artikolu 119 u jiddeċiedu li jużaw sa 6 % tal-	

allokazzjonijiet tagħhom għall-pagamenti diretti stabbiliti fl-Anness V, meta rilevanti wara t-tnaqqis tal-allokazzjonijiet għall-qoton stabbiliti fl-Anness VIII, għal tipi ta' intervent f'setturi oħrajn imsemmija fit-Titolu III, il-Kapitolu III, it-Taqsima 7.

L-ammont li jikkorrispondi għall-perċentwal tal-allokazzjonijiet tal-Istati Membri għal pagamenti diretti msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu u użati għal tipi ta' intervent f'setturi oħrajn għal sena finanzjarja partikolari għandu jitqies li huwa allokazzjoni tal-Istati Membri għal kull sena finanzjarja għal tipi ta' intervent f'setturi oħrajn.".

Or. en

Emenda 675
Eric Sargiacomo, Claire Fita

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3
Regolament (UE) Nru 2021/2115
Artikolu 88 – paragrafu 7 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Mill-2025, l-Istati Membri ***jistgħu*** jirrieżaminaw id-deċiżjonijiet tagħhom imsemmija fil-paragrafu 6 bħala parti minn talba għal emenda tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom magħmula f'konformità mal-Artikolu 119 u ***jiddeċiedu li*** jużaw sa 6 % tal-allokazzjonijiet tagħhom għall-pagamenti diretti stabbiliti fl-Anness V, meta rilevanti wara t-tnaqqis tal-allokazzjonijiet għall-qoton stabbiliti fl-Anness VIII, għal tipi ta' intervent f'setturi oħrajn imsemmija fit-Titolu III, il-Kapitolu III, it-Taqsima 7.	Mill-2025, l-Istati Membri ***jeħtiġilhom*** jirrieżaminaw id-deċiżjonijiet tagħhom imsemmija fil-paragrafu 6 bħala parti minn talba għal emenda tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom magħmula f'konformità mal-Artikolu 119 u ***jeħtiġilhom*** jużaw ***minimu ta' 3 % u*** sa 6 % tal-allokazzjonijiet tagħhom għall-pagamenti diretti stabbiliti fl-Anness V, meta rilevanti wara t-tnaqqis tal-allokazzjonijiet għall-qoton stabbiliti fl-Anness VIII, għal tipi ta' intervent f'setturi oħrajn imsemmija fit-Titolu III, il-Kapitolu III, it-Taqsima 7. ***Meta l-grad ta' organizzazzjoni tal-produtturi, kif definit fl-Artikolu 52, ikun ogħla minn 50 %, għall-prodotti kollha***

elenkati fl-Artikolu 1, il-paragrafu 2, tar-Regolament (UE) 1308/2013, l-Istati Membri jistgħu tal-inqas jagħmlu deroga.

Or. fr

Emenda 676
Barry Cowen, Asger Christensen, Christine Singer, Charles Goerens

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3
Regolament (UE) 2115/2021
Artikolu 88 – paragrafu 7 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Mill-2025, l-Istati Membri jistgħu jirrieżaminaw id-deċiżjonijiet tagħhom imsemmija fil-paragrafu 6 bħala parti minn talba għal emenda tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom magħmula f'konformità mal-Artikolu 119 u jiddeċiedu li jużaw sa 6 % tal-allokazzjonijiet tagħhom għall-pagamenti diretti stabbiliti fl-Anness V, meta rilevanti wara t-tnaqqis tal-allokazzjonijiet għall-qoton stabbiliti fl-Anness VIII, għal tipi ta' intervent f'setturi oħrajn imsemmija fit-Titolu III, il-Kapitolu III, it-Taqsima 7.	Mill-2025, l-Istati Membri jistgħu jirrieżaminaw id-deċiżjonijiet tagħhom imsemmija fil-paragrafu 6 bħala parti minn talba għal emenda tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom magħmula f'konformità mal-Artikolu 119 u jiddeċiedu li jużaw sa 6 % tal-allokazzjonijiet tagħhom għall-pagamenti diretti stabbiliti fl-Anness V, meta rilevanti wara t-tnaqqis tal-allokazzjonijiet għall-qoton stabbiliti fl-Anness VIII, għal tipi ta' intervent f'setturi oħrajn imsemmija fit-Titolu III, il-Kapitolu III, it-Taqsima 7***, dment li deċiżjoni bħal din ma taffettwax ħażin il-livell ta' appoġġ bażiku għall-introjtu għas-sostenibbiltà***.

Or. en

Emenda 677
Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 88 – paragrafu 7 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

Mill-2025, l-Istati Membri jistgħu jirrieżaminaw id-deċiżjonijiet tagħhom imsemmija fil-paragrafu 6 bħala parti minn talba għal emenda tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom magħmula f'konformità mal-Artikolu 119 u jiddeċiedu li jużaw sa 6 % tal-allokazzjonijiet tagħhom għall-pagamenti diretti stabbiliti fl-Anness V, meta rilevanti wara t-tnaqqis tal-allokazzjonijiet għall-qoton stabbiliti fl-Anness VIII, għal tipi ta' intervent f'setturi oħrajn imsemmija fit-Titolu III, il-Kapitolu III, it-Taqsima 7.	Mill-2025, l-Istati Membri jistgħu jirrieżaminaw id-deċiżjonijiet tagħhom imsemmija fil-paragrafu 6 bħala parti minn talba għal emenda tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom magħmula f'konformità mal-Artikolu 119 u jiddeċiedu li jużaw sa 6 % tal-allokazzjonijiet tagħhom għall-pagamenti diretti stabbiliti fl-Anness V, meta rilevanti wara t-tnaqqis tal-allokazzjonijiet għall-qoton stabbiliti fl-Anness VIII, għal tipi ta' intervent f'setturi oħrajn imsemmija fit-Titolu III, il-Kapitolu III, it-Taqsima 7***, filwaqt li jiġi evitat impatt negattiv fuq l-appoġġ bażiku għall-introjtu għas-sostenibbiltà***.
	Or. en

Emenda 678
Csaba Dömötör

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3
Regolament (UE) 2021/2115
Artikolu 88 – paragrafu 7 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Mill-2025, l-Istati Membri jistgħu jirrieżaminaw id-deċiżjonijiet tagħhom imsemmija fil-paragrafu 6 bħala parti minn talba għal emenda tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom magħmula f'konformità mal-Artikolu 119 u jiddeċiedu li jużaw sa 6 % tal-allokazzjonijiet tagħhom għall-pagamenti diretti stabbiliti fl-Anness V, meta rilevanti wara t-tnaqqis tal-allokazzjonijiet għall-qoton stabbiliti fl-Anness VIII, għal tipi ta' intervent f'setturi oħrajn imsemmija fit-Titolu III, il-Kapitolu III, it-Taqsima 7.	Mill-2025, l-Istati Membri jistgħu jirrieżaminaw id-deċiżjonijiet tagħhom imsemmija fil-paragrafu 6 bħala parti minn talba għal emenda tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom magħmula f'konformità mal-Artikolu 119 u jiddeċiedu li jużaw sa 6 % tal-allokazzjonijiet tagħhom għall-pagamenti diretti stabbiliti fl-Anness V, meta rilevanti wara t-tnaqqis tal-allokazzjonijiet għall-qoton stabbiliti fl-Anness VIII, għal tipi ta' intervent f'setturi oħrajn imsemmija fit-Titolu III, il-Kapitolu III, it-Taqsima 7***, filwaqt li jiġi evitat impatt negattiv fuq l-appoġġ bażiku għall-introjtu għas-sostenibbiltà***.
	Or. en

Emenda 679
Christine Singer

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1
Regolament (UE) 2021/2116
Artikolu 16 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fl-Artikolu 16(1), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2021/2116, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:	***imħassar***
"(b) miżuri eċċezzjonali skont l-Artikoli 219, 220, 221 u 222 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013."	

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-riżerva agrikola, b'EUR 450 miljun fis-sena, ma tistax tassorbi b'mod adegwat l-iżbilanċi tas-suq skont l-Artikolu 222. Dan joħloq aspettattivi foloz u jikkanibalizza l-għajnuna eżistenti għal miżuri eċċezzjonali.

Emenda 680
Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1
Regolament (UE) 2021/2116
Artikolu 16 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) miżuri eċċezzjonali skont l-Artikoli 219, 220***, 221 u 222*** tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.	(b) miżuri eċċezzjonali skont l-Artikoli 219, 220 ***u 221*** tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

Or. en

Emenda 681
Salvatore De Meo

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1
Regolament (UE) 2021/2116
Artikolu 16 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b) miżuri eċċezzjonali skont l-Artikoli 219, 220***, 221 u 222*** tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.	b) miżuri eċċezzjonali skont l-Artikoli 219, 220 ***u 221*** tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

Or. it

Ġustifikazzjoni

Kif previst mill-Artikolu 222, dan diġà jista' jiġi ffinanzjat mill-Pjanijiet Operattivi. Ma għandux jiġi previst aktar tnaqqis fil-pagamenti diretti, li, sal-lum, jirrappreżenta l-uniku appoġġ għad-dħul ipprovdut direttament lill-bdiewa u li matul is-snin ġarrbu tnaqqis importanti minħabba r-ristrutturar progressiv tal-PAK, sal-effett tal-inflazzjoni fuq l-aħħar perjodu ta' programmazzjoni.

Emenda 682
Carlo Fidanza, Sergio Berlato

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1
Regolament (UE) 2021/2116
Artikolu 16 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) miżuri eċċezzjonali skont l-Artikoli 219, 220**,** 221 ***u 222*** tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.	(b) miżuri eċċezzjonali skont l-Artikoli 219, 220 ***u*** 221 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-dispożizzjoni tal-Artikolu 222 tista' tkun diġà ffinanzjata minn pjanijiet operazzjonali. Ma għandu jiġi previst l-ebda tnaqqis ulterjuri fil-Pagamenti Diretti, li sal-lum, jirrappreżentaw l-uniku appoġġ għall-introjtu pprovdut direttament lill-bdiewa u li matul is-snin ġarrbu tnaqqis kbir bħala riżultat tar-ristrutturar progressiv tal-PAK, sal-effett tal-inflazzjoni fuq l-aħħar perjodu ta' programmazzjoni (-EUR 85 biljun għall-bdiewa Ewropej).

Emenda 683
Barry Cowen

Proposta għal regolament
Artikolu 3a (ġdid)
Regolament (UE) 2024/1143
Artikolu 37 – punt 5

Test fis-seħħ	*Emenda*
	Artikolu 3a (ġdid)
	Emenda tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/1143
	Ir-Regolament (UE) 2024/1143 huwa emendat kif ġej:
	"***Fl-Artikolu 37, il-punt 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:***
5. Meta l-prodotti agrikoli jiġu identifikati b'indikazzjoni ġeografika, indikazzjoni tal-isem tal-produttur jew tal-operatur għandha tidher fuq it-tikketta fl-istess kamp viżiv bħall-indikazzjoni ġeografika. F'dak il-każ, l-isem tal-operatur għandu jinftiehem bħala l-isem tal-operatur responsabbli għall-istadju tal-produzzjoni li fih jinkiseb il-prodott li għandu jkun kopert mill-indikazzjoni ġeografika, jew responsabbli għat-twettiq ta' pproċessar sostanzjali ta' dak il-prodott.	
Fil-każ ta' xorb spirituż identifikat minn indikazzjoni ġeografika, indikazzjoni tal-isem tal-produttur għandha tidher fuq it-tikketta fl-istess kamp viżiv bħall-indikazzjoni ġeografika.	5. Meta l-prodotti agrikoli jiġu identifikati b'indikazzjoni ġeografika, indikazzjoni tal-isem tal-produttur jew tal-operatur għandha tidher fuq it-tikketta fl-istess kamp viżiv bħall-indikazzjoni ġeografika. F'dak il-każ, l-isem tal-operatur għandu jinftiehem bħala l-isem tal-operatur responsabbli għall-istadju tal-produzzjoni li fih jinkiseb il-prodott li għandu jkun kopert mill-indikazzjoni ġeografika, jew responsabbli għat-twettiq ta' pproċessar sostanzjali ta' dak il-prodott.
Meta l-imballaġġ jew il-kontenituri jkollhom bħala l-akbar wiċċ tagħhom dak deskritt fl-Artikolu 16(2) tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011, l-indikazzjoni tal-isem tal-produttur jew tal-operatur għandha tkun volontarja.	Meta l-imballaġġ jew il-kontenituri jkollhom bħala l-akbar wiċċ tagħhom dak deskritt fl-Artikolu 16(2) tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011, l-indikazzjoni tal-isem tal-produttur jew tal-operatur għandha tkun volontarja.
Il-prodotti agrikoli ***u x-xorb spirituż*** li huma kkummerċjalizzati b'indikazzjoni ġeografika, li ġew ittikkettati qabel l-14 ta'	Il-prodotti agrikoli li huma kkummerċjalizzati b'indikazzjoni ġeografika, li ġew ittikkettati qabel l-14 ta'

Mejju 2026, jistgħu jibqgħu jiġu introdotti fis-suq mingħajr ma jikkonformaw mal-obbligu li jindikaw l-isem tal-produttur jew tal-operatur fl-istess kamp viżiv bħall-indikazzjoni ġeografika, sakemm jispiċċaw il-ħażniet eżistenti.	Mejju 2026, jistgħu jibqgħu jiġu introdotti fis-suq mingħajr ma jikkonformaw mal-obbligu li jindikaw l-isem tal-produttur jew tal-operatur fl-istess kamp viżiv bħall-indikazzjoni ġeografika, sakemm jispiċċaw il-ħażniet eżistenti.”

Or. en

(32024R1143)

Emenda 684
Norbert Lins, Lena Düpont, Marion Walsmann, Christine Schneider, Stefan Köhler

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Artikolu 1, il-punti (2) u (6) għandhom japplikaw minn [***+18-il xahar***].	L-Artikolu 1, il-punti (2) u (6) għandhom japplikaw minn [***+24 xahar***].

Or. de

Emenda 685
Anna Strolenberg
f’isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Artikolu 1, il-punti (2) u (6) għandhom japplikaw minn [***18-il*** xahar].	L-Artikolu 1, il-punti (2) u (6) għandhom japplikaw minn [***12-il*** xahar].

Or. en